Ħarġa nru. 52 - Lulju 2011

B'XEJN ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



**Valletta** jirbħu l-ewwel unur tal-istaġun, paġna 6



**L-Onorevoli Clyde Puli** intervistat minn Sportiv, paġna 18



**Inizjattiva** Għoti tad-demm mill-Isportivi paġna 20

## Kampjonati Mondjali U/21 tal-Pool 2011

# Malta Champions tad-Dinja

» Aktar f'paġna 38



• FUTBOL • ŻWIEMEL • TABLE-TENNIS
• KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT • STORJA TAR-REGATTA
• STORJA TAL-FUTBOL MALTI • POOL • SNOOKER • MOTO GP
• FORMULA 1 • WATERPOLO • BEACHSOCCER

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops
IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' EUROSPORT


www.volkswagen.com.mt
Ever noticed the cars you had most fun in never had roofs?
WOB GC 114
The Golf among the cabrios. The new Golf Cabriolet from €21,900.
You have never cleared your head this fast. The electro-hydraulic soft top opens within 9 seconds. And to keep the driving pleasure going the top can be operated on the move, at speeds of up to 30 km/h. Now there's only one thing left to do: lean back and enjoy the view and discover all the other things that make this car the Golf among the cabrios.
VW - Malta
Das Auto.
This vehicle qualifies for the government scrappage and first time buyer's scheme.
Continental Cars Ltd, Princess Margaret Street, Msida, MSD1330 | Sales: 23476 315/6/7 | Mobile: 9943 3330 | E-Mail: vw@ccl.mizzi.com.mt
Mizzi Motors Showroom, Mġarr Road, Ghajnsielem, GSM9016 | Sales: 2155 6942 | Mobile: 99782000 | E-Mail: jcassar@mizzimotors.com.mt



## Lulju

Filwaqt li ninsabu fl-eqqel tas-sajf fejn kulħadd igawdi l-btajjel fuq ix-xtut madwar il-gżira tagħna, l-amministraturi tal-klabbs tad-dixxiplini rispettivi jinsabu jippreparaw bis-sħiħ lit-timijiet tagħhom għall-bidu tal-Kampjonat.

Fil-futbol, dan l-istaġun il-Kampjonati Nazzjonali se jibdew jintlagħbu fil-format il-ġdid tagħhom wara r-riformi li saru matul l-istaġun li għadda u li ġew approvati b'mod unanimu mill-klabbs rispettivi.

Il-partiti ta' filgħodu, tat-Tieni u t-Tielet Diviżjoni, se jinqatgħu għal kollox biex se jibdew jintlagħbu wara nofsinhar f'bosta grawnds reġjonali fosthom dawk ta' Mosta, St. Andrew's, Sirens u Rabat (Mtarfa).

Fuq nota mill-aktar pożittiva, f'isem id-dilettanti sportivi, dan il-magażin isellem lit-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena tal-Pool li rnexxielu jikteb l-aktar paġna glorjuża b'ittri tad-deheb meta rebaħ il-Kampjonat Mondjali li ntlagħab, fi Blackpool, fl-Ingilterra.

Dan il-magażin jifraħ ukoll lil dawk il-parteċipanti tal-Ispecial Olympics, f'Ateni, fejn inkisbu minn fost l-aqwa riżultati.

Jesmond Moore - Editur




# Irbaħ ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ l-unur tal-Aħjar Plejer tal-MFA għall-istaġun 2010/11?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Awwissu, 2011: **Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 51 hija:*
**Greċja**
*u r-rebbieħa huma (1) Charles Cirillo - Hamrun (2) Jerome Mizzi - Fgura (3) Mariella Gatt - Hamrun*




2




1




3






# FOR SALE

TAL-MILLIERI GHAXAQ

APARTMENTS & MAISONETTES

STARTING PRICE - €83,860

FOR FURTHER INFORMATION PLEASE CONTACT L&A PROPERTIES - 79428839 | 79495181 | 21800214

www.laproperties.com.mt










SPORTIV

Harġa nru 52
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Zen Publishing**
113 'Bapu' Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Tel: 27200233 Fax: 2123 8313

Pubblikatur
Paul Falzon

Editur
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

Reklamar
Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com

Disinn
Zen Grafiks

Ritratti
Stephen Gatt

*Cover - It-tim ta' Malta ta' Taħt il-21 sena tal-Pool li sar champion tad-dinja liema tournament sar fi Blackpool, fl-Ingilterra*

SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta

# Werrej

4 **Analiżi**
Esperjenza differenti mit-timijiet Maltin

6 **Euro Cup**
Valletta jirbħu l-ewwel unur tal-istaġun

8 **European Cup**
Valletta jaslu sat-Tieni Rawnd Preliminari

14 **MFA Awards**
Roderick Briffa l-Aħjar Plejer tal-istaġun 2010/11

16 **YFA**
Staġun sabiħ ta' futbol u emozzjonijiet ...

18 **Intervista**
L-Onor. Clyde Puli, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport

20 **Għoti tad-demm**
It-tim tan-Nisa ta' Birkirkara f'inizjattiva għal kawża ġusta

22 **KMS**
Skema ta' fondi għal Għaqdiet mhux Olimpiċi

29 **Beach Soccer**
Jingħata bidu għall-Beach Soccer

30 **Waterpolo**
Neptunes jirbħu s-Super Cup

32 **Gozo Sports**
Fi żmien sena Għawdex ser ikollu Stadium ieħor ġdid

34 **Table Tennis**
Suċċess kbir għall-Academy Tibhar

36 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
L-isport li ma jistriħx

38 **Snooker & Pool**
Malta champions tad-dinja fil-Kampjonat Mondjali U/21

40 **Formula 1**
Sebastien Vettel u Redbull ikomplu jiddominaw

42 **Moto GP**
Jorge Lorenzo jnaqqas id-distakk fil-konfront ta' Casey Stoner

44 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Floriana jegħlbu lil Valletta u jitilgħu waħedhom fil-quċċata

48 **Storja tar-Regatta**
It Tiġrija tal Vitorja

51 **Barriers to exercise**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

52 **Spot the Ball u Tisliba**
Irbaħ ma' SPORTIV

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

maltafootball.com

# Esperjenzi differenti mit-timijiet Maltin fil-kompetizzjonijiet Ewropej



William Barbosa (Valletta) attakkat mid-difiża ta' FK Ekranas

L-attenzjoni prinċipali matul dan ix-xahar kienet il-parteċipazzjoni tat-tliet timijiet Maltin fil-kompetizzjonijiet Ewropej - Valletta fil-UEFA Champions League u Birkirkara u Floriana fil-UEFA Europa League.

Bdejna fuq nota mill-aktar pożittiva meta fl-ewwel leg tal-ewwel rawnd preliminari, Valletta marru San Marino u ħarġu rebbieħa bl-iskor kbir ta' 3-0 fuq SP Tre Fiori.

Il Beltin, tant iddominaw lill avversarji li l-iskor seta' faċilment kien akbar.

It-tieni leg, fil-Hibernians Stadium, kien biss formalità meta t-tim immexxi minn Jesmond Zerafa qatt ma deher f'pożizzjoni li, b'xi mod, seta' jitlef il-kwalifikazzjoni minkejja li kienu l-avversarji li fetħu l-iskor.

Iżda assedju kontinwu min-naħa tat-tim Malti, meritatament, dawwar ir-riżultat favur tiegħu għal aggregate ta' 5-1.

Dan l-iskor kbir għolla l-moral tal-partitarji ta' Valletta bit-tama li jissuperaw it-tieni rawnd preliminari meta l-avversarji tiegħu kienu FK Ekranas, liema klabb diġà kellu esperjenza f'Malta, meta fl-1992/93, lagħab kontra Floriana fejn dawn tal-aħħar rebħu bl-iskor identiku ta' 1-0 fiż-żewġ legs biex eventwalment ikkwalifikaw għar-rawnd li kien imiss b'aggregate ta' 2-0.

Iżda minn dak iż-żmien, il-futbol Litwan tejjeb il-livell tiegħu biex FK Ekranas kienu sfidanti denji għal Valletta.

It-tamiet ta' Valletta sfaxxaw proprju fl-ewwel taqsima tal-ewwel leg meta l-avversarji daħlu jistrieħu fil-vantaġġ ta' 3-1 wara żbalji difensivi. Fit-tieni taqsima, il-Lilywhites żiedu l-isforzi tagħhom biex għamlu r-riżultat aktar rispettabbli.

... Appena għaddew ftit minuti mill-ftuħ tat-tieni leg, il-gowl ta' FK Ekranas ikkundanna lil Valletta ... biex fil-verità, il-kwalifikazzjoni kienet biss illużjoni.

Kien gowl li ddetermina l-andament tal-partita bil-plejers Litwani dehru xxamplati jistennew u jilqgħu lill-Beltin li, min-naħa tagħhom, ftit li xejn impenjaw lill-gowlkiper avversarju.

Fl-ewwel rawnd preliminari tal-UEFA Europa League, Birkirkara sfaw eliminati minn FK Vllaznia tal-Albanija, bl-aggregate ta' 2-1. Meta wieħed janalizza l-prestazzjoni tal-Karkariżi - telfa home (0-1) u draw away (1-1) - jikkonkludi li l-aggregate kien wieħed aċċettabbli.

Fil-każ ta' Floriana, li lagħbu fit-tieni rawnd preliminari, ir-ritorn wara nuqqas ta' 14-il sena fil-kompetizzjonijiet Ewropej kien wieħed katastrofiku hekk kif fl-ewwel rawnd ġew umiljati minn AEK Larnaca, bl-iskor ta' 8-0, fil-Hibernians Stadium.

Kienet logħba ta' esibizzjoni mill-




Julio Alcorse (Floriana) attakkat minn Njongo Priso (AEK Larnaca)




Angus Buhagiar (Birkirkara) jipprova jimblokka lil Abraham Alechewu (FK Vllaznia)

plejers Ċiprijotti li ħalliet lill-kamp Furjaniż jitkellem waħdu .....

Iżda, fit-tieni leg, il-Greens kienu aktar organizzati u dixxiplinati biex tilfu bi skor minimu ta' 1-0 għal aggregate ta' 9-0 favur AEK Larnaca.

Xi jfisser dan kollu?

Fil-livell ta' klabbs, l-affarijiet għadhom ma nbiddlux biex it-tliet timijiet Maltin kellhom ibaxxu rasu kmieni fil-kompetizzjonijiet rispettivi.

Fil-verità qatt ma nistgħu nilħqu l-livell tal-klabbs barranin meta dawn jonfqu l-miljuni ta' ewros kull staġun f'salarji għall-plejers u staff tekniku.

Meta wieħed iqabbel l-ammont ta' din in-nefqa ma' dak li jonfqu l-klabbs Maltin, wieħed jinduna kemm id-differenza fil-livell tekniku hija ġġustifikata.

Meta wieħed iqis li bħalissa Valletta FC huma l-aktar klabb li qiegħed jinvesti flus f'pajjiżna u m'għandhomx l-istruttura u l-faċilitajiet sportivi li għandhom dawn it-tip ta' timijiet, ma nistgħux nippretendu l-mirakli mill-klabbs Maltin!!

silverstone formula™

In collaboration with Silverstone Formula UK, and Badger Carting in Malta, Budweiser is offering consumers the chance to win a VIP TRACK EXPERIENCE at the renowned Silverstone track, UK.

Budweiser

Consumers should look out for the special Budweiser Promotion Team in bars around Malta. With every purchase of a bottle of Budweiser, consumers will be given a ticket which gives them the possibility of winning an 'Arrive and Drive' 15minute lap time session at Badger Carting, Ta' Qali. The best lap time will be recorded at the end of each session and the top 10 participants will go on to compete for the ultimate Silverstone Experience at an event which takes place at Badger Carting on Tuesday 20th September 2011. The overall winner will win a trip for 2 persons to Silverstone UK where they will be treated to a VIP Experience Day together with a visit to the Budweiser Brewery in Richmond, UK.

Budweiser is marketed and distributed in Malta by Simonds Farsons Cisk plc.
For more information one may call on Freephone 80074403 or visit www.facebook.com/budweisermalta.
Terms and conditions apply. drinkaware.com for the facts.



# Valletta jirbħu l-ew



Iċ-champions Valletta rebħu l-ewwel unur tal-istaġun meta, fl-aħħar logħba tal-Euro Challenge Cup, huma spiċċaw fi draw ta' 2-2 kontra Birkirkara biex b'hekk spiċċaw ukoll fil-quċċata tal-klassifika, b'erba' punti, segwiti mill-istess Stripes (2) u Floriana (1).

Kienu Valletta li fetħu l-iskor meta, fl-għaxar minuta, Dennis Rocha Dos Santos għadda lejn l-akkwist il-ġdid, William Barbosa, li kien pront xeħet fix-xibka.

Iżda fis-27 minuta, Birkirkara kisbu d-draw meta ngħataw penalti meta d-difensur Belti, Steve Borg, ġie ġġudikat li ġibed il-flokk ta' Victor Rena, fil-kaxxa, biex mill-11-il metru Alan Tabone ma ħalliex.

Fit-43 minuta, il-Karkariżi rdoppjaw meta Paul Fenech avvanza bil-ballun u meta wasal f'tarf il-kaxxa l-kbira avversarja, żmarka għal kollox lil Alan Tabone li b'xutt qawwi għeleb għal kollox lill-gowlkiper Belti, Andrew Hogg.

Fit-tieni taqsima, Valletta ħarġu aktar

MISTO
cafe • restaurant • venue



# wel unur tal-istaġun

avventurużi u ma kienet l-ebda sorpriża li, fil-55 minuta, kisbu d-draw meta mill-freekick ta' Gilbert Agius, Ian Zammit kompla l-ballun lejn Denni Rocha Dos Santos li b'xutt fil-baxx għeleb għal kollox lill-gowlkiper Karkariż, Jorge Mora.

Il-partita saret aktar bilanċjata biex l-ebda tim ma rnexxielu jiskorja l-gowl tar-rebħa liema riżultat ra lil Valletta jgħollu l-Euro Challenge Cup.

Wara l-partita, il-captain ta' Valletta, Ian Zammit, ġie ppreżentat bit-trofew tal-Euro Cup mill-president anzjan, Carmelo Bartolo.

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Valletta | 2 | 1 | 1 | 0 | 4 | 3 | 4 |
| Birkirkara | 2 | 0 | 2 | 0 | 2 | 2 | 2 |
| Floriana | 2 | 0 | 1 | 1 | 1 | 2 | 1 |



**23.06.2011 - 19.30 hrs**

**Birkirkara** ................................2
W. Barbosa 10, D. Rocha Dos Santos 56

**Valletta** ....................................2
A. Tabone 27 pen, 43

**HT 2-1 Hibernians Stadium**

**Birkirkara** – Jorge Mora, Andrei Agius, Paul Fenech, Trevor Cilia, Alan Tabone, Andrew Decesare, Victor Rena, David Da Silva (Terence Vella 67), Angus Buhagiar, Antonio Gomes (Marcis Savinovs 62), Rowen Muscat (Shaun Bajada 49)
*Coach* – Patrick Curmi

**Valletta** – Andrew Hogg, Steve Borg, Ian Azzopardi, Roderick Briffa, Edmond Agius, Ryan Fenech, Dyson Falzon (Gilbert Agius 37), Ian Zammit, Denni Dos Santos, Ousseni Zongo (Kevin Sammut 56), William Barbosa (Kurt Magro 79)
*Coach* – Jesmond Zerafa

**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Konrad Borg, Chris Francalanza
**Raba' Uff.** – Adrian Azzopardi
**Ammoniti** – A. Decesare, P. Fenech, R. Muscat, A. Gomes, T. Vella (B), S. Borg, E. Agius (V)

Watch LIVE » Football Matches & Formula 1
18, Tigne Seafront, Sliema
Tel: 21 336 226 Email: jesmond@misto.com.mt www.misto.com.mt

## L-Ewwel Rawnd Preliminari




# VALLETTA jaslu sat-Tieni Rawnd Preliminari

Ousseni Zongo (Valletta) jipprova jantiċipa lil Matteo Andreini (SP Tre Fiori)

Valletta kienu l-aktar tim li avvanzaw, mit-timijiet Maltin, fil-Kompetizzjonijiet Ewropej meta waslu sat-Tieni Rawnd Preliminari tal-UEFA Champions League.

Fl-Ewwel Rawnd Preliminari, huma warrbu għal kollox l-isfida tat-tim minn San Marino ta' SP Tre Fiori meta kkwalifikaw b'aggregate ta' 5-1.

Fl-ewwel partita, li ntlagħbet, f'Serravalle, it-tim immexxi minn Jesmond Zerafa, kien fi klassi għalih biex ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 3-0 u bi ftit aktar attenzjoni, ir-rebħa setgħet kienet akbar iżda l-Lilywhites ħlew bosta okkażjonijiet ta' skor minn Alfred Effiong, Denni Rocha Dos Santos u William Barbosa.

Minkejja d-dominanza assoluta, il-Beltin kellhom jistennew sat-43 minuta biex fetħu l-iskor minn meta William Barbosa għeleb in-nasba tal-offside biex għadda lejn Denni Rocha Dos Santos li bil-kalma kollha ddepożita l-ballun fix-xibka.

Fit-tieni taqsima, Valletta komplew fejn ħallew qabel il-mistrieħ meta appena għaddew ħames minuti, skorjaw it-tieni gowl. Denni Rocha Dos Santos irċieva ballun fi tliet kwarti ta' grawnd, avvanza u żmarka għal kollox lil Alfred Effiong li kien pront xeħet il-ballun fir-rokna tax-xibka.

Fis-70 minuta, Valletta ssiġillaw ir-rebħa minn penalti ta' Gilbert Agius wara li l-istess plejer ġie mwaqqa' minn Matteo Andreini fil-kaxxa l-kbira.

It-tieni leg kien biss formalità fejn kienu l-avversarji li fetħu l-iskor, fit-22 minuta, minn penalti ta' Altin Lisi. Iżda l-iskor finali ta' 2-1 favur Valletta ma jagħtix stampa ċara tal-andament tal-partita minħabba li feħtu assedju fuq il-lasti avversarji, li iżda, bl-ebda mod ma setgħu jsibu t-triq lejn ix-xibka.

Kien, fis-56 minuta, li Valletta kisbu d-draw minn penalti ta' Ian Zammit biex minn hemm 'il quddiem il-gowlkiper Andrew Hogg qatt ma ġie mpenjat.

Kien żewġ minuti mit-tmiem li Valletta kisbu r rebħa meta kross ta' Edmond Agius mil-lemin sab lil William Barbosa żmarkat li minn żewġ passi bogħod xeħet ġewwa ... biex Valletta kkwalifikaw b'aggregate ta' 5-1.

### I Leg

28.06.2011

**SP Tre Fiori** 0

**Valletta** 3
Denni 43, A. Effiong 50, G. Agius 70 pen

HT 0-1 **Stadio di Fiorentino - Serravalle**

**Tre Fiori** – Mauro Bertozzi, Alessio Ballanti, Nicola Canarezza, Giacomo Benedettini, Michael Simoncin, Paolo Tarini (Nicolò Grini 46), Alessandro Giunta (Federico Amici 65), Altin Lisi, Matteo Andreini, Fabio Vannoni, Federico Macina (Gerhard Zenunay 56)
*Coach* – Paolo Tarini
**Valletta** – Andrew Hogg, Jonathan Caruana (Kenneth Scicluna 71), Steve Borg, Ryan Fenech (Gilbert Agius 54), Edmond Agius, Roderick Briffa, William Barbosa, Jamie Pace, Denni Rocha Dos Santos, Dyson Falzon, Alfred Effiong (Ian Zammit 60)
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Referee** – Alan Muir (Skozja)
**Assistenti** – James Bee, Brian Templeton (Skozja)
**Raba' Uff.** – Brian Colvin (Skozja)
**Ammoniti** – R. Briffa, J. Caruana (V); P. Tarini, M. Andreini (TF)

### II Leg

06.07.2011

**Valletta** 2
I. Zammit 56 pen, W. Barbosa 88

**SP Tre Fiori** 1
A. Lisi 22 pen

HT 0-1 **Hibernians Stadium - Kordin**

**Valletta** – Andrew Hogg, Edmond Agius, Steve Borg, Kenneth Scicluna, Dyson Falzon, Gilbert Agius, Jamie Pace, Denni Dos Santos (Ryan Fenech 41), Ian Zammit, Ousseni Zongo (William Barbosa 59), Alfred Effiong (Kevin Sammut 76)
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Tre Fiori** – Gian Luca Cola, Matteo Andreini, Maximiliano Baizan, Nicola Canarezza (Simone Grana 77), Altin Lisi, Michael Simoncini, Matteo Varnon, Matteo Venderini, Federico Amici (Gerhard Zenunay 66), Alessandro Giunta (Francesco Stolai 90), Nicolo Grin
*Coach* – Paolo Tarini
**Referee** – Bardhyl Pashaj (Albanija)
**Assistenti** – Proletar Puto, Ermai Barushi (Albanija)
**Raba' Uff.** – Emirion Sino (Albanija)
**Ammoniti** – W. Barbosa (V), M. Simoncini, M. Venderini, M. Andreini (TF)
**Tkeċċa** – M. Venderini 55 (TF)

Aggregate: Valletta v Tre Fiori 5-1

# It-Tieni Rawnd Preliminari



Il-formazzjoni inizjali ta' Valletta kontra FK Ekranas

Roderick Briffa (Valleta) jipprova jaqbeż lil Tadas Markevicius (Ekranas)

Michael Mifsud (Valletta) issikkat minn Igmas Dedura (Ekranas)

Fl-ewwel leg tat-tieni rawnd preliminari, Valletta ffaċċjaw lit-tim Litwan ta' FK Ekranas, fejn kien hemm stennija kbira mill-partitarji Beltin fit-tentattiv li jissuperaw dan ir-rawnd.

Iżda żbalji difensivi ppermettew biex l-avversarji jibnu vantaġġ ta' tliet gowls biex l-impenn għal Valletta sar wieħed diffiċli.

Infatti Ekranas daħlu jistrieħu bl-iskor ta' 3-1 bil gowls tagħhom jiġu skorjati minn Calistus Umeh Ichenna (15), Dlimius Gleveckas (22) u minn penalti ta' Ramumas Radavicius (41) filwaqt li Michael Mifsud (42) naqqas il-marġni tal-iskor.

Fit-tieni taqsima, il-Beltin xeħtu kollox fuq l-offensiva biex jiksbu d-draw u minkejja li wrew l-isbaħ futbol, kellhom jistennew sad-90 minuta biex għamlu l-iskor finali ta' 3-2 minn penalti ta' William Barbosa.

Fit-tieni leg, Valletta kellhom lid-difensur Jonathan Caruana u lill-midfielder Roderick Briffa sospiżi filwaqt li Denni Rocha Dos Santos ma kienx f'sikktu għal kollox.

Il-Beltin riedu rebħa ta' 2-0 biex jikkwalifikaw għat-tielet rawnd preliminari .... iżda wara biss erba' minuti Ignas Dedura qata' għal kollox kull tama għat-tim Malti. Kien gowl li kkundizzjona l-andament tal partita bit-tim Litwan komdu jamministra l-vantaġġ tiegħu minkejja li Valletta kellhom il-mumenti tagħhom ukoll biex sa tmiem il-logħba r-riżultat baqa' ma nbidilx għal aggregate ta' 4-2 favur Ekranas.

Forsi din l-eliminazzjoni ġabet magħha diżappunt iżda kull Belti għandu għax ikun kburi bl-isforzi tal-plejers tagħhom li minn erba' partiti kisbu żewġ rebħiet.

**I Leg**

**12.07.2011**

**Valletta** 2
M. Mifsud 42, W. Barbosa 90 pen

**FK Ekranas** 3
C. Umeh Ichenna 15, D. Gleveckas 22, R. Radavicius 41 pen

HT 0-3 **Hibernians Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Edmond Agius, Steve Borg, Gilbert Agius, Jamie Pace (Alfred Effiong 46), Roderick Briffa, Jonathan Caruana, William Barbosa, Ryan Fenech (Kevin Sammut 79), Ian Azzopardi, Michael Mifsud

*Coach* – Jesmond Zerafa

**Ekranas** – Emilijus Zubas, Andrius Joksas, Dlimius Gleveckas, Igmas Dedura, Matovic Dusan, Aurimas Kucys, Mauro Alonso (Andrius Velicka 79) Marko Andrjelkovic, Ramumas Radavicius (Marius Skimderis 82), Calistus Umeh Ichenna (Tadas Markevicius 65), Aurimas Vertelis

*Coach* – Valdas Urbonas

Referee – Pavle Radovanovic (Montenegro)

Assistenti – Veslin Radunovic, Dejan Pajovic (Montenegro)

Raba' Uff. – Mileta Scepanovic (Montenegro)

Ammoniti – J. Caruana, R. Briffa, E. Agius (V), I. Dedura, D. Gleveckas (E)

**PREMIER**

**19.07.2011**

**FK Ekranas** 1
I. Dedura 5

**Valletta** 0

HT 1-0 **Aukstaitija Stadium - Panevezys**

**Ekranas** – Emilijus Zubas, Ramunas Radavicius, Aurimas Kucys, Andrius Joksas, Ignas Dedura, Mauro Alonso (Andrius Velicka 70), Marko Andjelkovic, Uchenna Umeh (Jevgenij Moroz 89), Aurimas Vertelis (Arnas Ribokas 83), Giedrius Tomkevicius, Dusan Matovic

*Coach* – Valdas Urbonas

**Valletta** – Andrew Hogg, Ian Azzopardi, Steve Borg, Ryan Fenech, Gilbert Agius, Edmond Agius, William Barbos, Dyson Falzon, Alfred Effiong (Ian Zammit 67), Kevin Sammut (Denni 54), Michael Mifsud

*Coach* – Jesmond Zerafa

Referee – Augustus Constantin (Rumanija)

Assistenti – Ionel Popa, George Adrian Vidan (Rumanija)

Raba' Uff. – Adrian Comanescu (Rumanija)

Ammoniti – K. Sammut, S. Borg, D. Rocha Dos Santos (V); M. Andjelkovic, G. Tomkevicius, Dusan Matovic (E)

Aggregate: Valletta v Ekranas 2-4



Il-formazzjoni inizjali ta' Birkirkara - Wara - Jacopo Camilli, Angus Buhagiar, Rowen Muscat, Andrew Decesare, Andrei Agius, Marcis Savinovs, Jorge Mora - Quddiem - Trevor Cilia, Paul Fenech, Gareth Sciberras, Joseph Zerafa

L-Ewwel Rawnd Preliminari

# BIRKIRKARA eliminati b'mod mill-aktar dinjituż

**Birkirkara sfaw eliminati mill-kompetizzjoni tal-UEFA Europa League b'mod mill-aktar dinjituż meta fl-ewwel rawnd preliminari tilfu b'aggregate ta' 2-1 kontra t-tim Albaniż ta' KF Vllaznia.**

L-ewwel leg, li ntlagħab fil-Hibernians Stadium, kien wieħed detrimentali hekk kif Birkirkara ħarġu telliefa bl-iskor ta' 1-0 bil-gowl jasal wara biss żewġ minuti meta minn żball difensiv, Xheyahir Sykay qabeż lil Jorge Mora u minn pożizzjoni angolata xeħet il-ballun f'lasta vojta.

Kien gowl li ħarbat kemmxejn il-pjani tal-kowċ, Patrick Curmi, fejn kellu jibdel it-tattika biex jipprovaw jiksbu l-gowl tad-draw.

Iżda minkejja li l-Istriopes kellhom kontroll assolut tal-pussess tal-ballun, huma rari mpenjaw lill-gowlkiper avversarju minħabba li ma setgħux jinfdu d-difiża ffollata tal-Albaniżi ... u mal ħin l-turja tagħhom bdiet tisfuma fix-xejn.

Fit-tieni leg, ġara l-istess hekk kif KF Vllaznia reġgħu skorjaw gowl kmieni, din id-darba, wara erba' minuti minn Armando Vajushi.

B'żewġ gowls vantaġġ, kien hemm antiċipazzjoni li l-Albaniżi kienu se jgħaddu dan ir-rawnd b'mod mill-aktar faċli. Iżda t-tim immexxi minn Patrick Curmi kellu ideat oħra minħabba li fis-17-il minuta kiseb il-gowl tad-draw minn David Silva wara li kkonnettja tajjeb mill-kross (minn fuq il-lemin) ta' Leighton Grech.

Kien gowl li ta moral ġdid lill-Karkariżi fejn xeħtu lill-avversarji tagħhom fil-qoxra difensiva jiddefendu l-pressjoni Maltija għal ħinijiet twal. Matul it-tieni taqsima komplew iżidu l-isforzi tagħhom fejn kellu jkun il-gowlkiper Miroslav Vujadinovic li f'żewġ okkażjonijiet kruċjali salva xuttijiet ta' Paul Fenech u Rowen Muscat li setgħu qatgħu l-passaġġ għat-tieni rawnd preliminari.




Armando Vajushi (Vllaznia) jaħrab il-kustodja ta' Rowen Muscat (Birkirkara)



Angus Buhagiar (Birkirkara) jiddefendi l-ballun minn Abraham Alechenwu (Vllaznia)



Rowen Muscat (Birkirkara) jirbaħ id-dwell kontra Ilir Nalbani (Vllaznia)

## I Leg

**30.06.2011 - 20.30 hrs**

| | | |
|---|---|---|
| Birkirkara | | 0 |
| KF Vllaznia | X. Sykay 2 | 1 |

HT 0-1 **Hibernians Stadium**

**Birkirkara** – Jorge Mora, Angus Buhagiar, Andre Agius, Marcis Savinos, Andrew Decesare, Rowen Muscat (Alan Tabone 63), Paul Fenech, Gareth Sciberras, Trevor Cilia, Jacopo Camilli (David da Silva 80), Joseph Zerafa (Leighton Grech 46)

*Coach* – Patrick Curmi

**Vllaznia** – Miroslav Yojodinovic, Dritan Smailay, Blazho Rajovic, Arsen Sykay, Bracan Popovic, Jlir Nallbani, Amarilde Belisha, Olsi Gocia (Edon Hasani 89), Abraham Alechenu, Armande Vajushi (Mdricim Shtubina 80), Xheyahir Swkay

*Coach* – Mirel Josa

Referee – Ignasi Villamayor (Andorra)

Assistenti – Laudino Lopez, Rui Miquel de Queiros (Andorra)

Raba' Uff. – Hugo Ricardo Periera (Andorra)

Ammoniti – M. Savinos (B), B. Rajovic (V)

## II Leg

**07.07.2011 - 19.00 hrs**

| | | |
|---|---|---|
| KF Vllaznia | A. Vajushi 4 | 1 |
| Birkirkara | D. Silva 17 | 1 |

HT 1-1 **Loro Borici Stadium - Shkoder**

**Vllaznia** – Miroslav Vujadinovic, Dritan Smajlaj, Bracan Popovic (Vioresin Sinani 63), Abraham Alechemu, Amarildo Belisha, Xheyakli Sukaj, Armando Vajushi, Arsen Sykaj, Blazo Rajovic, Ilir Nalbani (Edon Hasani 85), Olsi Gocaj (Ndricim Shtubina 46)

*Coach* – Mirel Josa

**Birkirkara** – Jorge Mora, Marcis Savinovs, Gareth Sciberras, Paul Fenech, Trevor Cilia (Alan Tabone 66), Jacopo Camilli (Ryan Camenzuli 75), David Silva, Leighton Grech, Joseph Zerafa, Angus Buhagiar

*Coach* – Patrick Curmi

Referee – Mario Vik (Slovakkja)

Assistenti – Erik Weiss, Miroslav Benko (Slovakkja)

Raba' Uff. – Lubomir Samotny (Slovakkja)

Ammoniti – M. Savinovs, P. Fenech, A. Buhagiar, R. Camenzuli (B); B. Popovic, A. Alechenwu, X. Sukaj (B)

Aggregate: KF Vllaznia v Birkirkara 2-1

## It-Tieni Rawnd Preliminari

# Floriana jiġbru ġieħhom fit-tieni leg


Taqtiegħa għall-ballun bejn Luke Dimech (AEK Larnaca) u Mano Micallef (Floriana)

Wara nuqqas ta' 14-il sena, Floriana rritornaw fil-Kompetizzjonijiet Ewropej, li bħala rebbieħa tal-FA Trophy, ittellgħu biex jilagħbu kontra t-tim Ċiprijott ta' AEK Larnaca, fit-tieni rawnd preliminari tal-UEFA Europa League ... li iżda kienet esperjenza morra meta sfaw eliminati b'aggregate ta' 9-0.

Forsi l-entużjażmu tal-Furjaniżi nessa l-fatt li kienu se jilagħbu kontra tim qawwi, immexxi mill-eks kowċ ta' Valletta Ton Caanen, li nvesta fi plejers Olandiżi li kienu jilagħbu fl-ogħla diviżjoni Olandiża.

Ma tantx hemm x'wieħed jgħid dwar l-ewwel leg hekk kif iċ-Ċiprijotti ħarġu rebbieħa bl-iskor kbir ta' 8-0 liema telfa kienet l-agħar waħda "home" fl-istorja tal-klabb Furjaniż fil-kompetizzjonijiet Ewropej.

L-avversarji tagħna ġew ikkargati ... u mas-suffara inizjali fetħu assedju biex bdew jisparaw il-munizzjon tagħhom minn anglu biex skorjaw tmien darbiet mingħajr risposta li ħallew il-kamp Furjaniż iddemoralizzat għall-aħħar.

It-tieni leg kien wieħed differenti hekk kif, din id-darba l-Furjaniżi qamu għall-okkażjoni u minkejja li l-avversarji gawdew ħafna mill-inizjattiva u mill-pussess tal-ballun setgħu jiskorjaw gowl wieħed biss, minn Kyriakos Pavlou, fis-26 minuta.

Kien hemm antiċipazzjoni li Floriana kienu se jsofru telfa akbar iżda kellhom ideat oħra biex pattew għad-diżappunt tal-ewwel leg.

### I Leg

14.07.2011

Floriana 0

AEK Larnaca 8
M. Mrdakovic 4, K. Pavlou 12, G. Garcia 24 42, 53, E. Linssen 47, R. Gòmez 74, N. Mytidis 81

HT 0-4 **Hibernians Stadium - Kordin**

**Floriana** – Matthew Towns, Manolito Micallef, Thomas Paris, Owen Bugeja, Tyrone Farrugia, Pablo Doffo, Christian Caruana (Ryan Darmanin 61), Eullson Flori Dos Santos, Joseph Borg (Clyde Borg 56), Julio Alcorse
*Coach* – Michael Woods

**Larnaca** – Alexandre Negri, Alberto Serran, Kevin Hofland, Gregor van Dijk, Luke Dimech, Edwin Linssen, Miljan Mrdakovic (Sunny Kingsley 59), Gonzalo Garcia (Ruben Gòmez 59), Kyriakos Pavlou (Nestor Mytidis 71), Jason Demetriou, Njongo Priso
*Coach* – Ton Caanen

Referee – Emir Akeckovic (Bosnja)
Assistenti – Momir Sirko, Senad Ibrisimbegovic (Bosnja)
Raba' Uff. – Elmir Pilav (Bosnja)
Ammonit – E. Dos Santos (F)Xxxxxxx

### II Leg

21.07.2011

AEK Larnaca 1
K. Pavlou 26

Floriana 0

HT 1-0 **GSZ Stadium - Larnaca**

**Larnaca** – Marco Fortin, Alberto Serran, Kevin Hofland, Luke Dimech (Konstantinos Kastanas 82), Edwin Linssen, Ioannis Skopelitis (Gregor van Dijk 62), Kyriakos Pavlou (Lenos Georgiou 72), Tim de Cler, Ruben Gomez, Nestor Mytidis, Sunny Kingsley
*Coach* – Ton Caanen

**Floriana** – Matthew Towns, Owen Bugeja, Thomas Paris, Pablo Doffo, Manolito Micallef, Ivan Woods, Duncan Pisani, Joseph Borg, Tyrone Farrugia, Clyde Borg (Christian Caruana 70), Christian Cassar (Brooke Farrugia 83)
*Coach* – Michael Woods

Referee – Arman Amirkhanyan (Armenja)
Assistenti – Zaven Hovhannisyan, Vanik Simonyan (Armenja)
Raba' Uff. – Suren Baliyan (Armenja)
Ammoniti – Ħadd

Aggregate: Floriana v AEK Larnaca 0-9


Il-formazzjoni ta' Floriana kontra AEK Larnaca



Julio Alcorse (Floriana) attakkant minn Njongo Priso (AEK Larnaca)




# *Summer Offers*

### BOV Cards
- 5000 Bonus BOV Points ma' kull applikazzjoni għal VISA Flypass Business Card

### BOV Personal Loans
- Ebda spejjeż tal-ipproċessar
- Terminu ta' self estiż sa 7 snin fuq self ta' aktar minn €10,000
- Skont ta' 0.5% fuq il-marġini ta' imgħax normali fuq secured lending

### BOV Home Loans
- Tingħata lura €50 fuq il-premium tal-ewwel sena meta tieħu MSV Protection/Loan Protection Plan mingħand il-BOV
- Tingħata lura €100 fuq il-premium tal-ewwel sena meta tieħu MSV Flexi Plan mingħand il-BOV

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV SUMMER OFFERS**

**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

COM 160611/1 BOV 29830

Dawn l-offerti m'humiex validi ma' offerti jew skontijiet oħra matul l-istess perijodu. Il-faċilitajiet ta' self personali u kards ta' kreditu huma suġġetti għall-kriterji normali ta' self bankarju u għall-approvazzjoni mill-fergħa tiegħek tal-BOV. L-offerta tal-kard hija valida biss fuq kards ġodda li fuqhom titħallas tariffa sħiħa u ma tapplikax fuq kards supplimentari. Kull applikazzjoni għal Home Loan hija ntitolata għal rifuzjoni waħda. L-APR fuq Personal Loan secured ta' €15,000 b'rata ta' nteressi ta' 5.2% għal 7 snin hija 5.401%. L-offerti kollha jagħlqu fil-31 ta' Awwissu 2011. Bank of Valletta p.l.c. huwa Intermedjarju marbut tal-MSV Life p.l.c. MSV Life hija liċenzjata mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji sabiex tagħmel negozju ta' l-assigurazzjoni fit-tul taħt l-Att Dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (1998).

BOV
Bank of Valletta



*Il-midfielder ta' Valletta, Roderick Briffa, ippreżentat bit-trofew tal-Aħjar Plejer tal-istaġun 2010/11 mill-President tal-MFA, is-Sur Norman Darmanin Demajo, u s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, l-Onor. Clyde Puli*

# Roderick Briffa

## l-Aħjar Plejer tal-istaġun 2010/11

Fiċ-ċerimonja annwali organizzata mill-Malta Football Assciation, li saret fil-Lukanda Le Meridien, f'San Ġiljan, il-midfielder internazzjonali Malti u ta' Valletta, Roderick Briffa, ġie pprezentat bit-trofrew tal-Aħjar Plejer tal-istaġun 2010/11.

Briffa kellu staġun mill-aqwa fejn lagħab 25 partita u skorja erba' gowls bl-aktar wieħed memorabbli jkun dak ta' nhar is-17 ta' April, 2001, fir-rebħa ta' 1-0 fuq Marsaxlokk li bih Valletta ġew iddikjarati champions għall-20 darba fl-istorja tal-klabb.

Barra minn hekk huwa kien dejjem preżenti fit-tmien partiti li t-tim nazzjonali Malti lagħab - 11.08.2010 v Maċedonja 1-1; 02.09.2010 v Iżrael 1-3; 07.09.2010 v Latvja 0-2; 08.10.2010 v Georgia 0-1; 17.11.2010 v Kroazja 0-3; 10.02.2011 v Svizzera 0-0; 26.03.2011 v Greċja 0-1; 04.06.2011 v Greċja 1-3.







*Fuq xellug - John Paul Muscat ta' Mqabba (xellug) ippreżentat bl-unur tal-Aħjar Plejer tal-Ewwel Diviżjoni minn Gilbert Agius*

*Fuq lemin - Zach Muscat ta' Pietà Hotspurs (xellug) ippreżentat bl-unur tal-Aħjar Plejer tal-Youths minn Gilbert Agius*

*Xellug - Alfred Effiong ta' Marsaxlokk (xellug) ippreżentat bl-unur tal-Aqwa Skorer tal-Premier minn Stefan Sultana*

### L-unuri l-oħrajn tal-Aqwa Plejer

I Diviżjoni - John Paul Muscat (Mqabba)
II Diviżjoni - Adam Smeir (Rabat A.)
III Diviżjoni - Lee Baldacchino (Luqa S.A.)
Youths - Zach Muscat (Pietà H.)
Futsal - Florin Anton (ZC Excess)
Nisa - Rachel Cuschieri (Birkirkara)

### L-unuri tal-Aħjar Skorers

Kampjonat Premier - Alfred Effiong (Marsaxlokk) 17
I Diviżjoni - Simon Shead (Mosta) 16
II Diviżjoni - Timothy Thomas (Zebbug R.) 22
III Diviżjoni - Jason Camilleri (Siggiewi) 24
Nisa (I Div) - Ylenia Carabott (Hibernians) 19
Nisa (II Div) - Amber Grech (Pembroke A.) 37
Futsal (I Div) - Jovica Milijic (Paola Downtown) 42
Futsal (II Div) - Hashem Rabbabah (Capital) 36
Futsal (III Div) - Stephen Zammit (City Boys) 29
Futsal (IV Div) - Wayne Hamer (Charline Stars) 25

### L-unuri tal-Fair Play

Kampjonat Premier - Tarxien Rainbows
I Diviżjoni - Mqabba
II Diviżjoni - Rabat Ajax
III Diviżjoni - Marsaskala
Youths - Hibernians
Kampjonat Nisa - Pembroke Athleta
Overall - Rabat Ajax



# Staġun sabiħ ta' futbol u emozzjonijiet ...

## Valletta U/17 jirbħu ... tlieta minn tlieta

**Kampjonati APS Bank U/17.**

**Sezzjoni A**: Kien kampjonat interessanti għall-aħħar, tant, li kellna nistennew sal-aħħar partita biex jiġi ddikjarat champion għal dan l-istaġun, biex għat-tieni staġun konsekuttiv kien it-tim ta' Valletta li niżżel ismu fil-lista tar-rebbieħa ta' din is-sezzjoni. Valletta urew li kellhom difiża tajba, tant, sofrew biss disa' gowls.
Birkirkara kienu sfidanti ewlenin għal Valletta u li kieku ma tilfux punti f'partiti li spiċċaw fi draw, żgur li setgħu għalqu l-istaġun bħala rebbieħa qabel Valletta.
Birkirkara spiċċaw fit-tieni post b'50 punt, tliet punti anqas minn Valletta. Min-naħa l-oħra, Birkirkara spiċċaw bħala l-aktar tim li skorja gowls – 69 - f'din is-sezzjoni.
It-tim ta' St. Andrew's, li kien promoss, kien it-tim sorpriża fejn spiċċa fir-raba' post bi Pietà Hostpurs jispiċċaw fit-tielet post tal-klassifika. It-tliet timijiet promossi f'dan l-istaġun Sliema Wanderers, St. Andrew's u Mosta żammew posthom f'din is-sezzjoni, filwaqt li San Ġwann, Melita u Qormi sfaw relegati.
Kienet ħasra għal San Gwann li, b'24 punt, spiċċaw relegati. It-tim ta' Floriana ħelisha mir-relegazzjoni b'differenza ta' erba' punti filwaqt li t-tim li s-soltu jisfida għall-unuri, dak ta' Paola Hibs, spiċċa f'nofs il-klassifika flimkien ma Sliema Wanderers, Hamrun Spartans u Mosta. Din is-sezzjoni kienet komposta minn 12-il tim fejn il-kampjonat intlagħab fuq żewġ rawnds b'total ta' 454 gowl.

**Sezzjoni B:** Din is-sezzjoni kienet komposta wkoll minn 12-il tim, bil-logħob jinżamm fuq żewġ rawnds. Pembroke Athleta, ir-rebbieħa ta' din is-sezzjoni, ma serqu xejn għaliex proprju tilfu logħba waħda biss, fejn skorjaw l-akbar ammont ta' gowls, mhux biss fis-sezzjoni tagħhom iżda fil-kampjonati kollha tal-U/17 f'dan l-istaġun, b'76 gowl, fejn sofrew 13-il gowl, biex spiċċaw il-kampjonat b'51punt, biex mill-ġdid għamlu ritorn lejn Sezzjoni A wara nuqqas ta' żewġ staġuni.
Rabat ukoll ġew promossi u nistgħu ngħidu li hawn ukoll kien dan it-tim li ssielet ma' dak ta' Pembroke Athleta għat-titlu, fejn fil-logħba deċiżiva ta' bejniethom tat il-vantaġġ fil-klassifika lil Pembroke Athleta, wara li rebħu lil istess Rabat. Min-naħa tagħhom, ir-Rabtin irritornaw f'Sezzjoni A wara nuqqas ta' staġun. It-tim l-ieħor promoss, dak ta' St. Patrick, wieħed kien jistenna xi ħaġa aħjar, wara li kien beda dawn il-kampjonati b'impressjoni differenti. Naxxar fallew il-promozzjoni b'differnza ta' punt, iżda żgur li bit-tim preżenti u li ħafna plejers jagħmluha wkoll staġun ieħor, jistgħu jkunu sfidanti ewlenin ta' din is-sezzjoni. It-timijiet promossi ta' Attard u Marsa, żammew posthom f'din is-sezzjoni, b'Lija/Iklin jiġu relegati għal Sezzjoni C bi 15-il punt iżda l-ġirien tagħhom, Balzan, ħelsuha b'żewġ punti aktar. It-timijiet ta' Mellieħa u Tarxien






żammew posthom f'nofs il-klassifika kif għamlu l-istess fl-istaġun preċedenti. It-tim ta' Gozo ma rnexxilux ikompli dan il-kampjonat wara xi diffikultajiet u għaldaqstant irtira minn din is-sezzjoni. It-total ta' gowls kienu 384.

**Sezzjoni C 1-2-3.** Din is-sezzjoni kient maqsuma fi tliet gruppi, b'seba' timijiet f'kull grupp milgħuba fuq żewġ rawnds. Is-Sezzjoni C3 rat lejn nofs il-kampjonat lit-tim ta' St. George's jirtira wara li sab diffikultà biex jonora l-fixtures. F'dawn is-sezzjonijiet ġew skorjati 479 gowl. Jekk wieħed janalizza l-klassifika, jirriżulta li bejn it-tim rebbieħ ta' kull sezzjoni u dak fit-tieni post, kienu ferm qrib tant li f'Sezzjoni C1, Msida rebħu l-promozzjoni b'differenza ta' punt aktar, bit-tim ta' Żebbuġ jispicca fit-tieni post bi 30 punt u jfalli l-promozzjoni.
Sezzjoni C3, it-timijiet ta' Sirens u Dingli spiċċaw bi 22 punt kull wieħed biex fil-logħba deċiżvia, Dingli ħarġu rebbieħa u ġew promossi wkoll għal Sezzjoni B. It-tim ta' Birżebbuġa kien it-tielet tim li rebaħ il-promozzjoni wara li spiċċa f'ras il-klassifika ta' Sezzjoni C2, b'31 punt meta minn 12-il partita kiseb 10 rebħiet, draw u telfa waħda.

## APS Bank Centenary Cup

Din in Knock-Out ġiet organizzata dan l-istaġun wara li l-APS Bank wera x-xewqa li, fl-okkażjoni ta' egħluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-bank, fost diversi attivitajiet li ġew organizzati, kienet ukoll inkorporata fir-responsabbilità tal-Youth F.A. fejn matul ix-xahar ta' Awwissu, 2010, intlagħbu r-rawnds preliminari biex, nhar it-Tlieta, 31 ta' Awwissu, inżammet il-finali bejn it-timijiet U/17 ta' Valletta u Paola Hibs. Quddiem attendenza numeruża, fil-Luxol Ground, il-Beltin ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 2-0 biż-żewġ gowls jaslu fit-tieni taqsima minn Ryan Ciantar u minn penalti mogħti mill-gowlkeeper ta' Valletta, Yanz Cini.
Is-sur McCharty, Marketing Manager tal-APS Bank, ippreżenta it-trofew lill-captain tat-tim Belti, Yanz Cini, biex l-ewwel unur ta' dan l-istaġun mar għand in-Nursery ta' Valletta.

## The Good Causes - K.O. Competition U/17

Din il-kompetizzjoni kienet miftuħa għall-ewwel tliet timijiet ta' Sezzjoni A, u l-ewwel żewġ timijiet ta' Sezzjoni B, kif ukoll għall-ewwel postijiet ikklassifikati minn kull grupp (1-2-3) ta' Sezzjoni C. It-timijiet kollha (8) kienu mtella' f'polza komuni bħalma sar l-istess fl-U/15. It-timijiet ta' Valletta u Pietà, li ġustament waslu għal din il-finali (ripetizzjoni tal-istaġun l-ieħor fejn ukoll kienu l-istess finalisti). Jekk il-finali l-oħra kienet waħda sabiħa u missielta, xejn anqas kienet din id-darba, biż-żewġ timijiet jinżlu bl-aħjar formazzjoni bi plejers miż-żewġ naħat b'esperjenza mat-tim Nazzjonali Malti U/17. Pietà fetħu fuq l-attakk u ħasdu lil Valletta bi ġmiel ta' gowl maħdum tajjeb minn azzjoni tibda f'nofs grawnd, biex finalment Rodney Refalo jitfa l ballun fix-xibka wara biss żewġ minuti logħob (l-aktar gowl skorjat f'ħin qasir f'finali organizzati mill-YFA). Aktar ma beda jgħaddi l-ħin Valletta bdew jidħlu aktar fl-azzjoni biex f'temp ta' ħames minuti bidlu r-riżultat favur tagħhom meta, fit-33 minuta, bir-ras, Matthew Thorne kiseb id-draw għal Valletta, biex fit-38 minuta, minn azzjoni identika tal-ewwel gowl tagħhom, kien Mohamed Zarrouq li poġġa lil Valletta fil-vantaġġ. It-tieni taqsima kienet waħda nteressanti biż-żewġ naħat joħolqu ċansijiet tajjeb. It-tisfira finali tar-referi, is-Sur Roberto Vella, tefgħet lit-tim ta' Valletta f'xeni ta' ferħ, biex wara dak li ma rnexxilhomx jagħmlu f'din il-kompetizzjoni fl-istaġun li għadda, ma ħallewx jintilef dan iċ-ċans ukoll f'dan l-istaġun.
Il-preżentazzjoni tal-midalji u trofej, fost il-briju tal-banda Beltija, saret mill-president tal-Youth F.A., Fr. Hilary Tagliaferro, flimkien mal-perit Ludovico Micallef, viċi-president tal-M.F.A.
Iż-żewġ finali ta' din il-kompetizzjoni intlagħbu fil-Luxol Ground, nhar il-Ħadd 5 ta' Gunju 2011, fejn ġie fit-tmiem il-logħob kollu tal-Youth F.A. għal dan l-istaġun.

| Under 17 Section A | P | W | D | L | F | A | Pts | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Valletta | 22 | 17 | 2 | 3 | 52 | 9 | 53 | Winners |
| Birkirkara | 22 | 15 | 5 | 2 | 69 | 28 | 50 | Runner-Up |
| Pietà | 22 | 13 | 4 | 5 | 57 | 33 | 43 | |
| St Andrew's | 22 | 11 | 3 | 8 | 40 | 31 | 36 | |
| Sliema W | 22 | 11 | 2 | 9 | 39 | 36 | 35 | |
| Paola H | 22 | 10 | 2 | 10 | 33 | 25 | 32 | |
| Hamrun | 22 | 8 | 6 | 8 | 48 | 28 | 32 | |
| Mosta | 22 | 8 | 5 | 9 | 40 | 27 | 29 | |
| Floriana | 22 | 7 | 7 | 8 | 30 | 31 | 28 | |
| San Ġwann | 22 | 6 | 6 | 10 | 30 | 46 | 24 | Relegated |
| Melita | 22 | 4 | 2 | 16 | 17 | 57 | 14 | Relegated |
| Qormi | 22 | 0 | 1 | 21 | 9 | 108 | 1 | Relegated |

| Under 17 Section B | P | W | D | L | F | K | Pts | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pembroke Ath | 20 | 16 | 3 | 1 | 76 | 13 | 51 | Winners |
| Rabat | 20 | 15 | 2 | 3 | 49 | 17 | 47 | Promoted |
| St Patrick | 20 | 12 | 3 | 5 | 45 | 25 | 39 | Promoted |
| Naxxar L | 20 | 10 | 8 | 2 | 46 | 14 | 38 | |
| Attard | 20 | 9 | 3 | 8 | 29 | 33 | 30 | |
| Tarxien R | 20 | 7 | 5 | 8 | 27 | 33 | 26 | |
| Mellieha | 20 | 7 | 4 | 9 | 32 | 38 | 25 | |
| Marsa | 20 | 5 | 5 | 10 | 33 | 27 | 20 | |
| Balzan Y | 20 | 4 | 5 | 11 | 19 | 40 | 17 | |
| Lija-Iklin | 20 | 4 | 3 | 13 | 20 | 58 | 15 | Relegated |
| M`Xlokk | 20 | 0 | 1 | 19 | 8 | 86 | 1 | Relegated |
| Gozo | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | Relegated |

| Under 17 Section C 1 | P | W | D | L | F | K | Pts | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Msida | 12 | 10 | 1 | 1 | 51 | 15 | 31 | Winners |
| Zebbug | 12 | 10 | 0 | 2 | 46 | 16 | 30 | |
| Gzira | 12 | 7 | 2 | 3 | 36 | 18 | 23 | |
| Mgarr | 12 | 7 | 0 | 5 | 22 | 17 | 21 | |
| Fgura | 12 | 2 | 2 | 8 | 12 | 26 | 8 | |
| Xghajra | 12 | 2 | 0 | 10 | 14 | 56 | 6 | |
| Senglea | 12 | 1 | 1 | 10 | 10 | 45 | 4 | |

| Under 17 Section C 2 | P | W | D | L | F | K | Pts | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B`Buga | 12 | 10 | 1 | 1 | 42 | 11 | 31 | Winners |
| Mqabba | 12 | 8 | 1 | 3 | 40 | 13 | 25 | |
| St. Venera | 12 | 8 | 1 | 3 | 31 | 17 | 25 | |
| Zejtun | 12 | 7 | 3 | 2 | 34 | 15 | 24 | |
| Vittoriosa | 12 | 3 | 0 | 9 | 17 | 28 | 9 | |
| Ghaxaq | 12 | 2 | 0 | 10 | 8 | 42 | 6 | |
| Luqa | 12 | 1 | 0 | 11 | 8 | 52 | 3 | |

| Under 17 Section C 3 | P | W | D | L | F | K | Pts | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Dingli | 10 | 7 | 1 | 2 | 24 | 12 | 22 | Winners |
| Sirens | 10 | 7 | 1 | 2 | 27 | 8 | 22 | |
| Sta Lucia | 10 | 6 | 1 | 3 | 17 | 9 | 19 | |
| Siggiewi | 10 | 4 | 2 | 4 | 23 | 26 | 14 | |
| Zurrieq | 10 | 2 | 0 | 8 | 10 | 36 | 6 | |
| Gudja | 10 | 1 | 1 | 8 | 7 | 16 | 4 | |
| St George`s | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | |



**Biex tkompli tixxettel kultura sportiva fost it-tfal b'bażi soda ...**

# Il-Kunsill Malti għall-Isport għandu l-irwol ta' awtorità regolatorja

## - l-Onor. Clyde Puli (Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport)

*Kemm issejjaħ lilek innifsek sportiv?*

Jiena għext u trabbejt f'Ħal Qormi u bħal ħafna Qriema l-isport numru wieħed tiegħi kien it-tiġrijiet taż-żwiemel fejn kull nhar ta' Ħadd, flimkien maz-ziju tiegħi u ma' sħabi, kont ninżel il-korsa tal-Marsa u kont insegwihom b'attenzjoni kbira ... fiż-żmien meta kienu jispikkaw iż-żwiemel Isard du Pont, Joteur de Claus u Iacchus.

Matul is-snin tmenin, it-tim tal-futbol ta' Qormi kien jilgħab fil-Kampjonat tat-Tielet Diviżjoni u għaldaqstant ma kienx hemm dak l-entużjażmu li jeżisti llum.

Iżda bosta Qriema xorta waħda kienu jsegwu l-Kampjonat tal-ogħla diviżjoni u kien hemm bosta li kienu jappoġġaw lil Floriana u kien hemm min iżomm ukoll ma' Sliema Wanderers.

Fil-każ tiegħi, kont insegwi lill-Wanderers minħabba li missieri kien proprju minn Tas-Sliema.

Barra minn hekk kont inħobb insegwi ftit il-waterpolo meta l-Kampjonat kien jintlagħab fil-pitches rispettivi ... u għalkemm matul is-sajf kont immur villeġġatura f'Bugibba, u kont immur inqatta' xi ħin is-Sirens, it-tim tiegħi xorta waħda kien dak ta' Sliema.

Bħala futbol barrani, kont (u għadni) insegwi lil Juventus taż-żmien il-leġġendarju, Michel Platini, li jibqa' l-plejer favorit tiegħi ta' kull żmien ... l-eleganza tiegħu kienet taffaxxinani!!

Ma nistax ma nsemmix lill-ħabib tiegħi, Ivan Meli, appassjonat fuq it-tim Juventin fejn konna naraw bosta partiti flimkien ... u konna naqsmu flimkien s-sodisfazzjon u d-diżappunti skond l-eżitu tar-riżultati!!

Prattikament, jiena nsejjaħ lili nnifsi bħala sportiv moderat u dilettant, li iżda, it-tiġrijiet taż-żwiemel kont insegwihom b'ċerta regolarità.

*Kemm aċċettajt, fik innifsek, ir-responsabbiltà bħala Segretarju Parlamentari taż-Żgħażagħ u Sport u kemm huwa mpenn diffiċli?*

Minkejja li kont insegwi l-isport, qatt ma nvolvejt lili nnifsi f'xi organizzazzjoni jew inkella f'xi klabb partikolari.

Ma kontx qed nistenna li se ningħata dan is-segretarjat ... iżda fl-istess waqt kont konvint li l-irwol tiegħi kellu jkun wieħed ta' tfassil ta' *policy* għall-isport, jew aħjar ta' tmexxija u dan ma kienx jirrikjedi li nkun tekniku fis-suġġett.

Ir-reazzjoni għal din ir-responsabbiltà ħadtha b'entużjażmu kbira għax kont naf li, minbarra li kienet se tkun sfida kbira, kont konxju li fil-futur se niltaqa' ma' bosta nies prominenti li jġib miegħu l-qasam sportiv.



Sa mill-bidu li ingħatajt dan l-impenn, kont naf eżattament l-irwol tiegħi u għaldaqstant ma sibt l-ebda diffikultà biex nibda f'din il-ħidma.

Jiena ma ingħatajtx din ir-responsabbiltà biex niddetta t-teknika ta' kull sport jew dixxiplina rispettiva iżda biex namministra u nindirizza l-"politika" sportiva.

Infatti, l-ewwel ħaġa li għamilt meta ingħatajt din il-kariga kienet li ltqajt ma' kull Assoċjazzjoni, madwar 70 fin-numru tagħhom ... u mingħandhom smajt u tgħallimt ... bil-konsegwenza li "għaġint" lili nnifsi fil-komunità sportiva mingħajr l-element parzjali tal-istess sport, jiġifieri, mhux għal dixxiplina waħda jew oħra, imma ningħata ċ-ċans li nindirizza l-isport u l-problemi li jġib miegħu b'mod in ġenerali.

*Liema kien l-aktar mument memorabbli u dak diżappuntanti fil-ħidma tiegħek fi ħdan is-segretarjat?*

Kelli bosta mumenti ta' sodisfazzjon kbir speċjalment kull meta kien hemm rebħa mportanti ta' kull Malti - bħat-tiratur William Chetcuti u s-sewwieq tal-Powerboats Aaron Ciantar meta saru champions tad-dinja - kienu mumenti memorabbli għall-aħħar!!

Fuq bażi personali, l-aktar mument memorabbli kien (sentejn ilu) meta ltqajt mal-idolu tiegħi, Michel Platini (fl-irwol ta' president tal-UEFA) meta f'Malta ltqa' l-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA, fiċ-ċelebrazzjoni tal-mitt sena mit-twaqqif ta' din il-Federazzjoni Ewropea.

Ma nista' ninsa qatt meta ġie inawgurat il-grawnd ta' Pembroke Athleta, kelli nakkumpanja lil Platini flimkien mal-Prim Ministru Lawrence Gonzi, li iżda, ma stajtx nattendi għal din l-attività minħabba li twieled it-tifel tiegħi, Jacques Mathieu.

Ma tantx kelli diżappunti kbar ... iżda nqis bħala diżappunt meta ma jirnexxilix naqsam il-viżjoni tiegħi għall-isport ma' kulħadd jew meta ma jirnexxilix nibni forza favur tagħha ... jew inkella meta nkun qed nara ċertu qsim bejn Assoċjazzjonijiet li nemmen li bejniethom jistgħu jibnu forza pożittiva kbira. Dan il-fattur xi kultant iżommni 'l bogħod milli nkun nista' nasal għalihom.

*Iż-żgħażagħ u t-tfal tagħna huma l-pilastri mportanti biex tixxettel il-kultura sportiva. X'inhi l funzjoni tal Kunsill Malti għall-Isport li jaqa' taħt is-Segretarjat tiegħek?*

Il-Kunsill Malti għall-Isport, ilu mwaqqaf seba' snin, u relattivament għadu esperjenza ġdida .... fejn fil-preżent qed jingħata direzzjoni differenti milli kellu qabel - dik ta' awtorità regolatorja.

Il-bord tal-KMS huwa kollu magħmul minn sportivi f'dixxiplini differenti, imma mbagħad hemm persuna waħda li appuntajtha proprju għalhiex mhijiex sportiva ... biex tagħti l-perspettiva ta' kif jaħseb wieħed li mhuwiex fl-isport.

L-awtorità regolatorja se tibda tindirizza ċ-*Child Protection Policy* fl-isport. Kull Assoċjazzjoni jrid ikollha kodiċi ta' etika tajbin bi statut demokratiku

kif ukoll trasparenza fis-sens ta' finanzi. B'sodisfazzjon ngħid li l-KMS qed isib koperazzjoni massimi mill-Assoċjazzjonijiet Membri.

Il-funzjoni tal-KMS hija wkoll li tixxettel kultura sportiva biex issir parti integrali mill-ħajja tat-tfal li jattendu l-Iskola Sport. Il-KMS ma jikkompetix mal-klabbs iżda jiggwida lit-tfal li jippreferu li jagħżlu minn sport għal ieħor biex jibqgħu jipprattikawh fil-karriera tagħhom ... biex imbagħad huma stess jagħżlu ma' liema klabb ikunu jridu jingħaqdu.

Xi tliet snin ilu, identifikajna li kien hemm nuqqas sostanzjali ta' bniet li jipprattikaw l-isport. Għaldaqstant inħoloq programm bl-isem ta' *Girls On The Move* ... bil-konsegwenza li r-rispons kien wieħed kbir immens.

Il-pass li jmiss huwa li nwaqqfu numru ta' Akkademji li jkunu aktar speċjalizzati mill-Iskola Sport.

Infatti diġà ġiet imnedija l-Akkademja tal-Gowlkipers. L-iskop ta' dan kollu huwa l-KMS jikkumplimenta lill-klabbs f'dak kollu li jkunu qed jagħmlu. Il-KMS ma jorbot l-ebda tifel jew tifla b'xi kuntratt partikolari, anzi, l-għażla finali tal-isport (li jkunu jridu jipprattikaw) u tal-klabb ippreferut tkun deċiżjoni tagħhom.

Matul dawn l-aħħar sentejn introduċejna *Fundamental Basic Sport Skills* fl-iskejjel tal-istat, jiġifieri, waqt il-ħin tal-iskola, il-Year 3 (ġinnastika), 4 (atletika) u 5 (għawm), jattendu korsijiet ta' numru ta' ġimgħat għal taħriġ f'dawn id-dixxiplini bażiċi.

Għaldaqstant, b'dawn id-diversi modi, il-KMS qed jipprova jxettel kultura sportiva ... billi "isaqqi l-egħruq" li f'dan is-sens huma t-tfal.

Fil-futur qrib se jkun hemm programmi tal-anzjani, tal-adulti u oħrajn.

***L-aspett finanzjarju ma jistax jiġi eliminat mill-formola tal-ħidma tal-gvern fis-settur sportiv. Iżda pajjiżna qed iħoss ukoll l-effett tar-riċessjoni globali. Għaldaqstant kif is-Segretarjat li tmexxi int jirnexxielu jissussidja lill-isport u saħansitra lill-Assoċjazzjonijiet Sportivi?***

Wieħed irid jagħżel ċerti prioritajiet fejn se jinvesti l-aktar. Il-finanzi jiġu nnegozjati fil-Budget tal-Gvern fejn, bħala Segretarju Parlamentari, nagħmel it-talbiet tiegħi lill-Ministru tal-Finanzi wara li jiġi ffurmat pjan ta' programm.

Nista' ngħid li mill-2008 sal-lum, il-budget għall-isport żdied b'mod konsiderevoli ... iżda żdiedet ukoll l-aspettattiva u żdiedu wkoll l-ispejjeż.

Huwa fatt reali li bil-fondi pubbliċi biss ma nistgħux inkopru l-ispejjeż biex nagħmlu l-qabża li rridu nagħmlu fl-isport ... u hemm bżonn ta' fondi oħra li jridu jiġu mill-investiment privat.

L-idea tiegħi hija li tinħoloq attività ekonomika madwar l-isport billi nidħlu f'forom ta' *Public-Private Partnership*.

Dan għax l-interess prinċipali tiegħi huwa li aktar Maltin jipprattikaw l-isport u li jkollhom faċilitajiet mill-aktar tajbin.

Għaldaqstant jekk wieħed jgħaqqad l-isport flimkien mal-attività kummerċjali, l-introjtu jkun jista' jiffinanzja aktar lill-istess sport. Dan huwa proprju li qed nipprovaw nagħmlu f'numru ta' postijiet.

F'dawn il-ġranet stess, se tiġi ppubblikata sejħa għal sieħeb strateġiku għall-Villaġġ Sportiv li se jinbena fil-Marsa.

Il-kunċett huwa li l-faċilitajiet sportivi li hemm bħalissa, jitjiebu - fis-sens - li jkunu ta' livell internazzjonali u għall-użu primarju tal-isportivi Maltin u jekk hemm xi mezz ta' dħul ta' kif niffinanzjaw dak is-servizz li aħna nixtieqi, jiġi mplimentat minnufih.

Kif għedt qabel, dan il-mudell se jiġi attwat f'postijiet oħrajn biex l-isport ikun aktar sostenibbli.

Dan il-"mudell" huwa xi ħaġa ġdida għal Malta u għadu qed jiġi żviluppat u għaldaqstant wieħed għad irid jara l-partikolarità tiegħu.

***Huwa stmat li l-proġett tal-White Rocks se jkollu investiment ta' €200 miljun u se joħloq 800 impjieg. X'diffikultatijiet qed isib il-gvern biex ix-xogħol għadu ma bediex?***

Ftit tax-xhur ilu ħabbarna li se nibdew ninnegozjaw fuq proġett sportiv fis-sit tal-White Rocks.

U għedna dan kollu b'sinjal ta' trasparenza ... għax id-dimensjoni tal-proġett hija tant kbira li ddeċidejna li jkun aħjar li kollox ikun fl-apert bil-konsegwenza li jista' jkun hemm min jikkritikana għall-fatt li l-istess proġett ġie mħabbar iżda għadu mhux konkluż.

Irrid nistqarr li n-negozjati għadhom għaddejjin għax hemm xi kwistjonijiet li għad irid jintlaħaq ftehim fuqhom. Ladarba jkun hemm qbil finali f'dawn in-negozjati, aħna mmorru quddiem il-Parlament u quddiem l-istampa lokali biex nagħtu l-informazzjoni neċessarja.

Iżda bħalissa mhuwiex il-waqt li niżvela dettajli. Li nista' ngħid huwa li n-negozjati ħadu aktar fit-tul għax irridu li niksbu l-aħjar ftehim possibbli. Irrid nagħmilha ċara ma' kulħadd li jien ma għandi l-ebda għaġġla li naqta' ż-żigarella ta' dan il-proġett!!! Imma jinteressani biss li nassigura li tinbena bażi soda għal dan il-proġett sportiv li minnu se jibbenefikaw mijiet ta' sportivi.

***Matul il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, li f'Ġunju li għadda sar f'Liechtenstein, l-atleti Maltin kisbu minn fost l-aqwa riżultati. Però, kemm taqbel li atleti barranin għandhom jirrappreżentaw lil Malta biex fl-istess waqt qed jieħdu post dawk Maltin?***

Waqt il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li sar f'Liechtenstein, attendejt għal-laqgħa tal-Ministri tal-Isport tal-pajjiżi rispettivi.

Is-suġġett ta' din il-laqgħa kien biex jiġi approvat ċiklu ġdid f'dawn il-Logħob u biex naraw kif nistgħu ntejbu dan il-Logħob. L-argument tiegħi kien mibni fuq il-parteċipazzjoni ta' atleti barranin.

Irrid ngħid li l-oriġinatur tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar ma huwa ħadd ħlief il-Malti, Bertie Muscat, li preżentament huwa l-viċi-chairman tal-Kunsill Malti għall-Isport.

Il-kunċett ta' dawn il-Logħob kien immirat lejn il-pajjiżi ż-żgħar li għandhom popolazzjoni żgħira ... u għalhekk inqas atleti ... biex jingħataw iċ-ċans li jipparteċipaw, mingħajr il-pressjoni tal-pajjiżi l-kbar, f'kompetizzjonijiet internazzjonali.

Għaldaqstant, jiena jidhirli loġikament, li meta pajjiżi oħrajn jibdew idaħħlu magħhom atleti minn pajjiżi ġirien ikunu qed jiksru dan il-kunċett.

Meta tkellimt fuq din il-kwistjoni mhux kulħadd qabel miegħi. Jiena favur li fejn jeżistu l-limitazzjonijiet tal-għażla fid-dixxiplini ta' *team sport* għandu jkun hemm xi eċċezzjonijiet. Iżda s-sustanza tal-punt prinċipali ta' dan il-Logħob huwa mmirat għall-atleti lokali ... u personalment ma nħossx li huwa ġust li atleta *home-grown* ikun "spettatur" għax postu jittieħed minn barrani li jkun qed jikkompeti taħt l-isem tal-istess pajjiż speċjalment fi sport individwali.

***Waqt serata tal-għoti tal-unuri tal-Kampjonati rispettivi tal-futbol, fid-diskors tiegħek aċċennajt dwar l-allegat każ ta' korruzzjoni li heżheż lit-tim nazzjonali Malti. Kien diskors ta' ċanfira. Kemm titfa' piż u responsabbiltà fuq din l-allegazzjoni fil-kapaċità tiegħek?***

Jidher li l-problema tad-doping madwar id-dinja qed tiġi ttakiljata bit-twaqqif tal-WADA (*World Anti-Doping Agency*) li nċidentalment aħna membri tagħha fejn se jkollna wkoll in-*National Anti-Doping Office* li se jkun immexxi mill-KMS.

Imma issa qed tgħolli rasha l-problema tal-korruzzjoni li teżisti minħabba l-logħob tal-azzard jew inkella dak illegali.

Mhux biss tkellimt dwar din il-problema waqt is-serata tal-għoti tal-unuri iżda ndirizzajtha waqt laqgħa tal-Ministri tal-Isport, fl-Unjoni Ewropea.

Kif jaf kulħadd, il-korruzzjoni tmur kontra l-ispirtu tal-isport ... u din il-problema tinkwetani ħafna, tiġi minn fejn tiġi.

Iżda weġġagħni aktar il-fatt li l-allegazzjoni saret fuq it-tim nazzjonali Malti ... li nħoss li hija inaċċettabbli u għaldaqstant ħassejt li kelli nitkellem dwarha u nibgħat messaġġ ta' twissija.

Fl-istess waqt, iżda, nittama li dawn huma biss allegazzjonijiet fiergħa ...

***X'messaġġ tixtieq twassal lill-isportivi Maltin?***

Il-messaġġ tiegħi huwa li aħna qed naħdmu għall-isport Malti b'dedikazzjoni kbira u professjonalità f'dik li hija attitudni.

Jeħtieġ li nkomplu nagħtu l-massimu tagħna ... għax l-isport huwa ta' benefiċċju kbir għaż-żgħażagħ għax jibni kultura ta' dixxiplina u ta' *team-work* u huwa ta' benefiċċju għas-saħħa fiżika u mentali ... iżda huwa wkoll ta' benefiċċju għas-soċjetà mil-lat ekonomiku ... xi ħaġa li għadna ma sfruttajnihx biżżejjed.

Wara li nkunu konvinti aħna, li diġà qegħdin fl-isport, nemmen li għandna missjoni biex inkomplu nikkonvinċu l-kumplament tas-soċjetà Maltija dwar il-benefiċċju tal-isport.




*Sezzjoni tat-tim tal-futbol tan-Nisa ta' Birkirkara wara l-għoti tad-demm*

# It-tim tan-Nisa ta' Birkirkara f'inizjattiva għal kawża ġusta

It-tim tal-futbol tan-Nisa ta' Birkirkara ta bidu ta' inizjattiva għal ġest nobbli hekk kif aktar kmieni dan ix-xahar, mar fiċ-Ċentru tad-Demm fejn disa' plejers flimkien mal-kowċ Johann Scicluna u d-diriġent Tommy Camilleri, taw id-demm.

Dan il-magażin sportiv ħa l-kummenti tal kowċ Karkariż kif tal fundatur tal-Għaqda - www.givelife.com.mt, is-Sur Stephen Gatt.

Mistoqsi għaliex ħass li kellu jieħu xi membri tat-tim li jmexxi biex jagħtu d-demm, il-kowċ Scicluna qal:

"Ix-xogħol tiegħi huwa dak ta' infermier fl-isptar fit-taqsima tal-Kardjoloġija.

"Għaldaqstant ninsab konxju mill-fatt li l-għoti tad-demm huwa verament importanti għax jista' jsalva ħajja ta' bniedem.

"Mhux l-ewwel darba li ċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm javża li hawn nuqqas serju ta' demm u s-sitwazzjoni hija waħda nkwetanti. Dan l-istess Ċentru ta' sikwit javża li min hu f'saħħtu huwa mitlub biex imur jagħti d-demm fl-iqsar żmien possibbli minħabba li xi kultant ikollhom saħansitra jitħassru xi operazzjonijiet.

"Irrid infaħħar lil dawk kollha li jagħtu widen għal dan l-appell iżda dan in-numru xorta mhuwiex biżżejjed.

"Madwar xahrejn ilu qrajt fuq il-ġurnali li ġiet imnedija Għaqda bl-isem ta' www.givelife.com.mt li l-funzjoni tagħha hija mmirata biex l-isportivi Maltin imorru jagħtu d-demm.

"Wara diskussjoni bejn il-plejers, id-diriġenti u l-istaff tekniku, jien ikkuntattjat lill-fundatur ta' din l-Għaqda, is-Sur Stephen Gatt, fejn għarraftu li t-tim tan-Nisa ta' Birkirkara, kien se jkun l-ewwel tim li jmur jagħti d-demm ... kif fil-fatt zammejna l-wegħda tagħna.

"Persważ li bosta sportivi se jimxu fuq l-eżempju tagħna u f'xi ħin jew ieħor imorru jagħtu s-sehem tagħhom biex tinbena katina bejn l-isportivi kollha għall-għoti tad-demm.

"Barra minn hekk iddeċidejna wkoll li waqt il-*warm-up* ta' qabel kull partita, il-plejers se jilbsu t-shirt bir-reklam tad-donazzjoni tad-demm.

"B'din iż-żjara tagħna fiċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm irridu nqajmu kuxjenza mal-Maltin kollha li din id-donazzjoni ... tista' ssalva ħajja ta' bniedem. U x'hemm isbaħ milli tiġi salvata ħajja?

"Apparti dan kollu, dan il-ġest





Stefania Farrugia



Kelly Agius Pace




*Johann Scicluna, kowċ ta' Birkirkara (tan-Nisa)*



*Stephen Gatt, il-fundatur tal-Għaqda www.givelife.com.mt*

inissel sodisfazzjon personali fuq kull donatur."

Mistoqsi kif nibtet l-idea oriġinali, il-fundatur ta' dan il-grupp, is-Sur Gatt, wieġeb:

"Madwar sitt xhur ilu mort nagħti d-demm u tkellimt mas-Sur Tony Micallef, li huwa nkarigat mill-PR tal-Għoti taċ-Centru tad-Demm.

Minħabba l-fatt li jien fotografu, is-Sur Micallef talabni ritratt ta' gowlkiper li qed isalva l-ballun biex jintuża bħala "metofora" li fl-istess waqt qed isalva ħajja ta' bniedem."

U proprju minn hemm nibtet l-idea. Min-naħa tiegħi tkellimt ma' bosta plejers kif ukoll ma' Andrew Hogg li llum huwa l-ambaxxatur ta' dan il-grupp."

"Madwar xahrejn ilu ġiet imnedija din l-Għaqda u bi pjaċir ngħid li sal-lum issieħbu 180 membru u hekk kif nilħqu l-200, se mmorru fiċ-Ċentru tal-Għoti tad-demm f'isem wieħed u f'għaqda waħda."

"B'sodisfazzjon kbir ngħid ukoll li kkuntattjawni erba' timijiet oħra biex fil-ġimgħat li ġejjin imorru jagħtu d-demm."

"Jiena ninsab ottimist ħafna li fil-futur qrib se jkollna rispons qawwi biex din l-inizjattiva tkompli tikber.

"Din l-Għaqda qed taħdem biex tqajjem kuxjenza nazzjonali biex aktar nies, dawk sportivi u dawk mhumiex, jagħtu din id-donazzjoni żgħira li fiċ-ċokon tagħha hija ferm important għax tista' ssalva ħajja ta' bniedem."

Kemm qed issib għajnuna din l-Għaqda?

"Bi pjaċir ngħid li qed insibu ħafna għajnuna fejn il-Malta Football Association kienet minn ta' quddiem biex tgħin f'din l-inizjattiva.

"Se nipprovaw ukoll inħeġġu aktar Assoċjazzjonijiet biex isiru membri f'din l-Għaqda. Il-bidu huwa kollu diffiċli iżda naċċerta lil dawk kollha li huma nteressati li jmorru jagħtu d-demm ... li s-sodisfazzjon huwa wieħed inspjegabbli ... meta jkunu jafu li tista' tiġi salvata ħajja ta' bniedem."

Fl-aħħarnett, is-Sur Scicluna ppreżenta flokk ta' Birkirkara lis-Sur Alex Lautier, SRN, li min-naħa tiegħu, filwaqt li rringrazzja lill-klabb Karkariż ta' din id-donazzjoni, saħaq li bħalissa, f'dan iċ-Ċentru hemm nuqqas ta' demm.

Dawk kollha nteressati li jmorru jagħtu d-demm għandhom jagħmlu kuntatt mas-Sur Stephen Gatt fuq 99475943.




# Skema ta' fondi għall-Għaqdiet mhux Olimpiċi



F'inizjattiva biex jinstiga kultura sportiva, il-Kunsill Malti għall-iSport ikompli l-ħidma tiegħu biex iniedi u jorganizza attivitajiet sportivi li huma mmirati lejn kull membru tal-kommunità Maltija. Il-KMS ikompli jsostni l-impenn tiegħu li jipprovdi għajnuna u jagħti sapport lil diversi setturi sportivi, organizazzjonijiet sportivi, klabbs u federazzjonijiet, kemm permezz ta' għajnuna finanzjarja kif ukoll permezz ta' sussidji u l-proviżjoni tal-faċilitajiet sportivi.

Għat-tieni sena konsekuttiva, grazzi għall-**Skema ta' fondi għall-Għaqdiet mhux Olimpiċi,** il-KMS qiegħed iwessa' l-investiment tiegħu fl-isport lokali billi jipprovdi għajnuna lil dawk l-għaqdiet mhux Olimpiċi. Total ta' 24 dixxiplina sportiva se jibbenefikaw minn din l-iskema li għanda allokazzjoni inizjali ta' €25,700 għas-sena 2011. L-assoċjazzjonijiet sportivi reġistrati mal-KMS, li bbenifikaw minn din l-iskema ġew ippreżentati l-ittri li jikkonfermaw din l-għajnuna mis-sur Joe Caruana Curran, direttur fi ħdan il-KMS, fil-kumpless sportiv tal-Kottonera. Preżenti għal din il-preżentazzjoni kien hemm ukoll is-sur Kenneth Vella u s-sinjorina Maria Mifsud Bonnici diretturi fi ħdan il-KMS, flimkien mas-sur Sinclair Cassar.

L-iskema taħseb biex tipprovdi għajnuniet finanzjarji għat-taħriġ u preparazzjoni teknika għall-kompetizzjonijiet lokali u dawk internazzjonali billi tħallas parti mill-ispejjeż għall-ivjaġġar kif ukoll il-parteċipazzjoni f'taħriġ tekniku barra minn Malta. B'hekk, il-KMS jkun qiegħed joħloq diversi opportunitajiet fuq livell Nazzjonali biex dawn l-atleti ukoll ikunu jistgħu jtejbu l-livell parteċipattiv tagħhom.

Il-KMS joffri numru ta' skemi li jinkludu:
- Venue Scheme,
- Use of School Sport Facilities Scheme,
- Facility Maintenance Scheme,
- Facility Improvement Scheme,
- Special Sports Leave Scheme,
- Youth Development Scheme,
- Professional Services Scheme,
- Sport Tourism Scheme,
- Tax Rebate Schemes,
- 20/20 Training Scheme,
- Elite Athletes Training Scheme,
- Equipment Scheme,
- Doping Control Scheme,
- Sports Personnel Scheme,
- International Participation Foreign Assistance,
- Local Councils Scheme
- Non-Olympic Sport Scheme.

Entitajiet reġistrati mal-KMS li qed jibbenefikaw minn dawn il-fondi jinkludu:
- Assocjazzjoni Sport Muturi
- Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi
- Għaqda Regatta Nazzjonali
- International Federation Body Builders Malta
- Malta Netball Association
- Malta Rugby Football Union
- National Federation of Sports Anglers
- Malta Baseball and Softball Association
- Malta Billiards and Snooker Association
- Malta Chess Federation
- Malta Cricket Association
- Malta Dancesport Association
- Malta Darts Association
- Malta Drifting Association
- Malta Golf Association
- Malta Karate Federation
- Malta Kendo Federation
- Malta Pool Association
- Malta Racing Club
- Malta Squash
- Malta Table Football Sports Association
- Malta Tenpin Bowling Association
- Traditional Karate Federation of Malta

Aktar informazzjoni dwar dawn il-programmi jistgħu jinkisbu mill-websajt tal-KMS www.sportmalta.org.mt jew mingħand Sinclair Cassar fuq pas@sportmalta.org.mt.

# Summer on the Move jidħol fit-tmien edizzjoni tiegħu

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt



Il-programm sportiv Summer On the Move wasal fit-tmien edizzjoni tiegħu u huwa mmirat biex kemm tfal u żgħażagħ kif ukoll adulti jkunu attivi tul is-Sajf. L-attivitajiet li jiġu organizzati huma speċifikament maħsuba biex jinżlu tajjeb fil-ġranet sħan u sajfin tagħna. Permezz ta' għalliema speċjalizzati, Summer on the Move, joffri esperjenzi ta' għawm, ibburdjar, logħob f'ambjent 'l bogħod mix-xemx kif ukoll avventuri edukattivi.

Din is-sena l-attivitajiet bdew nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju, u se jkomplu sal-5 ta' Settembru. Apparti mill-kumplessi sportivi tal-Kottonera u tal-Qroqq, se jkun hemm sessjonijiet tal-programm Summer on the Move fil-Birzebbugia Sailing Club, il-Vikings Sailing Club, Marsamxett u l-Malta Canoe Racing Club fl-Imsida. B'kollox qed jieħdu sehem iktar minn 100 parteċipant.

### Fil-Kumpless Sportiv Tal-Kottonera

Il-programm Summer on the Move li qed jiġi organizzat kuljum bejn id-9.00 a.m. u 12.00 p.m. u jinkludi logħob fuq ġewwa li jikkonsistu f'diversi attivitajiet fost l-aktar differenti, logħob interattiv, sessjonijiet ta' għawm u programm ta' *Adventure* speċifikament għal dawk li għandhom bejn 10 snin u 16-il sena. F'dan il-programm se jkun hemm żewġ livelli, dak tal-Beginners u ieħor Advanced għal tfal li diġà attendew fis-snin ta' qabel u allura jixtiequ sfidi ġodda u iktar eċċitanti. Il-programm huwa maqsum f'żewġ kategoriji ta' età, minn 4 sa 10 snin u minn 11 sa 16-il sena.

Is-sessjonijiet tal-għawm isiru fil-Kumpless Sportiv f'Tal-Qroqq Kumpless u l-Programm Adventure isir f'diversi postijiet (it-trasport huwa pprovdut mill-KMS mill-Kumpless Sportiv tal-Kottonera).

Għal-tfal minn 4 sa 10 snin l-attivitajiet fil-kumpless tal-Kottonera jsiru nhar ta' Tlieta, Erbgħa u l-Gimgħa waqt li s-sessjonijiet tal-għawm issir nhar ta' Tnejn u l-Hamis. Għat-tfal minn 11 sa 16-il sena l-attivitajiet fil-kumpless tal-Kottonera jsiru nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis, is-sessjonijiet isiru nhar ta' Tlieta u Ġimgħa filwaqt li l-programm Adventure ikun organizzat nhar ta' Erbgħa. Il-ġenituri jistgħu jagħmlu liema sessjonijiet li jixtiequ it-tfal tagħhom (darbtejn jew aktar f'ġimgħa).

### Fil-Kumpless Sportiv Tal-Qroqq

Is-sessjonijiet fil-Kumpless Sportiv Tal-Qroqq isiru bejn it-8.30 a.m. u 12:30 u jinkludu logħob fuq ġewwa bħal attivitajiet fiżiċi differenti, logħob interattiv, sessjonijiet tal-għawm u programm ta' avventura. Il-ġurnata tibda b'sessjoni tal-għawm bejn it 8.30 a.m. u l-10.00 a.m. segwita mill-attivitajiet ta' ġewwa. Dan il-programm huwa offrut nhar ta' Tlieta, Erbgħa u Ġimgħa. Il-programm Adventure jkun kull nhar ta' Tnejn mit-8.30 am. Il-ġenituri jistgħu jagħmlu żewġ sessjonijiet jew aktar.

### Swimming Awards

It-taħriġ tal-għawm fis-sessjonijiet kollha tas-Summer on the Move iwassal għal KMS swimming awards li ġew introdotti riċentament biex jiċċertifikaw il-ħiliet miluqgħa mill-parteċipanti. L-awards huma maqsuma f'ħames livelli ta' abbilità li fihom il-parteċipant jiġi mgħotti analiżi dettaljata tal-kapaċitajiet tiegħu/tagħha fl-għawm biex kull livell ikun pedament għal-livell li jmiss.

### Il-Programm ta' Avventura

Programm popolari fost il-parteċipanti huwa l-adventure programme li huwa offrut lit-tfal bejn 10 u 16-il sena fejn ikollhom l-opportunità li jieħdu sehem f'attivitajiet eċċitanti li ma jintnesewx bħal kayaking, snorkling u scuba diving, go karting, orienteering u treasure hunt, tent pitching u camping kif ukoll treasure hunt u beach games. F'dan il-programm it-tfal jiltaqgħu f'wieħed mill-kumplessi u flimkien mal-għalliema tagħhom imorru f'postijiet differenti (transport inkluż).

### Il-Programm tal-ibburdjar

Dawn is-sessjonijiet huma organizzati flimkien mal-Vikings Sailing Club u l-B'Bugia Sailing Club. Is-sessjonijiet organizzati mall-Vikings Sailing Club isiru f'Hay Wharf, il-Furjana (ħdejn il-lukanda Excelsior). Dawn huma organizzati għat-tfal minn 9 snin sa 16-il sena. Is-sessjonijiet organizzati mal-Birzebbugia Sailing Club huma għal tfal minn 8 snin sa 16-il sena u jsiru fi Pretty Bay, Birzebbugia.

kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt




# Sportsbuzz u Active Youngsters... Żewġ programmi oħra li l-Kunsill Malti għall-iSport qed joffri fis-Sajf

Fost il-ħafna programmi li l-Kunsill Malti għall-Isport qed joffri fis-sajf, wieħed isib Sportsbuzz u Active Youngsters. Dawn il-programmi bdew fil-bidu tax-xahar u jispiċċaw fit-tnejn ta' Settembru. **Sportsbuzz** qiegħed ikun kull nhar ta' Erbgħa fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, mill-5.00 p.m. sas-6.30 p.m. Huwa mmirat għat-tfal ta' bejn is-sitta u l-għaxar snin. L-għanijiet ta' dan il-programm huma li:

- Noffru opportunità lit-tfal kollha biex jitgħallmu ħiliet bażiċi għall-isport differenti, kemm individwali kif ukoll kollettiv.
- It-tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sportivi, iwettqu ħidma fi grupp u jkun hemm interazzjoni soċjali bl-isport.
- Noffru lit-tfal mezz ta' divertiment differenti, ispirazzjoni u kapaċitajiet ġodda, responsabbiltà u ambjent aktar pożittiv.
- Biex ngħinu it-tfal jiżviluppaw ħiliet bżonnjużi biex jintegraw fis-soċjetà, kemm fuq bażi personali u soċjali.

Active Youngsters huwa programm miftuħ għat-tfal ta' bejn id-9 u s-16-il sena. L-għan ta' dan il-programm huwa biex iż-żgħażagħ jitħarrġu iżjed fl-isport rispettiv li jagħżlu. L-attivitajiet ta' dan il-programm se jkunu fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera mis-6.00 p.m. sas-7.30 p.m. kif jidher fl-iskeda segwenti:

**It-Tnejn** - Football u Modern Dance
**It-Tlieta** - Handball u Netball
**Il-Ħamis** - Educational Karate u Volleyball
**Il-Ġimgħa** - Basketball u Rugby

Il-Kunsill Malti għall-Isport jixtieq iħeġġeġ iżjed tfal biex jattendu għal dawn il-programmi sportivi, għax apparti li jitgħallmu ħafna jkunu qed jieħdu pjaċir jilgħabu filwaqt li jagħmlu attività fiżika li hi ferm mportanti għas-saħħa. Kull min hu nteressat huwa ġentilment mitlub iċempel fuq 21660658 jew iżur il-website tal-Kunsill Malti għall-Isport li hi www.sportmalta.org.mt għall-aktar informazzjoni.

# Il-Kunsill Malti għall-iSport, strumentali fis-suċċess tal-atleti ta' Special Olympics fil-Greċja

## Tingħata għajnuna kbira wkoll mill-Onorevoli Clyde Puli u Tonio Fenech

Tmienja u Tletin atleta, fi ħdan Special Olympics Malta, rritorna lura pajjiżna b'46 midalja. Dawn ġew mirbuħa waqt il-logħob mondjali ta' Special Olympics li sar fil-Greċja. L-atleti Maltin ħadu sehem f'sitt dixxiplini sportivi li kienu l-atletika, għawm, boċċi, ġinnastika artistika, bowling u football 5-a-side.

Din kienet l-ewwel darba li l-kontinġent Malti ħa sehem bi grupp daqshekk kbir u għall-ewwel darba wkoll Malta ħadet sehem u kkompetiet fil-logħob mondjali fil-boċċi u football. Il-preparamenti kbar li saru matul dawn l-aħħar snin ta' taħriġ kontinwu u dedikat mill-kowċis ħalla l-frott sabiex mhux biss intrebħu l-midalji iżda fid-dixxiplini sportivi ndividwali kważi kull atleta rnexxielu jirreġistra l-aħjar ħin personali tiegħu jew tagħha.

Is-suċċess miksub fil-Greċja huwa mhux biss dovut għall-atleti u l-kowċis iżda wkoll għas-sagrifiċċji kbar tal-ġenituri li jsegwu lil uliedhom u jagħtuhom appoġġ kontinwu waqt it-taħriġ tagħhom. L-iSpecial Olympics World Games huwa l-ikbar avveniment sportiv li jsir kull erba' snin fejn jgħaqqad madwar 8000 atleta minn madwar id-dinja u minn fost 180 nazzjon, b'kultura u lingwa differenti.

Il-livell ta' din il-kompetizzjoni dinjija huwa wieħed għoli ħafna saħansitra anke b'ħinijiet ta' livell Olimpiku. It-tim Malti tal-għawm kiseb l-ogħla suċċess għall-Maltin fejn minn fost 46 midalja minnhom ntrebħu 16-il medalja. L-isbaħ riżultat kien dak ta' John Paul Fenech b'żewg midalji tad-deheb u Alexia Wetz b'żewġ midalji tad-deheb fl-ogħla livelli tagħhom. Jean Bernard Cachia ukoll kiseb żewġ midalji tad-deheb fil-kategorija ta' Taħt is-16-il sena.

Nathaniel Grasso kiseb żewġ midalji tal-fidda fil-freestyle u breaststoke, Mark Zammit Cutajar fil-freestyle u backstroke, Charmaine Mifsud tnejn tal-fidda fil-backstroke u breaststroke u Shanaia Xuereb li rebħet midalja tal-fidda u oħra tad-deheb fil-freestyle u backstroke. Fir-relay tan-nisa, Malta kisbet il-Fidda filwaqt li mertu kbir imur ukoll għal Matthias Attard li kien l-iżgħar kompetitur fl-għawm 1500m Open fejn spiċċa fid-disa' post, minn fost 39 għawwiem u rnexxielu jikseb id-deheb fil-kategorija tiegħu ta' Taħt is-16-il sena.

Rajna livell għoli mmens fl-atletika, kompetizzjoni diffiċli sal-aħħar sekondi. It-tim Malti tal-atletika kiseb 11-il midalja - fost dawn Claudio Dalli kiseb deheb u fidda fl-1500m u 3000m rispettivament. Ishmael Falzon kiseb deheb u bronż fil-100m u 200m fil-kategorija tal-adulti. Min-naħa l-oħra, Lucas Dalli kiseb żewġ midalji tal-fidda fil-200m u l-400m fil-kategorija ta' Taħt is-16-il sena. Filwaqt li ż-żagħżugħ Dylan Marston kiseb fidda fil-Long Jump. Sarah Caruana u Jessica Dalli kisbu tnejn fidda fl-400m u l-200m. It-timijiet kisbu bronż u fidda fir-relay.

Tmien midalji oħra ntrebħu fid-dixxiplina tal-Bowling. Kyle Burke, Bjorn Tabone, Natasha Bianchi rebħu l-bronż filwaqt li l-fidda marret għal Albert Borg fil-logħob tas-Singles. Il-koppja Marika Rogers u Albert Borg rebħu l-bronż fil-kategorija tad-doubles, filwaqt li Maria Spiteri rebħet il-midajla tad-deheb fil-kategorija tagħha.

Bla dubju, l-ikbar suċċess fil-bowling nkiseb minn Philip Gruppetta fejn b'medja ta' 180, wieħed jista' jgħid li kaxkar il-kategorija tiegħu għal plejers ta' Taħt is-16-il sena. Philip Gruppetta kien ukoll mniżżel bħala wieħed mill-iktar atleti li għamlu suċċess fil-qasam tal-Bowling.

Għall-ewwel darba, Malta
















kkompetiet fil-logħba tal-Boċċi b'żewġ atleti Mark Agius u Yowanna Vassallo. Ma nistgħux ma nsemmux l-iżvantaggi li kellu l-kontingent Malti rigward il-pitches għalkemm ipprova jħarreġ l-atleti f'pitch standard iżda d-differenza tat-tapit inħasset xi ftit mill-atleti tagħna. Però b'kuraġġ, determinazzjoni u logħob sabiħ, it-tnejn li huma ssieltu sal-aħħar sabiex kisbu tliet midalji. Mark Agius kiseb fidda fis-singles filwaqt li Yowanna Vassallo kisbet il-bronż. Il-koppja rnexxielha wkoll tirbaħ il-bronż fil-logħob tad-doubles.

Għat-tim tal-football ta' Special Olympics kienet l-ewwel esperjenza mondjali. Malta ħadet sehem fil-5-a-side. It-tim kien kompost minn għaxar plejers bl-età medja tkun dik ta' għoxrin sena. Għal dawn l-atleti, il-bidu kien kemmxejn diffiċli u forsi ħakem ftit l-eċċitament u n-nuqqas ta' esperjenza. Fil-logħob ta' kwalifikazzjoni, Malta lagħbet kontra l-Iran fejn il-logħba spiċċat 0-0 filwaqt li fit-tieni logħba, fl-istess ġurnata, it-tim Malti lagħab kontra Timor Leste fejn ukoll spiċċa fi draw ta' 1-1. Fit-tielet u l-aħħar logħba ta' kwalifika, Malta lagħbet mat-tim ta' Isle of Man fejn hawnhekk il-plejers tagħna tħabtu mhux ftit biex ħarġu rebbieħa bi skor ta' 2-0.

Fil-fażi tal-gruppi, Malta ġiet magħżula fis-sitt diviżjoni. Il-grupp kien kompost minn Isle of Man, Italja, Haiti u Malta. It-tim Malti rebaħ lil Haiti bi skor kbir ta' 5-0 filwaqt li kontra l-Italja spiċċa bi skor ta 1-1. L-aħħar logħba tal-grupp kienet kontra Isle of Man fejn il-Maltin tilfu fl-aħħar minuti tal-partita 1-0. Minn hawnhekk Malta spiċċat fit-tieni post fil-Grupp b'erba' punti. L-aħħar logħba deċiżiva għall-midalja tad-deheb kienet dik kontra Isle of Man għall-darba oħra fejn dan it-tim spiċċa fl-ewwel post tal-grupp. F'din il-finali, it-tim Malti rsista ħafna biex jipprova jirbaħ iżda n-nuqqas ta' esperjenza kemm fil-logħob kif ukoll fl-emozzjonijiet żammew it-tim Malti milli jirbaħ il-midalja tad-deheb biex b'hekk tilef il-partita bi skor ta' 3-1. B'dan ir-riżultat, it-tim Malti rebaħ il-midalja tal-fidda.

Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, l-iżgħar żewġ atleti fil-kontinġent Malti, Annemarie u Matthew Bugeja, li ħadu sehem fil-ġinnastika artistika. Annemarie Bugeja kisbet żewġ midalji tad-deheb fil-floors u l-bars, tnejn bronż fil-vault u beam u kisbet ukoll il-fidda minn fost disgħin atleta bħala all-rounder. Ċertament riżultat li jħallik bla kliem filwaqt li Matthew kiseb tnejn bronż fil-bars u fir-rings. Total ta' seba' midalji miksuba minn żewg atleti. Ċertament, futur sabiħ għalihom it-tnejn.

Sodisfazzjon kbir ġie mogħti lil Special Olympics Malta, immexxi mid-direttriċi Anna Calleja, fejn waqt iċ-ċerimonja tal-egħluq Timothy Shriver, uffiċjal ewlieni fi ħdan Special Olympics International semma' lil wieħed mill-atleti Maltin bħala eżempju fejn atleti qegħdin jagħmlu suċċess fil-kamp nazzjonali tagħhom.

**Ringrazzjament speċjali lill-Onorevoli Puli u Fenech**

Din l-esperjenza ma setgħetx tkun possibbli mingħajr l-għajnuna u l-appoġġ kontinwu ta' numru ta' entitajiet. Special Olympics Malta huwa grat u jirringrazzja pubblikament lill-Ministru tal-Finanzi Tonio Fenech għall-għajnuna tiegħu permezz tal-Fondi għall-Kawżi Gusti u lis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport Clyde Puli li sa mill-ewwel jiem tal-ħatra tiegħu mill-ewwel emmen f'din l-Għaqda. Ringrazzjament speċjali jmur ukoll lill-Kunsill Malti għall-iSport immexxi miċ-chairman tiegħu Bernard Vassallo, lil Vodafone Foundation, Megaline, Voices u lil Sports Innovations Malta li għall-ewwel darba fornew it-tracksuits tad-ditta Tinger lill-kontinġent kollu ta' Special Olympics Malta.







# Special Olympics 2011













# Bormla jirbħu r-Regatta ta' Taħt it-18-il Sena



Ħafna kienu dawk li fl-ewwel Sibt ta' Lulju segwew bi ħġarhom ir-Regatta ta' Taħt it-18-il sena organizzata mill-Għaqda Regatta Nazzjonali, bil-kollaborazzjoni u l-għajnuna tal-Kunsill Malti għall-Isport. Quddiem pubbliku sportiv numeruż, kienu Bormla li rebħu l-edizzjoni ta' din is-sena li saret fil-Bajja tar-Rinella.

Mingħajr ebda dubju, dan l-avveniment kien ta' suċċess hekk kif mhux biss kien hemm interess qawwi mill-klabbs kollha li pparteċipaw biex jieħdu sehem f'din ir-regatta, iżda l-eċċitament u l-entużjażmu fost il-qaddiefa u l-uffiċjali tal-klabbs kien wieħed tul it-tiġrijiet kollha. Oriġinarjament il-klabbs kollha applikaw għal din ir-Regatta ta' Taħt it-18-il sena, iżda fl-aħħar mument Birżebbuġa kellhom jirtiraw biex il-klabbs parteċipanti kienu Bormla, Marsa, Isla, Marsamxett Valletta, Kalkara u Birgu. Mhux il-klabbs kollha ħadu sehem fit-tiġrijiet kollha, iżda xorta l-kompetittività kienet waħda missielta.

B'kollox kien hemm ħames tiġrijiet u Bormla rebħu tlieta minnhom, bit-tnejn l-oħra jintrebħu mill-Marsa u l-Kalkara rispettivament. L-ewwel tiġrija ta' b'erba' imqadef intrebħet minn Bormla waqt li Kalkara temmew fit-tieni post. Il-Kalkara rebħu t-tieni tiġrija tal-frejgatina u l-Isla daħlu fit-tieni post. Fit-tielet tiġrija, li kienet ta' bi tnejn, kienu Marsa li rebħu l-massimu tal-punti segwiti mill-Birgu. Fir-raba' tiġrija tal-kajjikki bdiet tinħass it-tensjoni bejn Bormla u l-Kalkara għall-fatt li din it-tiġrija kienet kważi tħoll u torbot ir-rebħ tax-shield. Eventwalment kienu Bormla li ħarġu bl-unuri meta rebħu l-ewwel post u l-Isla ġew it-tieni. L-aħħar tiġrija kienet dik ta' b'erbgħa u hawnhekk reġgħu rebħu Bormla segwiti mill-Marsa fit-tieni post ta' din il-ħames tiġrija.

L-ekwipaġġ ta' Bormla kien kompost minn Daniel Zerafa, Sven Refalo, Maxmilliano Mamo u Noel Vella. Il-Birgu kienu fost l-aktar li ddiżappuntaw f'din l-edizzjoni peress li kienu ħafna dawk li bassru li kienu se jkunu huma li jirbħu x-shield f'din il-kategorija.

Fil-klassifika finali Bormla temmew fl-ewwel post b'total ta' 64 punt, għoxrin punt aktar mill-Marsa. Il-Kalkara spiccaw fit-tielet post b'34 punt, l-Isla ir-raba' b'24 punt u l-Birgu b'12-il punt.

Il-ġurija kienet komposta minn Sinclair Cassar, uffiċjal tal-KMS u Margaret Mercieca, direttriċi fi ħdan l-istess Kunsill Malti għall-Isport. Dawn kienu mgħejjuna minn Sammy Busuttil u Anthony Caruana, president u segretarju tal-Għaqda Regatta Nazzjonali rispettivament.

Dan l-avveniment kompla jgħin liż-żgħażagħ li jipparteċipaw f'dan l-isport biex ikomplu jtejbu l-ħiliet tagħhom waqt li jikkompetu kontra xulxin qabel jibdew jieħdu sehem fit-tiġrijiet tal-kbar. Issa fil-jiem li ġejjin il-Kunsill Malti għall-Isport, flimkien mal-Għaqda Regatta Nazzjonali, jibdew il-ħidma tagħhom biex jorganizzaw ir-Regatta ta' jum il-Vitorja li ssir fil-Port il-Kbir fit-8 ta' Settembru li ġej.



















Kowċis waqt il-logħba tal-Beach Soccer

# Jingħata bidu għall-Beach Soccer

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Lulju, ingħata bidu għall-Beach Soccer fejn ġew imnedija wkoll l-ewwel żewġ korsijiet għar-referis u ieħor għall-kowċis.

Dawn il-korsijiet, li ġew organizzati mill-FIFA u l-MFA, servew biex kemm ir-referis u l-kowċis jitħarrġu fir-regoli tal-Beach Soccer u t-tattika tal-logħba.

Erbatax-il referi attendew dan il-kors li kien immexxi minn Stefan Fassler u li sar fil-Media Room taċ-Ċentru Tekniku li żżanżnet għall-ewwel darba wara x-xogħlijiet li sarulha.

Fis-sala ewlenija tas-Centenary Stadium, sar kors ieħor li għalih attendew 12-il kowċ u li kien immexxi minn Ramiro Figueiras Amarelle.

Il-Gillette Beach Soccer Championship 2011 kellu jingħata bidu, fid 29 ta' Ġunju, iżda minħabba li l-konsenja ta' ramel speċjali għal dan it-tournament ma wasalx fil-ħin kellu jiġi pospost biex proprju beda jintlagħab nhar, ftit tal-jiem ilu.

L-aspettattiva għal dan it-tournament, kemm mill-plejers kif ukoll mil-organizzaturi, dehret evidenti fil-Bajja sabiħa ta' Pretty Bay f'Birżebbuġa, hekk kif l-ewwel żewġ timijiet taw bidu għall-ewwel logħba kompettittiva.



Il-Kap Eżekuttiv tal-MFA, Bjorn Vassallo (fin-nofs) jindirizza lill-kowċis


Ir-referis li attendew il-kors tal-Beach Soccer



L-iskwadra ta' Neptunes bis-Super Cup wara s-suċċess tagħhom fuq Sliema

# Neptunes jirbħu s-Super Cup ... u Marsaskala t-Tazza GħĠS

**Sliema McDonalds........... 11**
**Neptunes Emirates .......... 12**
**(2-4, 2-3, 4-4, 3-1)**

Nhar it-Tlieta li għadda, Neptunes rebħu t-Tazza tal-President (Super Cup) għas-sitt darba u għat-tieni darba dan l-istaġun għelbu lill-akbar rivali tagħhom, b'differenza ta' gowl wieħed biss.

Neptunes fetħu tajjeb, meta ħadu l-ewwel vantaġġ u baqgħu fuq quddiem tul il-logħba kollha minkejja li Sliema waslu viċin ferm għal tliet darbiet b'kollox.

L-akbar vantaġġ għar-rebbieħa kien ta' erba' gowls, imma sforz aħħari minn Sliema ġabhom gowl biss minn taħt li finalment ma kienx biżżejjed għax Neptunes għarfu jżommu l-pussess fl-aħħar ħinijiet biex aċċertaw mir-rebħa u l-unur.

Sliema kellhom lura lil Mark Meli, u Neptunes inkludew lil Gabriel Pace.

Sliema skorjaw tliet darbiet minn ħames drabi b'raġel aktar waqt li Neptunes fallew darba biss minn sitt okkażjonijiet ta' plejer aktar fl-ilma.

Għal Neptunes, Nicky Lanzon, skorja erba' darbiet u Steve Camilleri kellu tliet gowls waqt li għal Sliema kien hemm Bogdan Rath b'erba' gowls.

Fi tmiem il-partita il-president tal-ASA, Joe Caruana Curran, ippreżenta t-trofew tas-Super Cup, lil Nicky Lanzon.

Sliema: R. Coleiro, J. Gabarretta 1, N. Lubrano 1, R. Fodor 2, M. Meli 1, J. Soler, D. Paolella 2, J. Brownrigg, C. Debono, P. Privitera, B. Rath 4, J. Spiteri Staines, D. Abela

Neptunes: I. Bugeja, N. Lanzon 4, E. Aquilina, M. Stellini 1, J. Camilleri, G. Pace, S. Camilleri 3, V. Gojkovic 2, B. Buhagiar, S. Gravina, R. Sciortino, T. Molnar 2, M. Pisani

Referis: P. Balzan, S. Licari

**M'skala meat.com.mt........15**
**Ta' Xbiex ASC .....................8**
**(5-2, 6-0, 2-2, 2-4)**

Din kienet l-ewwel darba, mill-1996, li dan l-unur ġie milgħub bejn ir-rebbieħa tal-unuri tat-Tieni Diviżjoni, tal-istaġun li għadda. Marsaskala ddominaw il-partita u l-iskor finali ma jagħtix stampa ċara tal-andament tagħha.

Marsaskala tellgħu vantaġġ rebbieħ sa nofs il-partita meta marru 11-2 minn fuq. Ta' Xbiex kellhom sforz pożittiv fl-aħħar





Is-segretarju ġenerali tal-Għaqda Ġurnalisti Sports, Sandro Micallef, jippreżenta t-trofew lill-captain ta' Marsaskala, Joe Cremona



Azzjoni bejn Marsaskala u Ta' Xbiex



Azzjoni bejn Neptunes u Sliema

taqsima meta skorjaw erba' darbiet wara xulxin, qabel ma Marsaskala għalqu l-partita bl-aħħar żewġ gowls.

Meta kellhom raġel aktar, iż-żewġ timijiet ma sfruttawx sewwa l-okkażjoni meta Marsaskala skorjaw darbtejn minn ħamsa, waqt li Ta' Xbiex ġabu tliet gowls minn seba' okkażjonijiet.

Għal Marsaskala, Milos Korlaji spikka ferm, bid-disa' gowls li kiseb. Għal Ta' Xbiex Yuri Szeles kellu ħames gowls, inklużi żewġ penalties.

Fi tmiem il-partita is-Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Gurnalisti Sports, Sandro Micallef, flimkien mal-President tal-ASA, Joe Caruana Curran, ippreżentaw it-trofew tar-rebħ lill-captain ta' Marsaskala, Joe Cremona. Għalihom, din kienet it-tieni darba li rebħu dan l-unur, bl-ewwel darba jkunu bħala tim tal-ewwel diviżjoni.

Marsaskala: E. Arrigo, C. Spiteri de Barro 2, M. Pace, Mil. Koralji 9, D. Caruana, S. Farrugia, J. Licari, J. Cremona, S. Micallef, R. Scerri 1, D. Cassar, O. Zammit 1, Mih. Koralji 2

Ta' Xbiex: L. Borg, M. Paris, S. Vassallo, C. Cluett, D. Borg, M. Agius, T. Gyrovath 1, E. Bonello, M. Cordina 2, C. Saliba, R. Attard, B. Muscat, Y. Szeles 5

Referis: R. Spiteri, P. Giordano

## Waterpolo - Kampjonati Ewropej - Grupp A

# Malta tikkwalifika għall-play-offs

**26.06.2011**
**Malta.............................................. 8**
**Turkija ........................................... 7**
**(2-1, 2-2, 3-2, 1-2)**

Malta kkwalifikat għall-play-offs fil-Kampjonati Ewropej tal-waterpolo meta għelbet lit-Turkija bl-iskor ta' 8-7.

Kienet wirja sodisfaċenti li rat lill-Maltin imorru minn taħt fil-bidu, u kienu f'distakk ukoll fil-bidu tat-tieni taqsima imma minn hemm 'il quddiem qatt ma tilfu l-vantaġġ li kellhom. Huma tilfu żewġ plejers lejn tmiem il-partita imma fl-aħħar żammew il-pussess biex aċċertaw mir-rebħa.

It-Turkija marru ħażin ferm fid-drabi li kellhom raġel aktar fl-ilma u skorjaw darba biss minn tmien tkeċċijiet. Alan Borg Cole kellu logħba kbira fil-lasti Maltija meta ċaħħad lill-avversarji diversi drabi. Malta kellhom numru kbir ta' tkeċċijiet, meta t-Torok ma setgħux irażżnu t-theddida tal-plejers Maltin fl-erba' metri. Minn 13-il tkeċċija il-Maltin skorjaw seba' minnhom.

Fl-ewwel sessjoni, Turkija ingħataw żewġ penalties, imma Cagatay skorja wieħed u falla l-ieħor. Malta marru fuq quddiem b'gowls ta' Karl Galea u Steve Camilleri.

Fit-tieni sessjoni gowls ta' Yilmaz u Okiman taw vantaġġ lit-Torok, imma Steve Camilleri u Andrea Bianchi kisbu vantaġġ ieħor għal Malta sal-intervall għal skor ta' 4-3.

Michele Stellini ta vantaġġ doppju lil Malta biex Beskardesler naqqas id-distakk. Steve Camilleri reġa' ta żewġ gowls vantaġġ lill-Maltin biex Turkija, wara li fallew okkażjoni ta' żewġ plejers aktar, wara waslu gowls permezz ta' Cagatay. Michele Stellini aċċerta vantaġġ doppju għal Malta meta bdiet l-aħħar taqsima.

Yakimovic wassal lit-Turkija gowl bogħod biex Jerome Gabarretta ma ħafirx mill-erba' metri, għal 8-6.

Penalti ieħor għat-Turkija, skorjat minn Berkardesler, nofs minuta mit-tmiem, ġab il-logħba nċerta imma l-Maltin żammew pussess sal-aħħar, u ħadu r-rebħa li tathom il-kwalifikazzjoni.

Malta: A. Borg Cole, N. Lanzon, J. Gabarretta 1, P. Privitera, T. Sullivan, J. Soler, S. Camilleri 3, J. Camilleri, C. Debono, K. Galea 1, A. Bianchi 1, M. Stellini 2, R. Coleiro

Turkija: A. Sezer, N. Sonmez, R. Yakimovic 1, O. Okinan 1, A. Yilmaz 1, E. Coskun, S. Hakyemez, Y. Hantal, A. Yegin, A. Sonmez, H. Beskardesler 2, A. Cagatay 2, T. Guveli

Referis: M. Kouretas (Greċja), J. Cisneros (Spanja)

**01.07.2011**
**Polonja ........................................... 5**
**Malta.............................................. 5**
**(2-1, 1-0, 1-3, 1-1)**

Din il-partita, li ntlagħbet f'Szczecin, kienet mingħajr ebda sinifikat għall-fini ta' klassifika hekk kif it-tim Malti kien diġà ċert mill-kwalifikazzjoni għall-play-offs bir-rebħa kontra t-Turkija.

Fl-ewwel sessjoni Michele Stellini fetaħ l-iskor għal Malta iżda l-Polonja dawru l-iskor b'gowls minn Sekula u Leszek. Luczak għamilhom 3-1 fit-tieni sessjoni biex fit-tielet sessjoni waslet ir-rimonta Maltija.

Il-Maltin rebħu din is-sessjoni bl-iskor ta' 3-1 biex kisbu l-parità ta' 4-4. Għall-Maltin skorjaw żewġ gowls Steve Camilleri u Paul Privitera, b'Sekula jwieġeb għall-Polonja.

Fl-aħħar sessjoni Steve Camilleri għamilhom 5-4 favur Malta u seta' kabbar il-vantaġġ Malti iżda kien sfortunat meta ra l-ballun jaħbat mal-lasta minn penalty biex f'inqas minn minuta mit-tmiem Luc kiseb id-dro għall-Pollakki.

Il-logħba saret fil-pixxina magħluqa u dan l-ambjent u l-folla li attendiet ħolqu problemi respiratorju lill-plejers Maltin li mdorrijin jilagħbu fil-miftuħ.

**Klassifika Finali**
**Grupp A**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Turkija | 4 | 3 | 0 | 1 | 42 | 20 | 9 |
| Malta | 4 | 2 | 1 | 1 | 23 | 30 | 7 |
| Polonja | 4 | 0 | 1 | 3 | 17 | 32 | 1 |

Futbol

# "Fi żmien sena Għawdex ser ikollu Stadium ieħor ġdid"

## - Norman Darmanin Demajo, President tal-MFA

**Fil-messagg tiegħu waqt il-Premjazzjoni Annwali li torganizza l-Gozo F.A., fl-aħħar ta' kull staġun, il-president tal-GFA Alvin Grech, beda biex semma' li l-irwol tal-futbol fil-gżira Għawdxija huwa mportanti ħafna peress li jolqot prattikament il-fergħat kollha tas-soċjetà fejn għalkemm xi uħud ma humiex direttament involuti fil-logħba, żgur li għandhom xi ħadd fil-familja li b'xi mod għandu involviment fil-logħba tal-futbol. Dan ipoġġi piż u responsabbiltajiet kbar fuq l-amministrazzjoni li trid tagħmel dak kollu possibbli sabiex il-pubbliku sportiv Għawdxi jipprattika l-isport favorit tiegħu fl-aħjar kundizzjonijiet u ambjenti.**

Għal dan il-għan matul l-istaġun li għadu kif intemm, il-GFA organizzat mhux anqas minn 15-il kompetzzjoni domestika, sitt kampjonati u disa' kompetizzjonijiet oħra. Kienet organizzata wkoll it-tieni edizzjoni tal-Gozo Cup li nżammet, f'Marzu 2011, bil-parteċipazzjoni ta' ħames timijiet ewlenin Maltin fejn nistgħu ngħidu li kienet suċċess u tat stimolu lill-ekonomija Għawdxija fiż-żmien li matulu l-industrija tat-turiżmu tkun xi ftit kwieta. Alvin Grech semma li l-prioritajiet tal-GFA, għat-tliet snin li ġejjin, huma dawk li jitkompla l-bini fuq dak mibdi f'dawn l-aħħar snin fosthom titjib tal-faċilitajiet kemm tal-Gozo Stadium, tas-Sannat Ground, kif ukoll tal-Klabbs Membri sabiex il-plejers u ż-żgħażagħ tagħna jkollhom l-aqwa faċilitajiet possibbli kemm għat-taħriġ kif ukoll għall-logħob kompetittiv.
Hemm bżonn li anke s-settur tal-Youths ikompli jissaħħaħ għax dan huwa l-aqwa nvestiment li l-futbol jista' jagħmel. Huwa semma' l-koperazzjoni sħiħa tal-MFA fejn ġew organizzati diversi korsijiet tal-coaching fejn il-GFA issussidjat ħamsin fil-mija ta' dawn il-korsijiet.

Il-president tal-GFA qal li għat-tliet snin li ġejjin irid ikompli jsir l-iżvilupp tal-VIP u Press Area, jiġu nstallati pannelli fotovoltajiċi sabiex jiġġeneraw l-enerġija neċessarja biex jopera l-Gozo Stadium, jinbidel il-fencing tal-Gozo Stadium bi ħġieġ u jinbnew żewġ ġibjuni sabiex jinħażen l-ilma neċessarju għat-tisqija tal-Gozo Stadium kif ukoll li l-GFA tkompli tgħin aktar lill-Klabbs u n-Nurseries affiljati.

Alvin Grech qal li biex sar dan kollu kienu nvoluti ħafna nies. B'mod speċjali, huwa rringrazzja lil dawk li ħadmu l-aktar mill-qrib miegħu fosthom lis-segretarju ġenerali, Joe Bajada, għax-xogħol kbir li wettaq matul l-istaġun, lit-teżorier, George Cini, għax-xogħol immens fejn jidħlu sponsors u lil Dr. Joseph Grech, li serva bħala kunsulent legali tal-GFA. Min-naħa tiegħu, Grech radd ħajr ukoll lil membri l-oħra kollha tal-Eżekuttiv, tal-Kunsill, ta' Gozo FC, tal-Gozo Youth FA, tal-Bordijiet u tal-Klabbs kollha affiljati mal-GFA. Il-president tal-GFA rringrazzja wkoll lill-periti, Ludovigo Micallef u Anġlu Portelli, fejn ix-xogħol kollu mwettaq minnhom sar mingħajr ebda nteressi, lill-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, u l-uffiċjali l-oħrajn tal-MFA, lill-isponsors ewlenin li kienu Melita, General Soft Drinks, Gozo Express, Bank of Valletta u Gozo Channel.

Ringrazzjament speċjali marru wkoll lejn il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono, għall-għajnuna kontinwa tagħha biex dawn il-proġetti kollha setgħu jimmaterjalizzaw ruħhom, kif ukoll radd ħajr lis-Segretarju Parlamentari, Dr. Chris Said, li permezz tas-Segretarjat tiegħu iffinanzja l-Gozo Cup. Alvin Grech temm il-messaġġ tiegħu billi rringrazzja lill-familjari għall-appoġġ kontinwu fil-ħidma tagħhom għall-ġid tal-logħba.

Diskorsi oħra tal-okkażjoni saru mis-Sur Joe Bajada, segretarju ġenerali tal-GFA, mis-Sur Sandro Micallef, rappreżentant ta' Melita Cable, plc, f'isem l-isponsors, u mis-Sur Norman Darmanin Demajo, president tal-MFA u mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono.

Is-Sur Darmanin Demajo, president tal-MFA, fil-messaġġ tiegħu beda biex qal li l-kelma suċċess trid tkun fl-Amministrazzjoni fejn wieħed irid iħares b'mod differenti u jimmira għal titjib fil-faċilitajiet tal-klabb rispettiv tiegħu. Huwa qal li għandu ċerti xewqat għal futbol Għawdxi fejn fiż-żmien sena jrid ikun sar Stadium ta' daqs normali ieħor, f'Għawdex, b'turf sintetiku biex b'hekk ikun jista' jospita l-logħob kollu tal-Youths fih. Għal dan irid ikun hemm impenn finanzjarju mill-MFA flimkien ma' oħrajn biex dan iseħħ.
Klabbs oħrajn irid ikollhom pitch b'turf sintetiku, kif ukoll dwal adekwat biex b'hekk il-bażi ta' kull klabb tkun lesta. Is-Sur Darmanin Demajo appella lil kull klabb biex jibdel l-attitudni tiegħu f'dan ir-rigward fejn għad fadal xi pitches oħra





x'jitlestew f'Għawdex. Ħolma oħra tal-president tal-MFA hija li jibda jsir studju biex l-istand tal-Gozo Stadium jitwaqqa' biex taħtu jkun jista' jinbena Ċentru Tekniku li, bla dubju, huwa proġett mill-iktar ambizzjuż. Dan kollu huwa meħtieġ għax hemm il-biżgħa li t-talent Għawdxi jista' jintilef minħabba nuqqas ta' faċilitajiet. Darmanin Demajo temm il-messaġġ tiegħu billi awgura lit-timijiet kollha Għawdxin li mill-istaġun li ġej se jkollhom l-opportunità li jieħdu sehem fl-ewwel rawnd tal-FA Trophy ta' Malta .

Il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono, bdiet billi esprimiet is-sodisfazzjon tagħha li qed tattendi għal din l-attività annwali organizzata b'tant entużjażmu mill-GFA fejn tieħu gost tara l-espressjonijiet ta' ferħ u sodisfazzjon fuq wiċċ dawk kollha li jiġu ppremjati f'din l-okkażjoni. Hija semmiet il-valur qawwi ta' volontarjat li wieħed għadu jsib f'Għawdex, kif ukoll il-benefiċċji li wieħed jakkwista mill-isport u l-importanza fl-iżvilupp sħiħ tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. Dan huwa kunċett li jorbot ukoll mal-ħidma tal-Ministeru għal Għawdex fir-rigward tal-viżjoni eko-Għawdex li hija mifruxa fuq perspettiva wiesa' fost l-oqsma soċjo-ekonomiċi kollha li jinkludu wkoll il-qasam sportiv. Il-Ministru Debono ħabbret li l-GFA, flimkien ma' Għaqdiet sussidjarji tagħha, se tkun qed tgawdi wkoll minn skema bi proġetti bħal bini ta' ġibjun li jiffaċilità żieda fil-ħażna tal-ilma tax-xita biex b'hekk it-turf ikun jista' jinżamm f'kundizzjoni tajba matul is-sena kollha. Dawn ix-xogħlijiet iżidu u jsaħħu l-faċilitajiet sportivi f'Għawdex.

Hija sellmet lil dawk kollha li f'isem il-GFA, matul is-snin ikkollaboraw mal-Ministeru għal Għawdex biex illum hemm faċilitajiet ferm aħjar. Dan jippermetti li jsir logħob ta' ċertu livell anke bil-parteċipazzjoni ta' timijiet Maltin kif ukoll barranin. Hija ferħet lill-president, Alvin Grech, li flimkien ma' sħabu se jkomplu jmexxu lill-GFA għal terminu ieħor.

Is-Sur Joe Bajada beda l-messaġġ tiegħu bħala segretarju ġenerali tal-Gozo F.A. billi ta merħba lil dawk kollha preżenti għal din is-serata, li nżammet nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Gunju, 2011 fil-lukanda Ta' Ċenċ, fis-Sannat, fejn kienu ppremjati t-timijiet kollha li kisbu xi suċċess, kif ukoll dawk l-individwi li rebħu d-diversi kategoriji u apprezzamenti oħrajn matul dan l-istaġun li għadu kif intemm. Is-Sur Bajada qal li matul din is-serata ser ikunu mogħtija erba' apprezzamenti lil min kompla jagħmel isem mhux biss għalih personali iżda anke għall-GFA u Għawdex permezz tal-impenji tiegħu mal-Malta Football Association.

Is-segretarju ġenerali tal-GFA kompla jgħid li l-istaġun li għadda, il-GFA wettqet ħidma oħra kbira favur il-futbol Għawdxi u l-membri tagħha u għalhekk il-membri tal-istess Assoċjazzjoni għandhom ikunu sodisfatti bil-kwantità u bil-kwalità tal-ħidma li aħna wettaqna. Fil-fatt, il-vot muri ta' apprezzament fl-aħħar Laqgħa tal-Kunsill jikkonferma dan kollu. Din il-ħidma kollha, skond is-Sur Bajada, ma kinetx tkun possibbli li ma kienx għas-sostenn morali u għall-ħidma effettiva u kollettiva ta' ħafna mill-membri ta' l-Assoċjazzjoni u ta' dawk li ġew fdati b'xi xogħol fejn il-bosta l-kbira tagħhom taw aktar minn dak li kien mistenni minnhom. Dan kollu għandu jimla lill-membri tal-Assoċjazzjoni bil-kuraġġ biex matul l-istaġun li ġej, mhux biss terġa' titwettaq ħidma bħal ma saret f'dan l-istaġun li għadda, iżda li din tkompli tiżdied. Is-Sur Bajada antiċipa dan għall-fatt li l-GFA se tibqa' għaddejja taħt it-tmexxija ħabrieka tal-president, Alvin Grech.

Messaġġ ieħor sar mis-Sur Sandro Micallef, rappreżentant ta' Melita Cable, plc, f'isem l-isponsors qal li huwa ta' sodisfazzjon għalih li minkejja li ilu jattendi għal dawn is-serati, din kienet l-ewwel darba li huwa qed jindirizza lil dawk preżenti. Huwa semma' kif il-kumpanija Melita kompliet bir-rabta tagħha mal-GFA fejn ta' kull ġimgħa xandret logħba mill-Kampjonat Melita tal-Ewwel Diviżjoni, kif ukoll bħal ma sar fl-aħħar staġuni, finali oħra Għawdxija kienet imxandra direttament mill-Gozo Stadium.










# Suċċess kbir għat-Table Tennis Academy Tibhar

St James Hospital TTC Rebbieħa tal-Ewwel Diviżjoni (mix-xellug) Marcus Portelli, Charles Sammut, Andrea Portelli, Daniel Portelli

Il-Kampjonat Nazzjonali tat-table tennis ġie fi tmiemu bl-aktar mod sodisfaċenti għall-Akkademja li rat lill-kowċis tagħha flimkien ma' uħud mill-aqwa plejers tagħha jiddominaw il-klassifika finali.

Fid-diviżjoni Premier, **Table Tennis Academy Tibhar** ġew inkurunati champions b'vantaġġ ta' għaxar punti fuq l-eqreb rivali u b'rekord ta' mingħajr telfa. Dan it-tim huwa kompost mill-kowċis tal-Akkademja – Mario Genovese, Edward Baldacchino u Andrew Gambina li huwa wieħed mill-aktar studenti promettenti tal-Akkademja.

Fl-Ewwel Diviżjoni kien hemm sitwazzjoni simili fejn it-tim ta' **St. James Hospital TTA**, kompost minn fost l aqwa plejers tal Akkademja Daniel, Marcus u Andrea Portelli, akkumpanjati minn Charles Sammut li matul l-aħħar sena ingħaqad f'rabta b'saħħitha mal-Akkademja, iddominaw ix xena.

Għaldaqstant, dan it-tim issa ġie promoss għall-Premier wara li rebaħ il-logħob kollu fl-Ewwel Diviżjoni biex spiċċaw fil-quċċata tal-klassifika, b'żewġ rebħiet fuq it-tim li spiċċa fit-tieni post.

Aktar informazzjoni dwar l-Akkademja u l-programmi tas-sajf jistgħu jinkisbu minn fuq il-website www.tabletennisacademy.com jew email info@tabletennisacademy.com jew fuq in-nurmu 7959 1799.




Table Tennis Academy Tibhar Rebbieħa tad-Diviżjoni Premier (mix-xellug) Daniel Vella Fondacaro, Andrew Gambina, Edward Baldacchino, Mario Genovese

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 30 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

# L-isport li ma jistrieħx

L-aħħar ġimgħa ta' Lulju u x-xahar ta' Awwissu … żmien ta' sħana u mistrieħ … iżda l-isport tat-tiġrijiet taż-żwiemel ikompli joffrilna varjetà anke f'dawn iż-żmienijiet. Din il-ġimgħa saru l-finali tal-Kampjonat tas-Sajf għal kull Klassi ta' żwiemel inkluż l-ogħla waħda - il-Klassi Premier. Kienu sett ta' finali mill-isbaħ, kumbattuti sal-aħħar u mirbuħa minn żwiemel ta' kwalità.

Lejn l-aħħar ta' Lulju, għaxar sewwieqa Maltin se jżuru l'*Ippodromo del Mediterraneo* fi Sqallija biex jikkompetu f'tiġrijiet ma' numru ta' sewwieqa Taljani. Din l-okkażjoni għandha toffri aktar esperjenza internazzjonali lis-sewwieqa tagħna, tagħtihom opportunità biex juru t-talenti tagħhom barra minn xtutna u li joħolqu relazzjonijiet ġodda ma' kollegi barranin.

Fit-12 ta' Awwissu, sewwieq Malti se jirrappreżenta lil pajjiżna f'tappa oħra tal-Kampjonat tal-Mediterran għas-sewwieqa tat-trott fil-korsa ta' Cagnes Sur Mer, fi Franza. Imbagħad, fit-30 ta' Awwissu, fir-Russja, sewwieq ieħor se jipparteċipa fl-aħħar tappa tas-sewwieqa fil-korsa ta' Voronezh, filwaqt li ġerrej Malti se jieħu sehem f'tappa oħra għall-ġerrejja tal-galopp, f'Kazan.

Għalkemm f'Malta ma jkollniex tiġrijiet, ix-xahar id-dieħel l-attività f'dan il-qasam ma tieqafx. Is-sidien u t-trainers jibqgħu jieħdu ħsieb iż-żwiemel tagħhom, idewwu l injuries li jista' jkollhom, jiżguraw li ż-żwiemel jieħdu mistrieħ xieraq u jippreparaw għat-tiġrijiet li jmiss fi ftit ġimgħat oħra.

Matul is-sajf nilqgħu wkoll f'pajjiżna aktar żwiemel ġodda li jiġu mportati minn pajjiżi bi tradizzjoni twila fit-tiġrijiet taż-żwiemel.

Fil-korsa jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni sabiex tittejjeb il-kwalità tagħha bi preparazzjoni għat-tkomplija tal-istaġun. Jiġu wkoll iffinalizzati l-pjani għat-tiġrijiet u l-kampjonati interessanti li se jiġu organizzati fil-ħarifa u x-xitwa.

Xogħol ta' fejda li għandu jkompli jkabbar il-popolarità ta' dan l-isport fost il-pubbliku sportiv, sabiex fil-bidu ta' Settembru nerġgħu lura fil-korsa għal aktar programmi ta' tiġrijiet u aktar attrazzjonijiet u spettaklu għall-familja kollha.

# RIŻULTATI,

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 5 ta' Ġunju 2011

**RACE 1 - (1640m) Class Silver Equestrian Festival 2011 Heat 1**
1 Winner Farming (Etienne Mallia)
2 Mezio Josselyn (Victor Fenech)
3 Westside Photo (Alex Cortis)
4 Lime Casted (Noel Baldacchino)

**RACE 2 - (1640m) Class Silver Equestrian Festival 2011 Heat 2**
1 Divinis (Charlie Magro)
2 Ocean Brillouard (Noel Baldacchino)
3 Flying As (Jonathan Farrugia)
4 Freedom As (Charles Camilleri)

**RACE 3 - (1640m) Class Silver Equestrian Festival 2011 Heat 3**
1 Newman (Kevin Sciberras)
2 Victory Toll (Julian Farrugia)
3 Charlie Smitt (Michael Ellul)
4 Boston Harbor (George Attard)

**RACE 4 - (1640m) Class Gold Equestrian Festival 2011 Heat 1**
1 Big Hit (Charlo Debono)
2 Lass John (Shaun Formosa)
3 Biggles Coquet (Mario Farrugia Niger)
4 Matador Knick (Carmelo Farrugia)

**RACE 5 - (1640m) Class Gold Equestrian Festival 2011 Heat 2**
1 Candy Fantasy (Melvin Farrugia)
2 Kingpin la Marc (Rodney Gatt)
3 Gigo Lloyd (Charles Camilleri)
4 Indian Attack (Noel Baldacchino)

**RACE 6 - (1750m) Open The Butler Cup 2011**
1 Etoile du Pic (Eric Zammit)
2 Letthewordgoforth (Sarah Borg)
3 Walker (Demis Zammit)
4 Waterpaint (Oliver Briffa)

**RACE 7 - (1750m) Class A Piscopo Gardens Cup**
1 Friarscourt (Ramon Grima)
2 Marivan (Charles Pace)
3 Nuage de la Tour (Paul Abela)
4 Rougemont (Oliver Briffa)

**RACE 8 - (1640m) Class Silver Final Equestrian Festival Silver Final**
1 Newman (Kevin Sciberras)
2 Charlie Smitt (Michael Ellul)
3 Ocean Brillouard (Noel Baldacchino)
4 Flying As (Jonathan Farrugia)

**RACE 9 - (1640m) Class Premier Equestrian Festival 2011 Final**
1 Mon Daniel (James Carabott)
2 Livi Cantona (Charles Camilleri)
3 Energy As (Carmelo Farrugia)
4 Lucas Ness (Mario Farrugia Niger)

**RACE 10 - (1640m) Class Gold Final Equestrian Festival Gold Final**
1 Kingpin la Marc (Rodney Gatt)
2 Candy Fantasy (Melvin Farrugia)
3 Lass John (Shaun Formosa)
4 Indian Attack (Noel Baldacchino)

## Tiġrijiet tat-Tlieta, 7 ta' Ġunju 2011

**RACE 1 - (2640m) Class Bronze Poligas Ltd Bronze Race**
1 Purple Street (Redent Magro)
2 Luriga Liz (Brian Pulis)
3 Noli de Marray (Patrick Spiteri)
4 Hawkear (Rodney Gatt)

**RACE 2 - (2640m) Class Bronze Poligas Ltd Bronze Race**
1 Owens Kin (Noel Baldacchino)
2 Ocean Gede (Emmanuel Fenech)
3 Pretty Post (David Ellul)
4 Cocos Kaos (Jason Vassallo)

**RACE - 3 (2640m) Class Silver Montekristo Estates Silver Race**
1 Napolitano Sun (David Ellul)
2 Notre Allegro (Michael Ghigo)
3 Ironbar (Julian Farrugia)
4 Nasdaq du Closet (A. Farrugia)

**RACE - 4 (2640m) Class Gold Polidano Group Gold Race**
1 Max Galbe (Carmelo Agius)
2 Magic Vaumicel (Mario Falzon)
3 Orlando Tejy (Mario Farrugia)
4 Delvin Brodde (Julian Farrugia)

**RACE 5 - (2640m) Class Copper Montekristo Estates Copper Race**
1 Trick The Lind (Kevin Mifsud)
2 Glowing Star (George Attard)
3 Pamir Point (Michael Ellul)
4 Koehchel Baz (Joseph Tabone)

**RACE 6 - (2640m) Class Premier Empire Cinema Premier Race**
1 Max d'Avignere (Darren Mizzi)
2 Belafonte (Charlo Debono)
3 James de l'Iton (Raymond Clifton)
4 Key Value (Mark Tanti)

**RACE - 7 (1750m) Flat Race McDonald's Mediterranean Derby 2011**
1 Buttermilk (Eric Zammit)
2 Just The Best (Oliver Briffa)
3 Adorabile Med (Demis Zammit)
4 Mayfair Princess (Glen Braem)

**RACE 8 - (2640m) Class Gold Polidano Group Gold Race**
1 Niky Du Donjon (James Carabott)
2 Nacarat Campbell (H. McKay)
3 Match de Bannes (N. Baldacchino)
4 The Big Blue World (James Briffa)

**RACE 9 - (2140m) Class Premier Sette Giungio Cup Final**
1 Think Yatzee (Clint Vassallo)
2 Energy Launcher (Alex Cortis)
3 Skip Dimanche (Charlo Debono)
4 Gentle Way (Eric Bezzina)

**RACE 10 - (2640m) Class Silver Montekristo Estates Silver Race**
1 Opera du Pam (James Carabott)
2 My Danover (Christian Xerri)
3 C.J.Blueeyedkissed (C. Vassallo)
4 Urido Limburgia (Salvu Bartolo)



*Joker De Choisel - V.O.B. Cup presentation*



*Joker De Choisel - race 7*

# SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 12 ta' Ġunju 2011

**RACE 1 - (2640m) Class Copper**
**Montekristo Estates Copper Race**
1 Insa (Francis Cassar)
2 Hulegardens Filur (Mario Falzon)
3 Great Line (Tony Demanuele)
4 Newmarket Boy (Shaun Portelli)

**RACE 2 - (2640m) Class Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Sweep The Floor (Carmelo Farrugia)
2 Notre Joyeux (Charles Camilleri)
3 Manifi Pointer (Charles Fava)
4 Belbroughton Road (Carl Caruana)

**RACE 3 - (2640m) Class Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Syllabub (Rodney Gatt)
2 Loulou Noir (Tony Demanuele)
3 Marquis du Domaine (George Attard)
4 Monte Cinto Mag (Benny Briffa)

**RACE 4 - (2640m) Class Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Narcus du Roc (Noel Baldacchino)
2 Mr King (France Tanti)
3 Pout de Quelaines (David Galea)
4 Ninio Vici (Rodney Gatt)

**RACE 5 - (2140m) Class Copper**
**Prix de Caen**
1 L'Ami du Popey (Julian Farrugia)
2 Leo de Gratens (George Attard)
3 Mirage d'Ete (Cliferty Calleja)
4 Noel de Corneville (Noel Baldacchino)

**RACE 6 - (2140m) Class Bronze**
**Prix de Cagnes Sur Mer**
1 Moustique Rose (Noel Baldacchino)
2 Man Quick (Jason Cordina)
3 Jean Perrine (Christopher Cassar)
4 Kheops d'Ariane (Herman McKay)

**RACE 7 - (2140m) Class Silver**
**Prix de Cabourg**
1 Lys des Etroits (Brian Hili)
2 Knight Brunel (Noel Baldacchino)
3 Midoun du Home (Charles Camilleri)
4 Obscur de Busset (Shaun Portelli)

**RACE 8 - (2140m) Class Gold**
**Prix d'Enghien**
1 Lord The Best (Mark Mifsud)
2 L'Ideal de Fersan (Carl Caruana)
3 Magnifique Sablais (Julian Farrugia)
4 Natif de Salvi (Redent Magro)

**RACE 9 - (2140m) Class Premier**
**Prix de Vincennes**
1 Joker de Choisel (Francis Cassar)
2 Master Perrine (Herman McKay)
3 Malin Roro (Mario Farrugia)
4 Mark de Chamant (Michael Seychell)

**RACE 10 - (2640m) Class Silver**
**Montekristo Estates Silver Race**
1 Cross Country F.C. (Marco Debono)
2 Oscardo du Val (Jeffrey Pace)
3 Nympheta de Bisoir (Jonathan Farrugia)
4 Oural d'Asnois (Patrick Spiteri)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju 2011

**RACE 1 - (2140m) Class Bronze**
**Autostart**
1 Loulou Noir (Carl Caruana)
2 Apple Tooma (Michael Ellul)
3 Koko Loco (Noel Baldacchino)
4 Above Roland (George Attard)

**RACE 2 - (2140m) Class Bronze**
**Autostart**
1 Opimus (Julian Farrugia)
2 Syllabub (Rodney Gatt)
3 Purple Street (Redent Magro)
4 Lancaster (Noel Baldacchino)

**RACE 3 - (2140m) Class Silver**
**Autostart**
1 Orlov du Poncelet (Julian Farrugia)
2 Owens Kin (Noel Baldacchino)
3 Nuthan d'Emi (Carl Caruana)
4 Mr King (France Tanti)

**RACE 4 - (2140m) Class Gold**
**Autostart**
1 Magnifique Sablais (Julian Farrugia)
2 Vasterbo Hitchiker (Christian Vassallo)
3 L'Ideal de Fersan (Carl Caruana)
4 Schejken Bill (Larson Mifsud)

**RACE 5 - (1250m) Class B**
**Flat Race**
1 Marivan (Eric Zammit)
2 Nuage de la Tour (Paul Abela)
3 Adorabile Med (Demis Zammit)
4 Rougemont (Oliver Briffa)

**RACE 6 - (2140m) Class Silver**
**Autostart**
1 Must du Buisson (Charles Camilleri)
2 Number One Of Max (Noel Baldacchino)
3 Major Mitri (Andrew Farrugia)
4 Osay de Viette (Herman McKay)

**RACE 7 - (2140m) Class Premier**
**Autostart**
1 Mentor de l'Iton (Brian Hili)
2 Candy Fantasy (Melvin Farrugia)
3 Carnegie Hall (Larson Mifsud)
4 Affe Fager (Brian Zammit)

**RACE 8 - (2140m) Class Silver**
**Autostart**
1 Maitre de Bannes (Dario Fenech)
2 Charlie Smitt (Michael Ellul)
3 Oregon Cerise (Rodney Gatt)
4 Niko de Chamant (Victor Fenech)

## Tiġrijiet tat-Tlieta, 28 ta' Ġunju 2011

**RACE 1 - (2140m) Class Copper**
**Autostart**
1 Conrads Circle (Shaun Formosa)
2 Leo de Gratens (George Attard)
3 Glowing Star (Rodney Gatt)
4 Koehchel Baz (Noel Baldacchino)

**RACE 2 - (2140m) Class Bronze**
**Autostart**
1 Dandy (Robert Polidano)
2 Monte Cinto Mag (Benny Briffa)
3 Noel de Corneville (Noel Baldacchino)
4 Hickory Crown (Salvatore Cutajar)

**RACE 3 - (2140m) Class Gold**
**Autostart**
1 Rambo Lambo (Claudio Refalo)
2 No Comprendo (Andrew Farrugia)
3 Triangel Kall (France Tanti)
4 Napolitano Sun (David Ellul)

**RACE 4 - (2140m) Class Bronze**
**Autostart**
1 Pine Wood Harry (Cliferty Calleja)
2 Belbroughton Road (Carl Caruana)
3 Papa's Dream (Mark Tanti)
4 L'Ami du Popey (Julian Farrugia)

**RACE 5 - (2140m) Class Gold**
**Autostart**
1 Nacarat Campbell (Charles Camilleri)
2 Kingpin la Marc (Rodney Gatt)
3 Jobie Lucky (Carl Caruana)
4 The Big Blue World (James Briffa)

**RACE 6 - (2140m) Class Silver**
**Autostart**
1 Lime Casted (David Ellul)
2 Stainless Steel (Charles Camilleri)
3 Next Haufor (Tony Tanti)
4 Kobber Dust (Darren Mizzi)

**RACE 7 - (2140m) Class Premier**
**V.O.B Cup 2011**
1 Joker de Choisel (Francis Cassar)
2 Isolated (Noel Baldacchino)
3 Mark de Chamant (Michael Seychell)
4 Energy Launcher (Redent Magro)

**RACE 8 - (2140m) Class Bronze**
**Autostart**
1 Nimeno (Carl Caruana)
2 Pretty Post (David Ellul)
3 Omega des Arpents (Brian Hili)
4 Tintin Haleryd (Cliferty Calleja)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 1 ta' Lulju 2011

**RACE 1 - (2140m) Class Copper**
**Autostart**
1 Juaben (Shaun Portelli)
2 Trick The Lind (Kevin Mifsud)
3 Napoleon Hjo (David Ellul)
4 Flying Spur (Tony Demanuele)

**RACE 2 - (2140m) Class Copper**
**Autostart**
1 Supremo As (Christian Vassallo)
2 Great Line (Tony Demanuele)
3 Hotchemin (Warren Spiteri)
4 Lemon Solo (Jason Vassallo)

**RACE 3 - (2140m) Class Bronze**
**Autostart**
1 Lazume Simoni (Noel Baldacchino)
2 Ninio Vici (Rodney Gatt)
3 Nereus Galbe (Julian Farrugia)
4 Mousko Royal (Salvatore Cutajar)

**RACE 4 - (2140m) Class Gold**
**Autostart**
1 Lys des Etroits (Brian Hili)
2 Victory Toll (Charles Camilleri)
3 Notre Allegro (Michael Ghigo)
4 Nukir de Bodavel (Dylan Baldacchino)

**RACE 5 - (2140m) Class Gold**
**Autostart**
1 Ludo de Bellande (Emmanuel Fenech)
2 Nomade de Mai (Charles Camilleri)
3 Bankir Zon (Clint Vassallo)
4 Big Hit (Charlo Debono)

**RACE 6 - (2140m) Class Silver**
**Autostart**
1 Family's Moonlight (James Carabott)
2 Izor Rick (Eugenio Bondin)
3 Noble d'Urzy (Andrew Farrugia)
4 Agobra Bingo (Warren Spiteri)

**RACE 7 - (2140m) Class Premier**
**Autostart**
1 Fire (Marco Refalo)
2 Major Chaleonnais (Charlo Debono)
3 Belafonte (Cliferty Calleja)
4 Le Coup de Foudre (Charles Camilleri)

**RACE 8 - (2140m) Class Silver**
**Autostart**
1 Master Lupin (Rodney Gatt)
2 Opera du Pam (James Carabott)
3 Baronello (Jason Vassallo)
4 Nouxor (Charles Camilleri)


*Mentor De L' Iton - race 8*


*Hulot - race 4*


*Royal Krafts K - race 2*

## Kampjonati Mondjali U/21 tal-Pool 2011

# Malta champions tad-dinja





*It-tim Malti jiċċelebra s-suċċess tiegħu fi Blackpool*

It-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena rnexxielu jikteb l-aktar paġna glorjuża fl-istorja tal-Pool meta, għall-ewwel darba, irbaħna l-ewwel Kampjonat Mondjali li ntlagħab fi Blackpool, l-Ingilterra.

It-tim nazzjonali Malti, immexxi b'abbiltà kbira mill-manager tagħhom Adrian Camilleri, kien magħmul minn Maverick Zammit, Thurston Grixti u Matthias Mallia li lkoll flimkien ħadmu biex jiksbu dan is-suċċess fenomenali. Il-plejers tat-tim rebbieħ kienu qegħdin jirrappreżentaw lil Malta A filwaqt li t-tim li kien qiegħed jirrappreżenta lil Malta B kien magħmul minn Malcolm Azzopardi, Kane Smith u Daniel Caruana.

Malta A irnexxielhom jirbħu ħames logħbiet fl-istadju tal-gruppi filwaqt li tilfu tlieta biex irnexxielhom jgħaddu għas-semi-finali. It-tim ta' Malta B irnexxielu jirbaħ logħba waħda filwaqt li tilef sebgħa u għalhekk spiċċa fl-aħħar post fil-Fażi tal-Gruppi.

Ir-rebħiet li kisbu Malta A waslu kontra Malta B 8-1, v Irlanda B 7-2, v Skozja A 5-4, v Skozja B 6-3, v Irlanda A 6-3. It-telfiet waslu kontra Ingilterra A 2-7 u Irlanda ta' Fuq 4-5.

Fis-semi-finali, il-Maltin iffaċċjaw lil Skozja fejn għalkemm Thurston Grixti ma kienx fl-aħjar forma, meta tilef iż-żewġ frames tiegħu, Matthias Mallia patta għal dan in-nuqqas meta rnexxielu jirbaħ it-tliet frames kollha tiegħu filwaqt li Maverick Zammit irnexxielu jirbaħ tnejn oħra għal skor finali ta' 5-2.

Thurston Grixti sab l-aħjar forma tiegħu fil-finali kontra l-Ingilterra billi l-ewwel għeleb liċ-champion tad-Dinja, Ashley Radford, u mbagħad kiseb żewġ rebħiet oħra kontra Graig Lakin u Adam Griffiths.

Matthias Mallia beda tajjeb billi rebaħ l-ewwel frame kontra Josh Corkett iżda l-Ingliżi għamlu l-iskor indaqs meta Graig Lakin għeleb lil Maverick Zammit. Thurston Grixti reġa' poġġa lit-tim Malti fil-vantaġġ meta għamel rebħa tajba kontra ċ-champion tad-dinja Ashley Radford.

L-Ingliżi kisbu d-draw meta

## Kampjonat Mondjali tal-Pool U/18

# Malta megħluba fil-finali mill-Ingilterra



*Dylan Attard, Ryan Falzon, Scott Muscat, Saviour Mifsud (Manager), Lyden Debono, Lothar Mallia u Dylan Cassar*

It-tim nazzjonali Malti ta' Taħt it-18-il sena, immexxi mill-manager tagħhom, Savior Mifsud, għall-ewwel darba kemm ilu jikkompeti rnexxielu jasal sal-finali fil-Kampjonat tad-Dinja li sar fi Blackpool.

Dan kien it-tieni success għaz-żgħażagħ Maltin meta ftit ħin qabel, it-tim nazzjonali ta' Taħt il-21 sena rebaħ il-Kampjonat tad-Dinja.

Il-plejers li ffurmaw it-tim Malti kienu Lyden Debono, Dylan Attard, Lothat Mallia, Ryan Falzon, Scott Muscat u Dylan Cassar. Fil-fażi tal-Gruppi, huma rnexxielhom jirbħu ħames logħbiet u tilfu tnejn. Ir-rebħiet waslu kontra l-Irlanda 11-4, India 10-5, Channel Islands 11-4, Skozja 12-3 u Wales 9-6 filwaqt li ż-żewġ telfiet sofrejnihom kontra l-Ingilterra u l-Iskozja, it-tnejn bi skor identiku ta' 7-8.

Fis-semi-finali, huma ltaqgħu kontra Skozja fejn Malta rebħet 8-6. Fil-finali jidher li kien hemm plejer jew tnejn li ħakmithom tensjoni kbira u għalhekk żbaljaw xi ftit. Huma iltaqgħu kontra l-Ingilterra fejn Malta tilfet 4-8.

Lyden Debono rnexxielu jipplejsja fit-tieni post għall-aqwa plejer fil-Kampjonat tad-Dinja fil-Kategorija ta' Taħt it-18-il sena, filwaqt li fl-ewwel post spiċċa Frank Castello, iċ-champion tad-dinja ta' Taħt it-18-il sena.



Adam Griffiths għeleb lil Maverick Zammit iżda eżatt wara Thurston Grixti reġa' poġġa lil Malta 3-2 minn fuq b'rebħa fuq Graig Lakin. Imbagħad, l-Ingliżi irnexxielhom idawru l-iskor għal 4-3 favur tagħhom meta Matthias Mallia tilef żewġ frames infila kontra Ashley Radford u Graig Lakin rispettivament.

Thurston Grixti, iżda, kien f'burdata tajba u reġa' rebaħ it-tielet frame tiegħu kontra Adam Griffiths biex ġab l-iskor 4-4. Issa kollox kien jiddependi mill-aħħar frame bejn Maverick Zammit u Ashley Radford.

Lejn it-tmiem, Ashley Radford iddeċieda li jmur għal-logħba iżda falla l-boċċa s-sewda f'kolp mhux daqstant faċli u għaldaqstant ħalla lil Zammit jikklerja u jagħti rebħa mistħoqqa ta' 5-4 biex Malta rebħet l-ewwel Kampjonat Mondjali għall-ewwel darba.

Kif spiċċat il-logħba, il-partitarji Maltin kif ukoll dawk barranin, li kważi kollha taw l-appoġġ tagħhom lill-plejers Maltin, spiċċaw f'dellirju ta' ferħ u briju tremend. Iċ-ċelebrazzjonijiet damu sejrin sa tard filgħaxija fit-toroq ta' Blackpool, speċjalment quddiem il-lukanda Imperial.

Fil-lista tal-aqwa plejers mill-Kampjonat tad-Dinja, Thurston Grixti irnexxielu jikseb it-tielet post billi rebaħ 14-il frame. L-ewwel u t-tieni post intrebħu miċ-champion tad-Dinja Ashley Radford u Giuseppe D'Imperio li rebħu 16-il frame kull wieħed.

Fil-kampjonat individwali, Maverick Zammit irnexxielu jasal sas-semi-finali. Fl-ewwel rawnd huwa għeleb lil Conor O'Boyle (Irlanda) 7-2, filwaqt li fir-rawnd ta' l-aħħar 32, għeleb lil James Kirk (Channel Islands) 7-5.

Meta kkwalifika mal-aħħar 16, Zammit għeleb lil Nigel Clarke (Ingilterra) 7-5 filwaqt li fil-kwarti-finali kien ferm superjuri għal Tim Ford tal-Irlanda ta' Fuq fejn rebaħlu bi skor komdu ta' 7-1. Fis-semi-finali, Maverick Zammit iltaqa' kontra Ashley Radford fejn tilef 4-7. Ashley Radford sar iċ-champion tad-Dinja meta fil-final għeleb lill-Iskoċċiż, Ryan Fleming, 8-7.

F'dawn il-Kampjonati Mondjali ta' Taħt il-21 sena, ħadu sehem 40 kompetitur.

minn Vincent Pisani





*Simon Zammit, Roberta Cutajar, Alex Borg*

## Kampjonat Ewropej Individwali tas-Snooker

# Riżultati mħalltin għall-plejers Maltin

It-tliet plejers Maltin li ħadu sehem fil-Kampjonat Ewropej Individwali tas-Snooker fil-Bulgarija, Alex Borg, Simon Zammit u Roberta Cutajar, kellhom riżultati mħalltin b'din tal-aħħar jkollha l-aħjar wirjiet.

Infatti, Cutajar, fil-kategorija tan-Nisa, fil-Fażi tal-Gruppi, irnexxielha tirbaħ erba' logħbiet u titlef waħda biss biex spiċċat fit-tieni post tal-grupp. Ir-rebħiet waslu kontra Maria Loizou (Ċipru) li rebħitilha 3-2 filwaqt li kontra l-Belġjana Sara Ghyselinck, Monica Manolanche tar-Rumanija u l-Franċiża Maria Lassaut, ilkoll rebħitilhom 3-0. L-unika telfa waslet kontra l-Pollakka Hanna Mergies fejn tilfet 1-3.

Cutajar ikkwalifikat mill-grupp għal mal-aħħar 16 fejn rebħet lil Irina Gorbataya 3-1 filwaqt li fil-kwarti-finali għelbet lil Ġermaniża, Anne Hirsh 4-1. Fis-semi-finali, Cutajar bdiet ħażin meta sfat 3-0 minn taħt kontra Tatjana Vasiljeva, iżda rnexxielha tirkupra billi rebħet iż-żewġ frames sussegwenti biex tagħmel l-iskor 2-3. Il-plejer Maltija tilfet l-aħħar frame u l-logħba iżda Roberta kellha prestazzjoni eċċezzjonali u għamlet unur għal pajjiżna. Il-Kampjonat intrebaħ minn Wendy Jans tal-Belġju meta, fil-final, għelbet lil Tatjana Vasiljeva 5-1. Għal dan is-suċċess, Roberta Cutajar ingħatat €200.

L-aqwa break fil-Kampjonat tan-Nisa kien dak ta' 75 minn Wendy Jans, filwaqt li Roberta Cutajar għamlet tliet breaks sbieħ ta' 52, 40 u 37.

Fil-Kampjonat tal-Irġiel, Alex Borg minn Grupp B, irnexxielu jirbaħ il-logħbiet kollha biex spiċċa fl-ewwel post tal-grupp. Ir-rebħiet waslu kontra Martin McCrudden (Irlanda) u Zsolt Fenyvesi (Ungerija) it-tnejn 4-2, filwaqt li rebaħ ukoll lil Ventsislav Daskelov (Bulgarija) 4-1 u kiseb erba' rebħiet ta' 4-0 kontra Maurice Le Duc (Olanda), Paul Schopf (Awstrija), Paolo Pereira (Portugal) u Davor Anticic tal-Kroazja.

Fil-fażi finali, huwa beda billi għeleb lil Ivailo Pekov tal-Bulgarija 4-0, fir-rawnd tal-aħħar 32 biex imbagħad tilef fir-rawnd ta' wara (l-aħħar 16) kontra Daniel Wells ta' Wales 1-5. Daniel Wells rebaħ il-Kampjonat meta, fil-final, għeleb lill-Irlandiż Vincent Muldoon 7-4.

Alex Borg spiċċa bl-aqwa break fil-kampjonat meta għamel 'clearance' ta' 141, kif ukoll breaks oħrajn sbieħ ta' 116 u 107. Għal dan l-ogħla break Borg ingħata trofew u €100.

Min-naħa tiegħu, Simon Zammit, minn Grupp A, irnexxielu jirbaħ ħames logħbiet u tilef tnejn biex spiċċa fit-tielet post tal-grupp. Ir-rebħiet waslu kontra l-eks-plejer professjonali Patrick Einsle (Ġermanja) 4-3, żewġ rebħiet ta' 4-2 kontra Marcin Nitchke (Polonja) u Nikola Kemilev (Bulgarija), rebħa ta' 4-1 fuq Tomas Puodzionas (Litwanja) u rebħa ta' 4-0 fuq Janne Hakkinen tal-Finlandja.

Huwa għadda għall-fażi finali fejn fl-ewwel rawnd (l-aħħar 32) safa eliminat minn Adam Duffy 2-4. Ta' min jgħid li Duffy s-sena d-dieħla kkwalifika biex jilgħab bħala plejer professjonali fil-World Snooker. L-aqwa breaks ta' Zammit kienu dawk ta' 74, 71 u 67.



Sebastian Vettel fil-Grand Prix ta' tal-Ewropa

# Sebastien Vettel u Redbull ikomplu jiddominaw



Fernando Alonso jirbaœ il-Grand Prix tal-Ingilterra


ewis Hamiltonm jiççelebra
-rebœa tiegœu fil-Æermanja






Sebastian Vettel jiċċelebra r-rebħa tal-Grand Prix tal-Ewropa




Fernando Alonso jifraħ wara s-suċċess tiegħu fl-Ingilterra




Lewis Hamilton fil-Grand Prix tal-Germanja

# ... Fernando Alonso jirbaħ f'Silverstone ... u Lewis Hamilton f' Nuremberg

## Riżultati tal-GP tal-Ewropa
### 26.06.2011 - Valencia

| | |
|---|---|
| 1. Sebastian Vettel (Ġermanja) RedBull | 1:39:36.169 |
| 2. Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | +00:10.891 |
| 3. Mark Webber (Awstralja) RedBull | 00:27.255 |
| 4. Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 00:46.190 |
| 5. Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 00:51.705 |
| 6. Jenson Button (Britannja) McLaren | 01:00.065 |
| 7. Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 01:38.090 |
| 8. Jaime Alguersuari (Spanja) Toro Rosso | 1 lap |

## Riżultati tal-GP tal-Ingilterra
### 10.07.2011 - Silverstone

| | |
|---|---|
| 1. Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 1:28:41.196 |
| 2. Sebastian Vettel (Ġermanja) RedBull | +00:16.511 |
| 3. Mark Webber (Awstralja) RedBull | 00:16.947 |
| 4. Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 00:28.986 |
| 5. Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 00:29.010 |
| 6. Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 01:00.665 |
| 7. Sergio Perez (Messiku) Sauber | 01:05.590 |
| 8. Nick Heidfeld (Germany) Renault | 01:15.542 |

## Riżultati tal-GP tal-Ġermanja
### 24.07.2011 - Nuremberg

| | |
|---|---|
| 1. Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 1:37:30.334 |
| 2. Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | +00:03.980 |
| 3. Mark Webber (Awstralja) RedBull | 00:09.788 |
| 4. Sebastian Vettel (Ġermanja) RedBull | 00:47.921 |
| 5. Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 00:52.252 |
| 6. Adrian Sutil (Ġermanja) Force India | 01:26.208 |
| 7. Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 1 lap |
| 8. Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 1 lap |

## Klassifika

| Sewwieqa | |
|---|---|
| 1. Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 216 |
| 2. Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 139 |
| 3. Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 134 |
| 4. Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 130 |
| 5. Jenson Button (Britannja) McLaren | 109 |
| 6. Felipe Massa (Brażil) Ferrar | 62 |
| 7. Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 46 |
| 8. Nick Heidfeld (Ġermanja) Team Lotus | 34 |
| 9. Vitaly Petrov (Russja) Team Lotus | 32 |
| 10. Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 32 |

| Kostrutturi | |
|---|---|
| 1. RedBull | 355 |
| 2. McLaren | 243 |
| 3. Ferrari | 192 |
| 4. Mercedes | 78 |
| 5. Renault | 66 |
| 6. Sauber | 35 |
| 7. Force India | 20 |
| 8. Toro Rosso | 17 |

# Jorge Lorenzo jnaqqas id-distakk fil-konfront ta' Casey Stoner




L-Amerikan Ben Spies

Casey Stoner jillidja fil-Moto GP tal-Ġermanja



L-Ispanjol Jorge Lorenzo



L-Awstraljan Casey Stoner






Ben Spies rebbieħ fl-Olanda




Jorge Lorenzo rebbieħ fl-Italja

Dani Pedrosa rebbieħ fil-Ġermanja




## Riżultati tal-GP tal-Olanda
### 25.06.2011 - Assen

| | |
|---|---|
| 1. Ben Spies (Stati Uniti) Yamaha | 41:44.659 |
| 2. Casey Stoner (Awstralja) Honda | 41:52.356 |
| 3. Andrea Dovizioso (Italja) Honda | 42:12.165 |
| 4. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 42:15.343 |
| 5. Nicky Hayden (Stati Uniti) Ducati | 42:27.831 |
| 6. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 42:29.195 |
| 7. Colin Edwards (Stati Uniti) Yamaha | 42:52.771 |
| 8. Hiroshi Aoyama (Ġappun) Honda | 42:55.412 |
| 9. Marco Simoncelli (Italja) Honda | 43:09.584 |
| 10. Toni Elias (Spanja) Honda | 43:10.875 |
| 11. Alvaro Bautista (Spanja) Suzuki | 43:23.125 |
| 12. Hector Barbera (Spanja) Ducati | +1 Lap |
| 13. Kousuke Akiyoshi (Ġappun) Honda | +1 Lap |
| 14. Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | +2 Laps |

## Riżultati tal-GP tal-Italja
### 03.07.2011 - Mugello

| | |
|---|---|
| 1. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 41:50.089 |
| 2. Andrea Dovizioso (Italja) Honda | 41:51.086 |
| 3. Casey Stoner (Australja) Honda | 41:51.232 |
| 4. Ben Spies (Stati Uniti) Yamaha | 41:59.069 |
| 5. Marco Simoncelli (Italja) Honda | 41:59.165 |
| 6. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 42:16.539 |
| 7. Hector Barbera (Spanja) Ducati | 42:18.834 |
| 8. Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 42:22.132 |
| 9. Colin Edwards (Stati Uniti) Yamaha | 42:23.510 |
| 10. Nicky Hayden (Stati Uniti) Ducati | 42:24.813 |
| 11. Hiroshi Aoyama (Ġappun) Honda | 42:27.448 |
| 12. Karel Abraham (Rep. Ċeka) Ducati | 42:34.053 |
| 13. Alvaro Bautista (Spanja) Suzuki | 42:37.743 |
| 14. Randy de Puniet (Franza) Ducati | 42:38.929 |
| 15. Toni Elias (Spanja) Honda | 43:05.288 |

## Riżultati tal-GP tal-Ġermanja
### 17.07.2011 - Sachsenring

| | |
|---|---|
| 1. Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 41:12.482 |
| 2. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 41:13.959 |
| 3. Casey Stoner (Awstralja) Honda | 41:14.050 |
| 4. Andrea Dovizioso (Italja) Honda | 41:22.995 |
| 5. Ben Spies (Stati Uniti) Yamaha | 41:23.201 |
| 6. Marco Simoncelli (Italja) Honda | 41:23.405 |
| 7. Alvaro Bautista (Spanja) Suzuki | 41:39.933 |
| 8. Nicky Hayden (Stati Uniti) Ducati | 41:39.992 |
| 9. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 41:40.058 |
| 10. Colin Edwards (Stati Uniti) Yamaha | 41:45.973 |

## Klassifika

| Sewwieqa | | |
|---|---|---|
| 1. | Casey Stoner (Awstralja) Honda | 168 |
| 2. | Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 153 |
| 3. | Andrea Dovizioso (Italja) Honda | 132 |
| 4. | Valentino Rossi (Italja) Ducati | 98 |
| 5. | Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 94 |
| 6. | Ben Spies (Stati Uniti) Yamaha | 85 |
| 7. | Nicky Hayden (Stati Uniti) Ducati | 85 |
| 8. | Marco Simoncelli (Italja Honda | 60 |
| 9. | Colin Edwards (Stati Uniti) Yamaha | 59 |
| 10. | Hiroshi Aoyama (Ġappun) Honda | 57 |

## Kampjonat 1954-55

# Floriana jegħlbu lil Valletta u jitilgħu waħedhom fil-quċċata

### Il Ħames Ġurnata

**04-12-1954:**
**Birkirkara FC – Hibernians FC 2-1**
**H.T 0-1**
**Skurjaw: F. Church (H) 26′, F. Preca (B) 55′ u B. Agius (B) 62′.**
**Referi: C. D. Lusted**
**Linesmen: V. C. Chambers u E. V. Norton-Jones**

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Joe Agius, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Lewis Caruana, Fredu Preca, Norman Bell, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Leli 'Il-Likku' Saliba, Bertie Agius, Frans Theuma, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

*Hibernians FC*: Salvu 'Il-Pompa' Cassar, Colin Tabone, Joe Grixti, Johnnie Azzopardi, Victor Formosa, Sunny Anastasi, Henry Vella, John Coreschi, Fredu Church, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Bertie Agius iddebutta b'gowl mal-Istripes. Huwa kien ġie akkwistat fit-trasferimenti tas-sajf mingħand it-tim relegat ta' Melita FC.

2. Seba' minuti minn tmiem il-partita l-gowlkeeper Salvu Cassar ta' Hibernians kellu jħalli l-ground wara li weġġa' meta salva xutt ta' Pawlu Carbonaro, b'postu bejn il-lasti jieħdu l-plejer Sunny Anastasi.

**05-12-1954:**
**Ħamrun Sp. FC – Sliema W. FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: V. Grima (Ħ) 56′ u F. Formosa (Ħ) 69′.**
**Referi: Salvu Pirotta**
**Linesmen: Leli Spiteri u Walter (Watty) Gatt**

*Ħamrun Sp.*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Frans Damato, Galea, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Armando Drago, Franġisku Formosa, Victor Grima, Joe 'Ir Rumba' Dimech, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Romeo Psaila.

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Xerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Gejtu 'Gaga' Sacco, Salvu Bonnici, Karm Borg, Guy Coulet, Maurice Walsh, Tony Nicholl, Sammy Nicholl, Caesar Xerri.

1. Ħamrun kienu għadhom mingħajr Salvu Azzopardi, Johnnie Borg u Gejtu Psaila li kollha kienu jinsabu msifrin mat-tim tal-Armata filwaqt li Sliema Wanderers kellhom neqsin lill-gowlkeeper Cosby u Salvinu Schembri għall-istess raġuni.



*Id-difensur ta' Floriana, Lolly Debattista*

**11-12-1954:**
**Floriana FC – Valletta FC 3-1**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: L. Borg (F) 32′, N. Mackay (V) pen. 50′, Ż. Alamango (F) 77′ u B. Camilleri (F) 83′.**
**Referi: Michael Sciberras.**
**Linesmen: J. G. Pearce u Carmel L. Bugeja**

*Floriana FC:* Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Lolly Debattista, Leli Zammit, Ġużi Bennetti, Tony Dalli, Tony Vella, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Benny Camilleri, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Żarenu Alamango.

*Valletta FC*: Mike 'Moro' Cutajar, Ken Everest, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Leli Borg Bonaci, Sammut, Żeppi Micallef, Josie Urpani, Leli 'Il-Pesa' Pace, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

1. Valletta FC tilfu żewġ plejers regolari mit-tim tagħhom meta kemm is-centre-half Ċensu Muscat kif ukoll is-centre-forward Pawlu Zammit tliet ijiem qabel, fit-8 ta' Diċembru 1954, kienu fuq l-istess vapur fi triqthom lejn l-Awstralja.

2. Floriana żammew lil Bertu Zarb Cousin bejn il-lasti minkejja li l-gowlkeeper regolari Ġużi Alamango kien irritorna mit-tour fl-Eġittu mat-tim tal-Armata. Alamango kien kiseb postu lura fl-aħħar ġurnata tal-kampjonat meta Floriana kienu diġà saru Champions.

2. Tony Dalli rritorna fit-tim Furjaniż wara li kien ilu nieqes mit-telfa ta' 2-0 kontra Sliema Wanderers tal-24 ta' April 1954. Dak in-nhar huwa kien tkeċċa u weħel żewġ logħbiet.

3. Fit-30 ta' Diċembru 1954 il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA issospenda lill plejer Tony Dalli sa tmiem l-istaġun wara li dan fil-protesti tiegħu mbotta lir-referi. Floriana ressqu protest quddiem l-MFA kontra din id-deċiżjoni minħabba li sostnew li Dr. Maurice




*Birkirkara 1954/55*

Decesare, wieħed mill-membri tal-Bord tad-Dixxiplina, qabel ma ħarġet is-sentenza fi tliet bnadi differenti kien diġà tkellem li Dalli weħel sena. Dan għamlu f'kafetterija l-Belt, fl-Istadium u qabel meeting distrettwali tal-MLP f'tas-Sliema. Filwaqt li Dr. Decesare ċaħad dan kollu l-MFA ma laqgħetx il-protest ta' Floriana minħabba li sostniet li anke li kieku dan kien minnu dan bl-ebda mod ma kellu effett fuq is-sentenza.

**16-12-1954:**
**St.George's FC – Rabat FC 1-1**
**H.T 1-1**
**Skurjaw: P. Said (R) 21' u N. Mizzi (St. Geo) 34'.**
**Referi: Joe M. Cassar Naudi**
**Linesmen: W. F. West u E. Norton-Jones**

*St. George's FC*: Nenu Gili, Johnnie Wilson, Willie Xerri, Peppi Delceppo, Żużu Rizzo, Edward Azzopardi, Oscar Bartolo, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Twanny Mallia, Salvu 'Scotch' Scicluna, Joe Mizzi.

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Alfie Pearson, Joe 'Parsottu' Cilia, George Dalli, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Ernest Chappelle, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Paddy Sloan, Lino Maistre.

1. Din il-partita oriġinarjament kellha tintlagħab il-Ħadd 12 ta' Diċembru, 1954, iżda kienet tħassret minħabba l-maltemp.

2. Rabat introduċew fit-tim għall-ewwel darba lil żewġ plejers ġodda meta ddebuttaw Lino Maistre li huma kienu akkwistaw mingħand it-tim relegat ta' Melita FC fit-trasferimenti tas-sajf, u ż-żagħżugħ Pawlu Said li ħa post Charles Azzopardi 'Il-Grioss'. Azzopardi fil-fatt kien għarraf lill-kumitat ta' Rabat FC li hu ma kienx bi ħsiebu jinżel iktar għall-logħob magħhom jekk ma jingħatax sodisfazzjon fuq xi kummenti li ntqalu fuqu minn xi membri tal-Kumitat. Huwa kien għarrafhom ukoll li kien ser jikteb lill-MFA sabiex jieħu r-release.

3. Twanny Mallia seta' poġġa lil St. George's fil-vantagg, fl-64 minuta, iżda x-xutt tiegħu mill-*penalty spot* spiċċa għoli.

4. Ftit minuti qabel ħin il-mistrieħ ir-referi, Cassar Naudi, keċċa lil Nenu Mizzi tas-Saints u lil Johnnie Azzopardi ta' Rabat.

5. St. George's kienu xtraw lill-gowlkiper Gili mingħand Valletta FC għal £20. Gili kellu jieħu post il-gowlkiper regolari George Borg wara li dan tal-aħħar ġie sospiż għal żewġ logħbiet minħabba inċidenti li seħħew f'partita mill-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni meta St. George's kienu ħarġu barra mill-ground kontra Floriana.

6. Il-ġurnal *Il-Berqa*, fir-rapport tal-partita, kiteb li ma' Rabat irritorna l-plejer Spiteri (b'riferenza għal Ruġġieru Spiteri li kien ilu nieqes mit-telfa ta' 1-2 kontra Floriana ta' Jannar, 1954) iżda *fil-line-up* l-ebda plejer Spiteri ma kien imniżżel.

**Klassifika**: Floriana FC 10 pti.; Sliema Wdrs. FC 8 pti.; Ħamrun Sp. FC 7 pti.; Valletta FC 5 pti.; Birkirkara FC 4 pti.; Hibernians FC, Rabat FC u St.George's FC 2 pti.

**L-Aqwa Skorers**: S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 6 gowls; L. Borg (Floriana FC) u G. Psaila (Ħamrun Sp. FC) 5 gowls; T. Cauchi (Floriana FC), J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) u P. Zammit (Valletta FC) 4 gowls.

## Is-Sitt Ġurnata

**18-12-1954:**
**Ħamrun Sp. FC – Hibernians FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Skorja: G. Psaila (Ħam) 73'.**
**Referi: Leli Spiteri**
**Linesmen: C.D. Lusted u B.S.M Joseph Galea**

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Frans Damato, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, George Jones, Salvu Azzopardi, Armando Drago, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Joe 'Ir-Rumba' Dimech, Victor Grima, Franġisku Formosa.

*Hibernians FC*: Reggie Pisani, Frans Borg, Joe Grixti, Johnnie Azzopardi, Victor Formosa, Sunny Anastasi, Anthony 'L-Iskitu' Spiteri, Fredu Church, Leli Spiteri, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Ħamrun Spartans kienu mingħajr

*L-attakkant ta' Sliema Wanderers, Tony Nicholl*



is-centre-half Carmelo Grech 'In-Nene' minħabba li kien imweġġa'.

2. L-Ispartans lagħbu għal kwarta tal-ewwel taqsima b'għaxar plejers meta l-plejer tagħhom Ġużi Dimech kellu joħroġ wara li weġġa', fid-29 minuta, u rritorna jilgħab fil-bidu tat-tieni taqsima.

**19-12-1954:**
**Sliema Wdrs. FC – Birkirkara FC 3-1**
**H.T 1-1**
**Skurjaw: F. Bonnici (B) 25', J. Xuereb (S) 44', S. Nicholl (S) 75' u T. Nicholl (S) 89'.**
**Referi: Joe M. Cassar Naudi.**
**Linesmen: E. Norton-Jones u W.F. West.**

*Sliema Wdrs.* FC: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Salvu Bonnici, Karm Borg, Tony Nicholl, Ninu Calleja, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Salvinu Schembri.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Joe Agius, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Lewis Caruana, Fredu Preca, Norman Bell, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Leli 'Il-Likku' Saliba, Bertie Agius, Frans Theuma, Bob Bonavia.

1. Il-Wanderers kienu qed jilagħbu mingħajr Guy Coulet minħabba li l-plejer kien siefer għal btala fl-Italja u kien se jirritorna Malta fil-bidu ta' Jannar. Minħabba f'hekk huwa kien se jitlef ukoll il-logħba tal-Wanderers fit-Tourney tal-Milied kontra Vojvodina.

**08-01-1955:**
**Valletta FC – St.George's FC 2-1**
**H.T 0-1**
**Skurjaw: S. Scicluna (St.Geo) 21', P. Vassallo (V) 63' u J. Urpani (V) 83'.**
**Referi: Joe M. Cassar Naudi**
**Linesmen: Carmel L. Bugeja u Salvu Pirotta.**

*Valletta FC*: Mike 'Moro' Cutajar, Ken Everest, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It Tichy' Grech, Leli Borg Bonaci, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Żeppi Micallef, Josie Urpani, Leli 'Il-Pesa' Pace, Jimmy Casha, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

*St. George's*: Nenu Gili, Johnnie Wilson, Willie Xerri, Peppi Delceppo, Żużu Rizzo, Edward Azzopardi, Oscar Bartolo, Salvu 'Scotch' Scicluna, Patrick O'Shea, Freddie Falzon, Joe Mizzi.

1. Il-grawnd kien mimli għadajjar u tajn kawża tax-xita qawwija li niżlet kemm qabel kif ukoll waqt l-ewwel taqsima tal-partita.

**09-01-1955:**
**Floriana FC – Rabat FC 7-0**
**H.T 4-0**
**Skurjaw: B. Camilleri (F) 9', L. Vella (F) 14', P. Demanuele (F) 27', L. Borg (F) 40', T. Cauchi (F) 58' u L. Borg (F) 65' u 83'.**
**Referi: Fredrick G. Hawker**
**Linesmen: E. V. Norton Jones u J.G. Pearce.**

*Floriana FC*: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Lolly Debattista, Ċensu Fenech, Karmenu Xerri, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Tony Vella, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Benny Camilleri, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Alfie Pearson, Joe 'Parsottu' Cilia, Charles 'Il-Kis' Zahra, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Lewis Vigar, Paddy Sloan, Charles Theuma, Lino Maistre.

1. Żewġ minuti qabel il-mistrieħ Rabat tilfu lill-plejer Alfie Pearson li ġibed muskolu u kellu jħalli l-ground.

2. Minuta qabel intemmet l-ewwel taqsima Karmenu Xerri ta' Floriana falla penalti.

3. Floriana kienu qed jilagħbu mingħajr Leli Zammit wara li dan kien weġġa' waqt it-tour tal-ikswadra Furjaniża fi Tripli.

**Klassifika**: Floriana FC 12-il pt.; Sliema Wdrs. FC 10 pti.; Ħamrun Sp. FC 9 pti.; Valletta FC 7 pti.; Birkirkara FC 4 pti.; Rabat FC, Hibernians FC u St.George's FC 2 pti.

**L-Aqwa Skorers**: L. Borg (Floriana FC) 8 gowls; S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 7 gowls; G. Psaila (Ħamrun Sp. FC) 6 gowls; T. Cauchi (Floriana FC) u J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) 5 gowls u P. Zammit (Valletta FC) 4 gowls.

## AĦBARIJIET

*Fit-8 ta' Diċembru, 1954, Sliema Wanderers rebħu x-Scicluna Cup għat-tielet sena konsekuttiva meta kienu għelbu lil Floriana 1-0 b'gowl tal-veteran Tony Nicholl, ħdax-il minuta mit-tmiem. Din kienet ir-raba' edizzjoni ta' din it-Tazza u sa issa kienu l-Wanderers li dejjem rebħuha.*

*Bejn il-15 u t-23 ta' Diċembru, 1954, Floriana FC marru fi Tripli, fil-Libja, fejn hemmhekk lagħbu tliet partiti ta' ħbiberija. Fis-17 ta' Diċembru, kienu għelbu Selezzjoni minn Tripli 1-0 b'gowl ta' Pullu Demanuele, jumejn wara kienu għelbu lil Ittihad 2-1 b'żewġ gowls ta' Lolly Borg filwaqt li fit-22 ta' Diċembru kienu sfaw megħluba 3-1 minn Selezzjoni tal-Armata Ingliża bil-gowl Furjaniż jerġa' jiskorjah Lolly Borg.*

*Fid-9 ta' Jannar, 1955, l-MFA laqgħet it-talba ta' Dr. Maurice Decesare li rriżenja minħabba mpenji politiċi. Minbarra li kien membru fil-Kunsill tal-MFA, Dr. Decesare kien jokkupa żewġ karigi fejn minfloku fuq il-Bord tad-Dixxiplina nħatar is-Sur Leone Fenech filwaqt li l-President tal-MFA, Lawrence Farrugia, mela l-post battal fis-Selection Board tat-tim nazzjonali Malti. Wara li għaddiet l-Elezzjoni Ġenerali tas-27 ta' Frar, 1955, Dr. Decesare irritorna fil-Kunsill tal-MFA.*

*Fl-14 ta' Jannar, 1955, it-tim magħżul Malti, MFA XI, ifformat minn 14-il plejer, il-kowċ Joe Griffiths u l-uffiċjali tal-MFA Charles Debono, Charles Jones, Doublesin u Eugenio Bonello ħalla Malta sabiex jilgħab partita ta' ħbiberija kontra t-tim tas-Serie A Taljan, Catania, fejn jumejn wara t-tim Malti safa megħlub 3-1. Din kienet it-tieni darba li tim magħżul Malti mar jilgħab barra bl-ewwel okkażjoni tkun, fl-1923, meta l-Maltin kienu lagħbu żewġ partiti f'Ruma. Biex laqgħu l-istedina tal-klabb Sqalli l-MFA tħallset £190 għall-ispejjeż tal-vjaġġ u £100 oħra. Barra minn hekk Catania intrabtu li jiġu Malta għal partita ta' ritorn.*

*Fit-30 ta' Jannar, 1955, f'partita mill-kampjonat tat-Tielet Diviżjoni fix-Schreiber Sports Ground, Little Rainbows għelbu lil Naxxar Lions bl-iskor ta' 11-0. Sa tmiem l-ewwel taqsima r-Rainbows kienu diġà skorjaw tmien darbiet. Il-gowls tagħhom waslu minn erba' gowls ta' Schembri, żewġ gowls ta' Dwinu Tagliaferro, żewġ gowls Tabone u gowl kull wieħed minn Formosa, Scannura u Montfort.*

# Mill-2008 aktar minn 390,000 vettura għamlet użu miċ-Ċentri għall-Iskart Goff.

Iċ-Ċentri għall-Iskart Goff (Civic Amenity Sites), li huma faċilitajiet ikkreati minn WasteServ Malta Ltd. għas-separazzjoni ta' skart domestiku goff, għadhom kif laħqu mira importanti. Sa l-aħħar ta' Diċembru 2010, aktar minn 390,000 vettura kienet għamlet użu minn dawn iċ-Ċentri, b'madwar 58,500 tunnellata ta' skart separat miġbur.




**"Nirringrazzjawk talli qed tipproteġi l-ambjent."**

Dawn iċ-Ċentri għal skart goff huma faċilitajiet ikkontrollati fejn membri tal-pubbliku jistgħu iġibu u jarmu l-iskart domestiku tagħhom b'mod separat. Il-pubbliku jista' jidħol bil-vettura u jarmi materjal differenti li jikludi skart elettroniku, għamara, skart tal-ġnien, kartun, mediċni skaduti, żjut u ħafna tipi ta' skart ieħor.

Dawn iċ-Ċentri jinsabu l-Imrieħel, Ħal Far, il-Magħtab u tal-Kus fix-Xewkija Għawdex u jkunu miftuħa bejn is-7.30 a.m. u 5.30 p.m. kuljum inklużi l-weekends u l-festi.

**Aktar informazzjoni fuq www.wasteservmalta.com jew FREEPHONE 8007 2200**

WasteServ Malta Ltd

PROGRAMM TA' FONDI STRUTTURALI GĦAL MALTA 2004-2006
PROĠETT KO-FINANZJAT MILL-UNJONI EWROPEA
FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI
RATA TA' KO-FINANZJAMENT: 73%

REPUBBLIKA TA' MALTA

## Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# It-Tiġrija tal-Vitorja (1980-1989) ... It-Tmien Parti

Tkompli s-silta dwar it-tiġrija tad-dgħajjes tal-Midalji tal-1988 li tagħtina ħjiel kemm din it-tiġrija kienet sabiħa: *'... Bormla żiedu l-kolpi, fethu vantaġġ sostanzjali bir-riżultat li fost l-entużjażmu tal-partitarji Bormliżi, waħda mid-dgħajjes tagħhom daħlet l-ewwel, b'vantaġġ ta' żewġ tulijiet fuq il-Marsa li daħlet fit-tieni post. F'ħin minnhom l-ekwipaġġ tad-dgħajsa 'San Duminku' ta' Marsamxett/ Valletta deher jagħti qadfa b'saħħitha biex daħal fit-tielet post ...'* Għal din l-edizzjoni, Marsa żanżnu dgħajsa ġdida – San Mikiel.

Fl-1989, dan il-palju reġa' ntrebaħ mill-ġdid mid-distrett ta' l-Isla, b'rebħa mill-aktar konvinċenti fejn iż-żewġ dgħajjes ħomor u sofor daħlu fl-ewwel żewġ postijiet. L-ekwipaġġ rebbieħ li ġerra bid-dgħajsa Marija Inkurunata kien ifformat minn Joseph Farrugia, Lawrence Attard, Sunny Thomas u Paul Busuttil. Mat-tir tal-ħruġ, deher ċar liema distrett kien se jirbaħ din it-tiġrija. Dwar l-andament ta' din it-tiġrija eċċitanti tkellimna din is-silta: *'... iż-żewġ dgħajjes tal-Isla mill-ewwel marru fuq quddiem u minkejja l-attakk li kellhom mid-dgħajjes ta' Bormla, baqgħu jżommu l-vantaġġ sal-aħħar biex ħadu l-ewwel u t-tieni post. L-ewwel dgħajsa ta' Bormla ġiet skwalifikata biex it-tielet post ħaditu t-tieni dgħajsa ta' Bormla ...'*

Hekk kif tħabbar ir-riżultat ta' din it-tiġrija, wieħed mill-qaddiefa protagonisti kkummenta hekk: *'... kellna tiġrija tajba ħafna ... aħna konna l-favoriti li nirbħu dan il-palju u rbaħnieh ... għall-klabb tagħna dan hu rekord ieħor għax mill-1955 sas-sena l-oħra, l-ebda distrett ma rnexxielu jirbaħ l-ewwel żewġ postijiet f'din il-korsa .... kif spiċċat it-tiġrija, smajt lil wieħed minn sħabi jgħid li fl-1962 l-Isla wkoll kienet rebħet l-ewwel żewġ postijiet f'tal-Midalji, iżda f'dik l-edizzjoni ma kinux ħadu sehem id-distretti kollha minħabba l-bojkott ....'*

**Korsa tal-Frejgatini**

Matul is-snin 80, il-korsa tal-Frejgatini kompliet iżżid fil-popolarità tagħha fir-Regatta Nazzjonali, tant hu hekk, li nsibu edizzjonijiet fejn din il-korsa ġiet deskritta bħala l-isbaħ waħda tat-tiġrija. Kien żmien ukoll meta d-diriġenti tal-klabbs tar-Regatta bdew jarmaw l-opri żgħar – il-Frejgatini u l-Kajjikki b'qaddiefa stabbiliti għax bdew jifhmu l-importanza tagħhom u li pjazzament fihom seta' jrebbaħhom ix-Shield. Minħabba hekk, dawn il-korsi saru aktar akkaniti u bdew jiġbdu l-attenzjoni ta' l-ispettaturi minħabba r-rivaltà li ħafna drabi kienet tispikka fost il-qaddiefa avversarji matul it-tiġrija.

Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn ir-riżultati uffiċjali ta' din il-korsa fir-Regatta Nazzjonali, jasal biex jgħid, li bejn l-1980 u l-1985, din il-korsa kienet iddominata kompletament mill-qaddiefa Bormliżi, iżda wara, minkejja li d-distrett Ċelesti baqa' meqjus bħala l-isfidant ewlieni fiha, insibu li dan il-palju ntrebaħ mill-Isla, il-Birgu kif ukoll mill-Marsa. Ironikament id-distrett Senglean, tradizzjonalment meqjus bħala forza fil-Frejgatini, matul dan il-perijodu ta' snin irnexxielu jirbaħ dan il-palju darba biss, fl-1986, iżda dan is-suċċess ma jirreflettix b'mod xieraq u sewwa s-saħħa u l-qawwa ta' l-ekwipaġġi Sengleani f'din il-korsa, meta ħarsa lejn ir-riżultati ta' din il-korsa juruna li f'din l-epoka daħlu erba' darbiet it-tieni u darbtejn it-tielet post. L-istess nista' ngħid għad-distretti ta' Marsamxett/ Valletta u l-Kalkara li minkejja ftit li xejn jissemmew f'din il-korsa fis-snin 80, dawn dejjem ipparteċipaw fiha u f'xi edizzjonijiet kienu avversarji ħorox għar-rebbieħa.

Fl-1980, dan il-palju ntrebaħ minn Bormla bil-qaddiefa Mario Vella u Raymond Azzopardi u t-tmunier Jason Azzopardi. Silta qasira tagħtina stampa dwar l-andament ta' din it-tiġrija li fiha ipparteċipaw 12-il Frejgatina: *'... it-tieni tiġrija kienet rebħa b'tul ta' żewġ Frejgatini għall-qaddiefa ta' Bormla li rebħu faċilment quddiem il-Frejgatina ta' l-Isla u dik ta' Marsamxett/Valletta li daħlet tat-tielet post ...'*

Fl-1981, dan il-palju reġa' ntrebaħ mill-ġdid minn Bormla bil-qaddiefa Mario Vella u Raymond Azzopardi u t-tmunier Jason Azzopardi f'tiġrija li kienet missielta mill-bidu sat-tmiem tagħha bejn il-protagonisti u l-avversarji tagħhom l-Isla kif se naqraw f'din is-silta sportiva: *'... it-tiġrija tal-Frejgatini kienet eċċitanti ħafna bejn iż-żewġ Frejgatini ta' Bormla u ta' l-Isla ...'* Silta oħra tgħidilna hekk: *'... il-qaddiefa Bormliżi għamlu sforż kbir u dan ta l-frott għaliex irnexxielhom jispiċċaw l-ewwel u fit-tielet post, bil-qaddiefa tal-Isla jiksbu t-tieni post ...'*

Fl-1982 dan il-palju ntrebaħ għat-tielet darba konsekuttiva minn Bormla din id-darba bil-qaddiefa Mario Vella u Gino Cassar u t-tmunier Alex Grech. Silta qasira minn rapport sportiv tgħidilna kif żvolġiet din il-korsa: *'.... it-tiġrija tal-Frejgatini b'żewġt imqadef irriżultat f'waħda interessanti bil-soltu qaddiefa ta' Bormla Mario Vella u Ġino Cassar jiddettaw il-korsa sa mill-bidu nett minkejja l-isfida qawwija tal-Birgu. Il-konfront dirett bejn Marsamxett u l- Isla*




*Qaddiefa u partitarji Bormliżi jifirħu bir-rebħa tax-Shield fl-1980*

minn Joseph Serracino





*Id-dgħajsa ta' bi Tnejn ta' Bormla tidher quddiem iż-żewġ dgħajjes ta' l-Isla f'waħda mill-frażijiet tat-tiġrija tal-Vitorja fl-1989*

*għat-tielet post irriżulta f'wieħed mill-aktar bilanċjat bl-ekwipaġġ tal-Isla jispiċċa fit-tielet post ...'*

Fl-1983, dan il-palju ntrebaħ minn Bormla għar-raba' darba nfila bil-qaddiefa Mario Vella u J. Falzon waqt li t-tmunier kien R. Vella. Silta meħuda minn artiklu sportiv tagħtina stampa kif żvolġiet din il-korsa: '... *il-korsa tal-Frejgatini, il-qaddiefa Bormliżi mill-ewwel kisbu vantaġġ sostanzjali fil-lane tan-nofs biex b'qadfiet spissi komplew resqin lejn it-tmiem bl-istess ritmu. Iżda minn mal-ġenb spissat tajjeb ferm dik tal-Birgu, naqsu id-distakk, dehru li kienu se jilħquhom iżda kien tard wisq. Minn wara daħlet it-tieni opra tal-Birgu ...'*

Fl-1984, dan il-palju ntrebaħ mill-Birgu bil-qaddiefa Paul Grech u John Elseworth u t-tmunier Ray Zammit bil-Frejgatina 'Ġirbija'. Din is-silta tagħtina stampa ċara dwar l-andament ta' din il-korsa li ġiet deskritta bħala waħda mill-isbaħ tiġrijiet ta' din l-edizzjoni: '... *din kienet waħda mill-isbaħ tlielaq fir-Regatta tal-bieraħ. Għall-ħinijiet twal kien hemm numru ta' Frejgatini raggruppati flimkien bil-Birgu, Bormla, Kalkara, l-isla u l-Marsa jżommu l-pass sakemm bi sprint finali l-Birgu rnexxielhom iwaqqfu d-dominanza li gawdew Bormla f'dawn l-aħħar ħames snin meta daħlu l-ewwel filwaqt li Bormla kellhom jikkuntentaw bit-tieni post. Marsa kisbu l-ewwel u l-uniku palju ta' din ir-Regatta meta daħlu t-tielet ...'*

Wieħed mill-protagonisti, eċċitat bir-rebħ tal-palju kkummenta hekk wara t-tiġrija: '... *minn qabel it-tiġrija kulħadd kien qed jgħoddna bħala l-favoriti li nirbħu dan il-palju ... magħna kien hemm Bormla, li rebħu dan il-palju f'dawn l-aħħar snin, iżda aħna konna fiduċjużi li nirbħu l-palju għax fil-provi konna aħjar minnhom ... ir-rebħ tal-palju ssaħħaħ dak li qed ngħid jien ...'* Għal din l-edizzjoni Marsamxett/Valletta żanżnu Frejgatina ġdida 'Ċintura'

Fl-1985, dan il-palju ntrebaħ mill-ġdid mill-Frejgatina Bormliża 'Marija Immakulata' li bħala qaddiefa kellha lil Toni Previ u Ġino Cassar waqt li t-tmunier kien Gilbert Aguis. Din kienet waħda mill-aktar tlielaq eċċitanti għaliex matul il-korsa, għal ħinijiet twal, kien hemm diversi Frejgatini li baqgħu jżommu linja waħda kif tgħidilna din is-silta: '... *bi 12-il opra jieħdu sehem f'dik riservata għall-Frejgatini b'żewġt imqadef u tmunier, assistejna għal taqtiegħa interessanti miż-żewġ ekwipaġġi ta' Bormla li flimkien ma' dawk tal-Birgu u Marsa ddettaw it-tiġrija tista' tgħid mit-tluq. Kien biss fl-aħħar fażijiet tat-tiġrija li Bormla kkonfemaw il-vena stupenda tagħhom biex daħlu fl-ewwel żewġ postijiet segwiti mill-Marsa ...'*

Fl-1986, dan il-palju ntrebaħ mill-Isla bil-qaddiefa Raphael Degiorgio, Tony Attard u t-tmunier Lawrence Ciantar bil-Frejgatina 'Sirena'. Kienet tiġrija akkanita ħafna fejn il-protagonisti tagħha kienu t-tliet klabbs tal-Kottonera kif tgħidilna din is-silta: '... konna ilna s-snin ma naraw lill-Isla fuq quddiem. Din is-sena taw risposta! F'dik tal-Frejgatini permezz tal-opra 'Sengleana' fetħu ferm tajjeb minkejja l-isfida tal-eterni rivali Bormla u l-Birgu bl-opri 'Immakulata'



*L-aħħar sforzi mill-ekwipaġġi avversarji fil-korsa tal-Frejgatini hekk kif dawn jaqbżu l-Ponta ta' l-Isla u jidħlu fl-aħħar fażi tat-tiġrija*

ISLA | MARSA | MARSAMXETT | BORMLA | BIRGU | KALKARA | BIRŻEBUĠĠA



*Qaddiefa u partitarji Bormliżi jifirħu bir-rebħa tax-Shield fl-1980*

u ' Katie' rispettivament. L-Isla daħlu b'saħħithom, żammew il-vantaġġ minimu fuq Bormla biex f'ħin ta' 7 minuti 3.6 sekondi rebħu dan il-palju ...'

Fl-1987, dan il-palju ntrebaħ mill-Marsa bil-qaddiefa Pawlu Grech u Mario Micallef u t-tmunier Colin Grech bil-Frejgatina 'Pawlina' Kienet tiġrija sabiħa u bilanċjata ħafna kif se naqraw f'din is-silta sportiva: *'... f'din it-tiġrija wkoll kien hemm bidu bilanċjat iżda bil-mod bdew jaqdfu il-Marsa, l-Isla u ż-żewġ dgħajjes ta' Bormla. Min-nofs 'il quddiem il-Marsa bdew iżidu l-pass fil-waqt li waħda mill-Frejgatini ta' Bormla nqatgħet lura. Ma kienx hemm dubju dwar ir-rebħa tal-Marsa. It-tieni daħlu l-Isla u Bormla t-tielet...'*

Silta oħra tkompli tagħtina aktar tagħrif dwar din il-korsa: *'... fil-Frejgatini b'żewġt Imqadef u tmunier, bi 12-il opra jieħdu sehem, fit-12-il Lane Marsa fetħet tajjeb minkejja t-tweġiba fit-tmien lane mill-Isla. Aktar ma għadda ħin, il-Frejgatini ta' Bormla 'Marija Immakulata' u 'Il-Bormliża' bdew iżidu, mir-raba' u d-dosa' lane sabiex kienu proprju l-aħħar 100 metru determinanti għal Marsa li spissjaw ħarira qabel l-Isla u daħlu l-ewwel f'ħin ta' 7 minuti u 22 sekonda...'*

Fl-1988, dan il-palju ntrebaħ mil-ġdid mill-Marsa bil-qaddiefa Pawlu Grech u Mario Micallef waqt li t-tmunier kien Colin Grech. Kienet tiġrija sabiħa li żvolġiet f'taqtiegħa ħarxa bejn il-Marsa u Bormla kif tgħidilna din is-silta meħudha minn artiklu sportiv: *'... bis-sitt distretti jippreżentaw żewġ opri kull wieħed f'dik riservata għall-Frejgatini b'żewġt Imqadef u tmunier, kien hemm ftuħ tajjeb minn diversi Frejgatini, iżda sforz l-għejja li taħkem f'din it-tiġrija minħabba l-ħin li tieħu , kien biss lejn nofs il-korsa li bdew jiddistingwu ruħhom l-ekwipaġġi. Il-Kalkara u l-Birgu ċedew biex min-naħa ta' Ras-Ħanżir, Bormla fetħu tajjeb bl-Isla jirrispondu fit-tmien lane. Marsa, rebbieħa tas-sena li għaddiet, żiedu l-kolpi bil-Frejgatina 'Pawlina' u rnexxielhom jidħlu fl-ewwel post, b'ħarira vantaġġ fuq Bormla u l-Isla li daħlu fit-tieni u t-tielet post rispettivament...'*

Fl-1989, dan il-palju ntrebaħ mid-distrett tal-Birgu bil-qaddiefa Ronnie Zammit u Anthony Cachia u t-tmunier Darin Mizzi. Hemm min isostni li din it-tiġrija kienet l-isbaħ tiġrija tal-Frejgatini matul is-snin 80. Dwar l-andament ta' din il-korsa tkellimna din is-silta qasira: *'... fit-tiġrija tal-Frejgatini kien hemm tmiem spettakolari bi tliet opri jidħlu viċin xulxin. Kienu l-istess Frejgatini li bdew l-isfida sa mill-bidu nett u baqgħu jissieltu sal-aħħar qadfa. L-ewwel post ħaditu l-Frejgatina tal-Birgu, it-tieni dik ta' l-Isla u t-tielet dik tal-Kalkara...'*

### *Korsa tad-dgħajjes tal-Pass b'żewġt Imqadef 'Ċ'*

Tradizzjonalment din it-tiġrija minn dejjem kienet akkanita u ġibdet l-ammirazzjoni ta' l-eluf kbar ta' spettaturi li kull sena jinżlu jaraw dawn it-tiġrijiet tad-dgħajjes f'nhar il-Vitorja. Ma nkunx qed nesaġera meta ngħid li matul dan il-perijodu ta' snin din il-korsa kienet iddominata mill-Bormliżi, iżda d-distretti tal-Birgu, l-Isla u Marsamxett/Valletta rnexxielhom jirbħuha wkoll.

Fl-1980, dan il-palju ntrebaħ minn Bormla bil-koppja Ċikku Azzopardi u Mario Azzopardi, f'tiġrija li fiha ipparteċipaw 11-il dgħajsa.

*Ikompli fil-ħarġa li jmiss*



*Ritratt storiku għas-Sengleani fir-Regatta Nazzjonali fl-1989 - Il-kisba mill-ġdid tax-Shield wara 23 sena*

# Barriers to exercise

by Dr. Kirill Micallef Stafrace
Sports and Exercise Medicine Consultant and Senior Lecturer in Sports Science







Summer is here and with it come the usual excuses of the weather being too hot and humid to exercise (in winter we hear that it too cold, wet, windy and dark). Finding a reason for not starting or maintaining an exercise regimen is easy. The hard part is resisting and finding a solution.

Let us work through a number of scenarios and see if we find a viable solution. The weather: too hot- choose early morning or evening to exercise and ensure you are wearing the appropriate clothing and are well hydrated. Too cold- wear warm clothes and make sure you protect your skin. Also nowadays with the influx of new gyms and alternative indoor exercise venues, be them in a class setting or as personal training., we really cannot use the weather as an excuse.

Next scenario: no time: well make it. You have time to watch TV, play videogames, read, chat on the phone etc , then you can find time to exercise. With proper planning and prioritising this is achievable. If need be break down the exercise into shorter training sessions and incorporate it in your daily activities. A simple example would be to park your car some distance from work. This means that you have to walk to and from work and thereby have a daily exercise dose without compromising your allegedly busy daily schedule. You can also plan family activities that involve the whole family such as short daily walks together or weekend treks.

Exercise is boring: then choose something that you enjoy, ideally with someone else such that an element of competition, camaraderie and mutual support sets in. We all have bad days but a fellow exerciser can be the motivation you need to get out of bed or do that extra mile. However if you are undertaking a physical activity that you just abhor, then you will quit. Hence what type of exercise you choose is vital right from the start. This might require some experimenting and trial and error situations, but eventually you will encounter the exercise that you will feel comfortable with.

Too tired or too lazy: Be reasonable. Do not raise your expectations such that failure is the only target you will achieve. Start slowly and build on this. Getting exercise out of the way before work or during the lunch break is a good way of ensuring that you keep to the regimen. At the end of a working day you might really be too tired and poorly motivated, at the same time , if you start enjoying the exercise then it might be something to look forward to.

Self consciousness: yes it's a reality we all have to deal with. We might not be too comfortable in the way we look. Hence try to avoid the crowds and train when there are less people around. This must influence the choice of exercise right from the beginning. Therefore joining a gym might not be right for you yet an early morning walk with the dog or an evening stroll would fit the bill, as would personal training or home based exercise.

I have encountered all sorts of barriers to exercise in my practice. Some are relevant others are plain ridiculous. All can be overcome if three simple points are adhered to, namely, choose an exercise you enjoy( maybe in company), keep motivated and be realistic in your goals.

*Dr Kirill Micallef Stafrace is a Sports and Exercise Medicine Consultant and a Senior Lecturer in Sports Science.*
kmicallefstafrace@gmail.com

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ
## Flokk ta' Real Madrid

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Awwissu, 2011.

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Real Madrid ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 51

**Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 51 huwa:**

**Shaun Galea - Rabat, Malta**





IRBAĦ €150 VOUCHER MA'

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Awwissu, 2011

Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.

Isem ______________

Indirizz ______________

Email ______________

# SPORTIV Tisliba

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 51

| | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | I | Z | I | E | B | | R | | H | I | R | A | C | A | N |
| E | | A | | | E | D | D | I | E | | O | | E | | I |
| N | A | N | I | | R | | | | E | L | L | U | L | | C |
| E | | E | | S | T | I | B | B | S | | A | | T | I | E |
| G | A | T | T | | U | | O | | E | | N | E | A | L | |
| H | | T | | T | | D | E | N | | B | D | | | I | |
| I | | I | R | I | B | A | R | | | I | | P | A | C | I |
| N | O | | | R | | N | | A | N | G | I | E | | | C |
| | S | | X | | M | I | N | G | | O | | R | | L | E |
| F | A | B | I | O | | I | | E | | N | O | E | L | | |
| | G | | A | | C | L | I | N | T | | | Z | A | R | B |
| | I | A | N | | H | | | D | | R | | | S | | E |
| S | E | R | G | E | I | | I | A | Q | U | I | N | T | A | |
| P | | I | | | V | A | N | | | U | | B | A | L | L |
| | A | S | S | O | U | | A | B | I | D | A | L | | F | T |

Ir-rebbieħ tal-Ħarġa Nru. 51 ta' Ġunju 2011 huwa: Melvin Monreal - Fgura

### MIMDUDIN

1) Deheb, ..... jew Bronż (5)
4) Jesmond, editur tal-magażin "Sportiv" (5)
8) Min jaf kemm il-wieħed għamel il-mibki David Cluett (4)
9) Tommy, eks referi Malti tal-Futbol (7)
10) "...... De Roc", żiemel Franċiż fil-Marsa (6)
13) Iċ-ċirkwit tal-F1 fil-Belġju jinsab fi ...-Francorchamps (3)
15) Villas-...., il-kowċ il-ġdid fi Stamford Bridge (4)
17) Martin iċ-Ċek lagħab ma' diversi klabbs Maltin tal-Futbol (6)
19) L-aktar mossa li tintlaqa' b'ovazzjoni fit-Tennis (3)
20) Meier irreferi l-partita 'taħraq' USA-Iran fil-WC 1998 (3)
22) u 29) Hawn issib ir-Rugby, il-Golf, iż-Żwiemel u aktar (5)
24) Frank iddebutta ma' Chelsea fid-19 ta' Awwissu 2009 (7)
27) Il-kunjom 'imqassar' tal-kowċ il-ġdid ta' Inter (4)
29) Ara 22 Mimdudin
30) Emile, attakkant ta' Aston Villa (6)
32) Il-futboler 'Habib' ta' 30 Mimdudin (4)
35) John jilbes il-flokk numru 26 ta' Chelsea (5)
36) u 38) Balazs, plejer Ungeriż ta' Sirens WPC (5)
37) Il-laqam 'nazzjonali' ta' New Zealand fli sport (5)
38) Ara 36 Mimdudin
39) ....RANCE, 'sfida sportiva' bħal ma hija t-Triathlon (4)
40) u 42) Muscat, il-futboler Malti ta' Wellington Phoenix (5)
41) 'Rappreżentant' ta' sportivi professjonali (5)
42) Ara 40 Mimdudin

### WEQFIN

1) Il-powerboat rebbieħa tal-Malta Ocean Grand Prix (7)
2) Diane rebħet id-Deheb fli Squash fil-GSSE 2011 (6)
3) Tony, 504 partita fil-qalba tad-difiża ta' Arsenal (5)
4) Tamas, plejer Ungeriż ta' Neptunes WPC (6)
5) Borg, gowlkiper ta' Msida, Birkirkara, Hamrun.... (4)
6) L-ewwel 4 ittri tal-klabb Estudiantes de la Plata (4)
7) Peng ... .., Bronż fit-Table Tennisa fil-GSSE 2011 (3,2)
11) Frenċu, jockey Malti ta' esperjenza kbira (6)
12) u 20) Żarbun tal-Futbol fih aktar minn wieħed (4)
14) Michael, għawwiem b'16-il midalja Olimpika (6)
16) Borg, il-jockey li rritornat wara sentejn imweġġa' (5)
18) u 33) Sebastian, gowlkiper Franċiż ta' Fiorentina (4)
20) ara 12 Weqfin
21) Matteo beda l-karriera tieg_u fil-lasti ta' Sampdoria (6)
23) Alberto Gilardino (1,1)
25) 'Laqgħa' tal-Atletika li normalment issir fis-sajf (7)
26) Jo-Wilfred issorprenda lil Roger Federer f'Wimbledon (6)
28) Dan jiġi 'wara' ż-żiemel u 'taħt' il-jockey (6)
31) "No To Racism?" - "... We Can" (3)
32) Law, judoka Malti fil-kategorija tas-60kg (5)
33) Ara 18 Weqfin
34) u 39) 'Taċ-......, champions Maltin fil-Cricket (6)
38) Sergio Lionel "..." Agüero (3)
39) Ara 34 Weqfin

THE EuroSport REAL GREAT

SPRING/SUMMER

# SALE

## IS NOW ON!

THIS IS AN HONEST SALE, A REDUCTION IN PRICE NOT IN QUALITY

adidas® Reebok SKECHERS® Kappa HEAD®

| | |
|---|---|
| EUROSPORT – PSAILA STREET, BIRKIRKARA | TEL: 23859248 |
| EUROSPORT – NAXXAR ROAD, IKLIN | TEL: 23859350 |
| EUROSPORT – BAYSTREET SHOPPING COMPLEX, ST. JULIAN'S | TEL: 23859320 |
| EUROSPORT – ST. AUGUSTINE STREET, ST. JULIAN'S | TEL: 23859310 |
| EUROSPORT – DE TIGNE SLIEMA (NEXT TO NAZARENE CHURCH) | TEL: 23859375 |
| EUROSPORT – PAOLA SQUARE, PAOLA | TEL: 23859335 |
| EUROSPORT – MELITA STREET, VALLETTA | TEL: 23859380 |
| ADIDAS BRAND STORE – PSAILA STREET, BIRKIRKARA | TEL: 23859259 |
| ADIDAS BRAND STORE – BAYSTREET SHOPPING COMPLEX, ST. JULIAN'S | TEL: 23859315 |
| ADIDAS BRAND STORE – THE POINT SHOPPING MALL, TIGNE SLIEMA | TEL: 23859387 |
| ADIDAS BRAND STORE – THE DUKE SHOPPING MALL, VICTORIA GOZO | TEL: 23859365 |
| REEBOK BRAND STORE – PSAILA STREET, BIRKIRKARA | TEL: 23859258 |
| REEBOK BRAND STORE – THE POINT SHOPPING MALL, TIGNE SLIEMA | TEL: 23859386 |
| SKECHERS BRAND STORE - THE POINT SHOPPING MALL, TIGNE SLIEMA | TEL: 23859388 |
| SKECHERS BRAND STORE - THE DUKE SHOPPING MALL, VICTORIA GOZO | TEL: 23859366 |

A MEMBER OF MICHELE PERESSO GROUP OF COMPANIES


Budweiser
takes you to
silverstone formula™
GRAB SOME BUDS
during promotional nights and you could be in pole position for a VIP experience in conjunction with Silverstone formula based at Silverstone.
Look out for the Budweiser Promotional Team in bars around Malta.
In association with:
silverstone formula
Silverstone Formula Ltd, Silverstone Innovation Centre, Silverstone. www.silverstoneformula.com
BADGER Raceway
www.facebook.com/budweisermalta
drinkawaremalta.com for the facts
The winner will be announced on the 20th September during an ability challenge at Badger Carting race track in Ta' Qali. This is a limited time offer. Terms and conditions apply.